# Il-Ħajja f'Għawdex

€2

Frar 2010 * LEHEN L-GHAW ... AL 65 SENA * Nru. 915




# Inħejju "ruħna" għaż-Żjara Tiegħu

# Il-Ħajja f'Għawdex

## GĦAL EWRO FIX-XAHAR!



### Minjiera ta' Tagħrif u Tagħlim dwar Għawdex u l-Għawdxin

*Meta tabbona tkun qed tieħu r-rivista bil- posta u b'nofs il-prezz li tiswa' (2 Ewro l-kopja). Aħseb biex iġġedded l-abbonament tiegħek għas-sena 2010, u ħeġġeġ lil ħbiebek biex jabbonaw huma wkoll. Imla l-formola li ssib taħt jew agħmel kopja tagħha u ibgħatha flimkien ma' ċekk jew 'money order' ta' 10 Ewro lill-*

Amministratur, "Il-Ħajja f'Għawdex",
Lumen Christi Media Centre,
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria VCT 2579, Għawdex.















Isem ______________________________

Indirizz ______________________________

______________________________

*Nixtieq: Nabbona (ġdid)* ❑ jew *Inġedded l-Abbonament għas-sena 2010* ❑

❑ €10 Abbonament Regolari

❑ €20 Abbonament Benefattur (b'rigal tal-ktieb ġdid: '***Pariri tal-Kurat ta' Ars***')

Data ________________ Firma ________________



IL-ĦAJJA f'Għawdex

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 915*
*Frar 2010*
Maħruġa mid-
Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni*:
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860

*e-mail*: gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30)
Benefattur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

## f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 9
Riflessi • 15
Għawdex fil-Ġurnali • 16
Għawdex fil-Parlament • 17
Kummentarju (2) • 18
Ftit Fatti u Kummenti • 19
Attwalità • 21
Kummentarju (3) • 22
Sfidi ta' Żminijietna • 23
Kotba minn Għawdex • 25
Dawl għall-Ħajja • 26
**DOKUMENTAZZJONI**
Solidarjetà Nisranija (7) • 28
Snajja Qodma (27) • 30
Rapport G.T.A. • 32
Kultura Kristjana • 34
Kummentarju (4) • 37
Passiġġata Biblika • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (22) • 40
Għawdex 300 sena ilu (180) • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (16) • 43
Tieqa fuq l-Ambjent (15) • 44
Mil-Lenti tat-Telekamera • 46
Tisliba • 48
Mix-Xena Sportiva • 49
L-Għoljiet ta' Għawdex (2) • 50

**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Joe Attard, Charles Spiteri, Richard Grech, Kurja ta 'l-Isqof, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex, u Ministeru għal Għawdex.*
**Qoxra:** *Stefano Spaziani (Roma).*




# *Ir-Reċessjoni f'din ir-Rokna ta' Dinja Globalizzata*

*Fix-xenarju internazzjonali, fir-reċessjoni li għaddejjin minnha, qegħdin nassistu għall-fenomenu tal-inkorporazzjoni ta' kumpaniji kbar u ta' fama. Hekk, per eżempju dan l-aħħar, ingħaqdu flimkien l-Amerikana 'Kraft' u l-Ingliża 'Cadbury'. Xi minn daqqiet ukoll, kumpaniji żgħar qegħdin jaqtgħu n-nifs u jittieħdu minn oħrajn aktar b'saħħithom.*

*Dan is-sintomu, fid-daqsxejn ta' gżira tagħna, ilu jseħħ minn snin qabel ir-reċessjoni internazzjonali. Hekk ġara, per eżempju, fil-qasam tat-turiżmu – settur mill-aktar importanti tal-ekonomija tagħna. Wieħed għandu jifhem li dan kollu sar għall-aħjar. Iżda sadattant, il-fatt li dan ġara huwa indikazzjoni qawwija li* ***Għawdex minn żmien għall-ieħor ikollu r-reċessjonijiet partikolari tiegħu meta ma jkun hemm l-ebda theddida ta' kriżi internazzjonali. U dawn ir-reċessjonijiet ħadd ma jindenja jsemmihom fl-aħbarijiet nazzjonali. Meta mbagħad, taħt ir-reċessjoni internazzjonali Malta jkollha ħajta deni, Għawdex ikun fir-riskju li jaqbdu deni ta' żiemel, speċjalment fil-kummerċ u fit-turiżmu.***

*Madankollu, ir-reċessjoni s'issa ma għafsitniex daqskemm għamlet f'pajjiżi oħra, ukoll dawk fiż-żona tal-ewro. Fl-Irlanda, per eżempju, is-Soċjetà ta' San Vinċenz de Paul, is-sena l-oħra, nefqet aktar minn sitt miljun ewro fl-ikel li tqassam lin-nies. Din is-sena, il-klijenti għand din is-Soċjetà żdiedu b'ħamsin fil-mija. Nofs dawn huma klijenti ġodda u ħafna minnhom sa sena qabel kienu jikkontribwixxu huma minn buthom għall-opra ta' karità tas-Soċjetà. Fl-Italja, mbagħad, il-gvern daħħal is-'Social Card' li tagħmel lill-familji mhedda mill-faqar intitolati għal xi ikel u ħalib bla ħlas.*

***Għalkemm ħafna huma tal-fehma li f'Għawdex kulħadd, mod jew ieħor, iġaħġaħha, qiegħed mill-ġdid jidher fostna min jittallab.*** *Tabilħaqq li l-għoli tal-ħajja baqa' dejjem tiela', iżda huwa fatt ukoll li x-xibka ta' benefiċċji u għajnuniet soċjali għandha firxa wiesgħa. Allura għaliex hawn min lest li jsaqqaf wiċċu biex jittallab? Jista' jkun verament minħabba l-bżonn li ċirkostanzi tal-ħajja joħolqu, kultant ċirkostanzi skabrużi u imprevidibbli. Imma jista' jkun ukoll li dan hu tort tal-istil tal-ħajja tal-konsumi, jekk mhux ukoll tal-logħob eżaġerat fil-banek tal-lottu u fil-'gambling outlets'.*

*Għaliex dan l-istil ta' ħajja tal-konsumi drajna bih... u darrewna. Il-messaġġ li ħafna drabi qed jasal f'widnejn (għalkemm mhux fil-but) ta' ċikku l-poplu, sajjem mit-teoremi tal-ekonomija, hu, li mqar fir-reċessjoni l-aktar ħaġa importanti hi l-'feel good factor'. Qisu dan hu l-aktar lieva b'saħħitha li ddawwar ir-rota tal-ekonomija nazzjonali. Tant hu hekk li mqar min jazzarda jsejjaħ il-bużżieqa b'isimha jissogra li jkun akkużat li faqagħha. Iċ-ċittadin komuni li jipprova jaqra bejn il-linji tar-retorika, bl-elezzjoni dejjem fl-isfond ta' moħħu, jasal biex jaħseb li l-ekonomija tagħna aktar milli tiddependi minn prinċipji u strateġiji, tiddependi minn burdati – burdati li jgħożżu u li jrewħu l-konsumiżmu.* ***Imma l-konsumiżmu nistgħu nibqgħu sejrin bih sa l-infinit?*** *(ara wkoll l-artikli f'paġni 18 u 32).*

***Meta se jkollna għaqal u kuraġġ biżżejjed biex naqilbu l-folja?***

**Joseph W. Psaila**

www.gozodiocese.org

# Il-Ħajja fid-Djoċesi



*Mis-Seminarista Stanley J. Portelli*

• Fil-bidu ta'kull sena ġdida, Mons. Isqof Mario Grech imexxi l-laqgħa tal-awgurju mas-saċerdoti tad-Djoċesi ta' Għawdex. Din il-laqgħa saret fis-sala tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù nhar is-Sibt 9 ta' Jannar 2010. Dan huwa mument fratern fejn ir-Ragħaj tad-Djoċesi jiltaqa' mal-kollaboraturi tiegħu, s-saċerdoti. Fil-messaġġ tiegħu, l-Isqof għamel aċċenn għal dak li d-Djoċesi tixtieq li jsir matul is-sena l-ġdida, b'riferenza partikulari għall-pastorali tal-ħsieb u xogħol b'risq il-familji. L-Isqof esprima wkoll il-ferħ tiegħu għaż-żjara tal-Papa Beneditti XVI.

• Nhar il-Ħadd 10 ta' Jannar saret iċ-ċerimonja tal-pussess tal-Kappillan il-ġdid tal-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù ġewwa l-Fontana. Dun Joseph Bajada, mill-parroċċa tax-Xagħra ħa l-pussess waqt quddiesa fil-Knisja Parrokkjali. Il-kappillan il-ġdid telaq mid-dar tiegħu u żar il-Bażilika ta' Marija Bambina għal waqt ta' talb. Wara mbagħad fil-kappella tas-Seminarju Maġġuri sar it-Tifħir ta' sbiħ il-jum mal-komunità tas-Seminarju. Il-quddiesa tal-pussess bdiet fl-10.30 am u tmexxiet mill-Isqof tad-Djoċesi Mons. Mario Grech. Il-Kappillan Bajada għal dawn l-aħħar sitt snin kien il-prefett tas-Seminaristi tad-Djoċesi tagħna.



• Nhar il-Ħadd 17 ta' Jannar ġiet iċċelebrata l-festa ta' Sant'Anton Abbati fix-Xagħra. L-Isqof Grech mexxa quddiesa pontifikali fil-Bażilka ta' Marija Bambina u wara l-purċissjoni sal-inħawi ta' Sant'Anton, sar it-tberik tal-annimali.

• Nhar l-Erbgħa 20 ta' Jannar, sar is-Servizz Ekumeniku fil-Knisja Parrokkjali l-qadima t'Għajnsielem li ġie organizzat mill-Leġjun ta' Marija. Dan is-servizz sar bħala parti mill-programm ta' talb fil-ġimgħa ta' talb għall-għaqda fost il-knejjes insara fil-ġimgħa ta' qabel il-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl. Għal din il-laqgħa ta' talb kienu preżenti flimkien mal-Arċipriet tal-post, l-Isqof Mario Grech u l-Can. Simon Godfrey, saċerdot tal-Knisja Anglikana. Fid-diskors tiegħu, l-Isqof Grech wera x-xewqa tiegħu li r-reliġjonijiet joqorbu aktar lejn xulxin fi żmien



meta r-reliġjożità qed tkun mhedda. Min-naħa tiegħu, Can. Godfrey tkellem dwar il-ħtieġa li nħarsu aktar lejn dak li jgħaqqad il-Knisja Kattolika mad-denominazzjoni Anglikana u wera t-tama li fil-futur is-saċerdoti tagħna jkunu jistgħu jqaddsu flimkien.

• Nhar is-Sibt 23 ta' Jannar, il-Familja Muscat, min-Nadur, ingħatat il-premju Qalb tad-Deheb. Dan il-premju din is-sena mess lill-ġenituri u familjari ta' Fr. Joshua Muscat, li ħalliena wara marda terminali f'Settembru 2009. Kien premju mistħoqq lill-ġenituri u ħut Fr Joshua Muscat, li tant daru b'dan is-saċerdot żagħżugħ li l-Mulej sejjaħlu għal għandu fl-aħjar żmien tiegħu. Din is-serata tiġi organizzata ta' kull sena miċ-ċentru ta' Kana li għal snin sħaħ ilha taħdem b'risq il-familji Għawdxin.



***Jum Radd il-Ħajr***

Fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, f'Victoria, nhar il-Ġimgħa 22 ta' Jannar, fis-6.00 p.m. Mons. Isqof Mario Grech, mexxa konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr, biex ifakkar ir-raba' anniversarju mill-konsagrazzjoni tiegħu bħala Isqof għad-Djoċesi t'Għawdex. Ikkonċelebraw fost l-oħrajn, Mons. Nikol G. Cauchi, Isqof Emeritu għal Għawdex u l-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, l-Arċidjaknu Mons. Giovanni Bosco Gauci. Wara, Mons. Isqof Grech flimkien



mas-saċerdoti kienu l-mistiedna għal ikla ppreparata mill-voluntiera tal-istess ċentru.

L-ikla spiċċat bi qsim ta' kejk minn Mons. Isqof, fil-preżenza wkoll t'ommu Marija Stella u missieru George.

***Arċipriet ġdid għall-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, Nadur***



Nhar it-Tnejn 1 ta' Frar 2010, Mons Isqof Mario Grech ħatar lil Mons Jimmy Xerri Ph.L. bħala l-Arċipriet il-ġdid tal-parroċċa tan-Nadur. Mons Xerri, saċerdot mill-presbiterju tal-parroċċa ta' San Ġorġ, Victoria, Għawdex, ilu għal dawn l-aħħar 15-il sena missjunarju fil-Brażil. Mons Jimmy Xerri qed jissuċċiedi lil Mons Salv Muscat li kien ilu Arċipriet tal-parroċċa tan-Nadur minn Novembru 1982.

Mons Jimmy Xerri twieled nhar it-30 ta' Awwissu 1957 fi New South Wales, l-Awstralja, minn Frank u Ġeswalda neè Vella. Ġie mgħammed nhar il-15 ta' Settembru 1957 fil-parroċċa tal-Verġni Marija tal-Karmelu, mmexxija mill-patrijiet Karmelitani f'Wenworthville, bl-isem ta' James George.

Beda l-edukazzjoni primarja tiegħu fl-iskola tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù , u meta l-familja tiegħu irritornat f'Għawdex, kompla l-edukazzjoni fl-iskola Sir Arturo Mercieca u mbagħad fil-Liċeo Ninu Cremona fuq livell sekondarju.

Fl-1974 beda l-kors tiegħu fis-Seminarju ta' Għawdex li kellu jwasslu biex jiġi ordnat saċerdot. Is-sena intermedjarja għamilha f'Melbourne, l-Awstralja, fil-parroċċa ta' St Bernardette, f'North Sunshine. Huwa rċieva l-ordinazzjoni presbiterali fil-Knisja Katidrali nhar is-Sibt 27 ta' Ġunju 1981, minn idejn l-E.T. Mons Nikol Ġ. Cauchi. Iċċelebra l-ewwel quddiesa sollenni tiegħu fil-parroċċa ta' San Ġorġ, fil-Belt Victoria.

Wara l-ordinazzjoni, Dun Jimmy mar Ruma u hemm ħa l-kors tal-filosofija. Lura f'Għawdex hu għadda erba' snin bħala Direttur tal-Istitut San Ġużepp, f'Għajnsielem. F'dak iż-żmien kien ukoll *lecturer* tal-Istorja tal-Filosofija fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù. Għal madwar tmien snin kien ukoll segretarju tal-Isqof Nikol Ġ. Cauchi u ħadem ukoll bħala segretarju fl-iskola tas-Seminarju Minuri.

Għal snin twal Dun Jimmy wettaq ukoll ħidma pastorali fiż-żona tar-Ragħaj it-Tajjeb, f'Taċ-Ċawla. Hawn hu kien magħruf għall-omeliji tiegħu u għall-qalb kbira li kellu għal kulħadd u kien maħbub ħafna mit-tfal, żgħażagħ, adulti u anzjani. Mhux biss kien jorganizza l-laqgħat tal-Azzjoni Kattolika, imma wkoll spiss kien itella' drammi u attivitajiet ta' kull xorta flimkien maż-żgħażagħ.

Kien minn hawn li ħass is-sejħa li jħalli pajjiżu u telaq lejn il-Brażil biex iwettaq ħidma missjunarja f'dan il-pajjiż. Għadda żmien f'parroċċa f'Maceiò u għal xi snin okkupa l-kariga ta' Rettur fis-Seminarju tal-istess belt. Dan l-aħħar kien kappillan ta' San Sebastjan, f'Messias, fl-istat ta' Alogoas, Brażil.

Barra l-kotba li kien ippubblika meta kien għadu Għawdex, fosthom 'Lejn Kultura Nisranija' fl-1993, li baqa' jservi għal snin twal bħala l-aħjar ġabra tas-sillabu tar-Reliġjon fuq livell avanzat, kemm ilu l-Brażil Dun Jimmy ippubblika ħames kotba oħra bil-lingwa tal-post għal ħtiġijiet pastorali. Minn qalbna nifirħulu!

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073



## *X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# "IĊ-ĊENSURA HI PRINĊIPJU EWROPEW"



***Diskors tal-E.T. Mons Isqof Mario Grech fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Franġisk de Sales, il-Ħamis 21 ta' Jannar 2010.***

F'kuntest soċjali bħal tagħna, fejn tinħass l-urġenza li tinfirex ħidma edukattiva tal-bniedem sħiħ, il-midja għandha sehem importanti għax hija strument li jista' jagħmel ħafna ġid f'din l-emerġenza edukattiva.

**Meta l-ġurnalisti jħaddmu l-midja b'mod responsabbli, għandna nkunu ħafna grati lejhom għax bil-kelma mitkellma jew miktuba effettivament huma jinfluwenzaw ħafna fit-tiswir tal-individwu, tas-soċjetà u tal-kultura. Daqskemm il-midja tista' tgħin fit-tajjeb, daqshekk ieħor tista' tagħmel ħsara, speċjalment illum meta aħna m'aħniex edukati biex naqraw jew naraw b'mod kritiku.**

Meta fis-soċjetà tagħna għaddej dibattitu dwar iċ-ċensura, nixtieq nagħmel riflessjoni dwar ***"il-prinċipju ta' prekawzjoni"*** – kunċett li l-ewwel iddaħħal fid-Dikjarazzjoni ta' Rio wara l-*Earth Summit* fl-1992, imbagħad kien adottat mill-Unjoni Ewropea l-ewwel fit-Trattat ta' Maastricht mbagħad fit-Trattat ta' Lisbona. **Skont il-Kummissjoni Ewropea, a bażi ta' dan il-prinċipju, meta wieħed jissuspetta li oġġett partikulari jista' jkollu effetti perikolużi, huwa jista' jwarrab dak l-oġġett mill-idejn. Fi kliem ieħor, f'isem dan il-prinċipju, l-awtorità tintervjeni biex tirtira mis-soċjetà dawk il-prodotti li jistgħu jkunu ta' ħsara għall-ħajja jew għall-ambjent. Min hu responsabbli mill-ġid komuni għandu l-fakultà li jwarrab dak l-oġġett li jista' jkun ta' theddid għall-ħajja.**

Fil-kuntest edukattiv lokali allura nistaqsi għaliex dan il-prinċipju ta' prekawzjoni li jintuża għall-prodotti normali, m'għandniex napplikawh ukoll għall-prodotti tal-midja? Jekk ġustament illum aħna mħassbin dwar l-ekoloġija: għaliex ma nkunux daqstant ieħor imħassba dwar l-ambjent



*L-Isqof Mario Grech jitkellem ma' x'uħud mill-ġurnalisti*

medjatiku u l-ekoloġija umana? Ladarba huwa xjentifikament ippruvat li l-midja tista' tkun ta' dannu għas-saħħa psikoloġika u morali tal-bniedem, għaliex mhux aċċettabbli li nħaddmu dan il-"prinċipju Ewropew"?

Għal dawk li jitnaffru meta jisimgħu bl-etika u l-Vanġelu, dan il-prinċipju li qed insemmi mhux mislut mill-Katekiżmu, imma mil-leġiżlazzjoni Ewropea. **Fid-dawl ta' din il-miżura prekawtelari, jidher li s-soċjetà tagħna ma tkunx tgħix "fis-snin tad-dlam" jekk illum tagħżel li jkollha awtorità bis-setgħa li tintervjeni biex trażżan dak li fid-dinja medjatika jista' jkun ta' dannu għall-proċess edukattiv.**

Dan huwa l-messaġġ li nixtieq inwassal lill-istrutturi medjatiċi u lis-soċjetà tagħna fl-okkażjoni tal-festa ta' San Franġisk de Sales, patrun tal-ġurnalisti: billi huwa urġenti li naġixxu biex nedukaw lill-bniedem b'mod sħiħ biex forsi nsibu l-għerq ta' ħafna diffikultajiet, filwaqt li nirrikonoxxi s-sehem validu tal-ġurnalisti f'dan il-proċess inkwantu li l-midja hija wieħed mill-edukaturi prinċipali, fl-istess waqt **irridu nkunu attenti biex ma jkunx hemm min b'mod irresponsabbli juża l-midja biex ifixkel dan il-proċess formattiv tal-bniedem.**

## "Fundazzjoni li tnissel it-tama"

**Iż-żjara li għamilt dalgħodu lil Richmond Foundation, partikularment f'Villa Chelsea u l-*hostel* tagħha fil-Furjana, timlini b'ħafna tama.**

Hemmhekk iltqajt ma' nies responsabbli mid-direzzjoni kif ukoll ma' xi wħud mill-i*staff* li jidhru li huma motivati mhux biss li jgħinu persuni b'diffikultajiet ta' saħħa mentali jfiequ jew jitgħallmu jgħixu ħajja kemm jista' jkun fin-normalità, imma wkoll jemmnu li **kull persuna għandha l-ħila li tieħu sehem attiv fin-nisġa tal-istorja tagħha nnifisha u tal-oħrajn.** Kollox jindika għall-Fundazzjoni li l-persuna umana, partikularment il-persuna marida, hija l-qofol ta' kollox u għalhekk **l-istruttura hija għas-servizz tal-persuna u mhux il-persuna sservi ta' staffa biex l-istruttura tibqa' wieqfa jew biex isir xi akkwist minn fuq darha.**

Il-ħidma tal-Fundazzjoni Richmond u ta' għaqdiet oħra bħala tiswa biex iġġarraf il-ħitan li nbnew mas-snin biex jiġu iżolati dawk li l-aktar jeħtieġu li jkunu maħbuba. Inizjattivi bħal dawk li qed tieħu l-Fundazzjoni jikkonfermaw li **l-mediċina u t-teknika waħidhom m'humiex biżżejjed biex ifejqu, imma meħtieġa doża qawwija ta' mħabba vera.**

F'soċjetà bħal tagħna, fejn l-effiċjenza u l-qliegħ ħafna drabi huma l-kejl użat biex persuna tiġi meqjusa valida jew le, kif ukoll fi żmien meta **d-drittijiet tad-dgħajfin qegħdin dejjem isiru drittijiet dgħajfa – bil-konsegwenza li hemm ir-riskju li s-soċjetà ssir aktar fqira u esklussiva** – il-ħidma tal-Fundazzjoni jixirqilha kull sapport u apprezzament.

Kummentarju (1)

# Katekeżi tar-Randan skont Benedittu XVI



miġbura u addattata minn DUN ANTON SULTANA

**Ir-Randan ta' erba' snin ilu (2006) kien l-ewwel Randan ta' Papa ġdid, Benedittu XVI, wara li kien laħaq Papa għaxar xhur qabel, fid-19 ta' April 2005. F'għeluq il-ħames sena tal-Pontifikat tiegħu l-Papa Benedittu se jkun fostna, għall-ewwel darba f'pajjiżna.**

**Jixraq li nħejju ruħna sewwa għal din iż-żjara tal-Vigarju ta' Kristu, u għalhekk deherli li jkun jixraq ukoll li mal-bidu ta' Randan ieħor naraw kif jaħsibha u x'jgħallem sew dan it-teologu-papa, li sar famuż u maħbub mad-dinja kollha, dwar dan iż-żmien qaddis tar-Randan.** Flejt u għarbilt sewwa d-diskorsi tassew sbieħ li Benedittu XVI kien għamel erba' snin ilu (2006) fl-ewwel Randan Pontifiċju tiegħu, biex iffurmajt din il-Katekeżi Kwareżimali skont it-tagħlim tiegħu.

Nittama li dan jgħinna nifhmu aħjar x'inhu tassew ir-Randan u kif għandna ngħixuh biex iħalli frott kotran fina.

### *(1) GĦALFEJN IR-RANDAN?*

Tlieta huma r-raġunijiet prinċipali li jagħtina l-Papa Benedittu XVI :



(a) ***"Biex insiru aktar konxji tal-ħidma redentiva ta' Kristu."*** B'hekk nagħrfu aħjar u aktar fil-fond lil Ġesù bħala l-uniku Feddej u Mulej tagħna.

(b) ***"Biex ngħixu aktar bis-serjetà l-wegħdiet tal-Magħmudija tagħna."*** B'hekk nagħrfu min aħna bħala "nsara", dixxipli ta' Ġesù ħajjitna kollha.

(c) ***"Biex ningħaqdu ma' Ġesù għal erbgħin ġurnata fid-deżert, fit-talb u fis-sawm."*** B'hekk nagħrfu kemm aħna midinbin u nagħmlu ħilitna biex ninbidlu fiH.

### *(2) X'NISTGĦU NAKKISTAW MIR-RANDAN?*

Il-Papa jurina tliet benefiċċji spiritwali kbar li jistgħu joħorġu mir-Randan jekk nagħrfu ngħixuh sew. Dawn huma :

(a) ***TAMA ĠDIDA*** – "Biex nagħrfu aħjar kemm hi kbira l-ħniena t'Alla u nqegħdu f'Alla biss kull tama tagħna."

(b) ***VIŻJONI ĊARA*** – "Biex nindunaw kemm aħna midinbin, imma fl-istess ħin naraw fejn qiegħda l-verità, u niftħu għajnejna biex ma naqgħux fil-qerq."

(c) ***DIREZZJONI SODA*** – "Biex bis-smiegħ tal-Kelma t'Alla nsibu direzzjoni tajba għal ħajjitna u nagħrfu ***ngħixu, nitħaddtu*** u ***naġixxu*** skont il-verità tal-Vanġelu."

### *(3) GĦALIEX L-EŻERĊIZZI FIR-RANDAN?*

Dwar l-importanza tas-smiegħ tal-Kelma t'Alla fir-Randan, il-Papa jagħtina tliet direttivi:

(a) ***"Ħallu l-Kelma t'Alla tinfed ħajjitkom,*** biex issiru tafu sewwa l-verità fundamentali: min aħna bħala bnedmin, mnejn ġejna u fejn aħna sejrin."

(b) ***"Ħallu l-Kelma t'Alla tiftħilkom għajnejkom,*** biex tagħrfu xi triq għandkom tieħdu fil-ħajja, ma tafdawx in-natura dgħajfa tagħkom, u sserrħu qalbkom biss fuq l-imħabba u l-ħniena ta' Ġesù."

(c) ***"Ħallu l-kelma t'Alla tinżel fi qlubkom,*** biex tibdew taraw lil Kristu f'kulħadd, u tilmħu wiċċ Kristu Msallab u Sfigurat f'ħutna fil-bżonn. Ħarsu lejhom b'għajnejn ġodda, bl-għajnejn tal-Vanġelu! Agħtu minn qalbkom dak li hu tajjeb fl-imħabba vera."

### *(4) X'INHUMA L-AQWA MEZZI TA' RANDAN QADDIS?*

Hemm diversi mezzi biex tiġġedded, tissaħħah u titqaddes matul ir-Randan. Il-Papa jiġborhom fi tlieta :

(a) ***KONVERŻJONI TAL-QALB F'IMĦABBA VERA***
"Jeħtieġ nikkonvertu fl-imħabba tagħna, imħabba li tixbaħ lil dik tal-Mulej, mibnija fuq ***mogħdrija, ħniena*** u ***maħfra***... Inħossu lil Kristu, inħarsu lejn l-oħrajn bħal Kristu, ngħinuhom kemm nistgħu f'għaqda ma' Kristu..."

(b) ***TALB F'ATMOSFERA PENITENZJALI***
"Jalla dawn il-jiem tar-Randan ikunu jiem ta' riflessjoni u ta' talb ħerqan, imsaħħin bil-Kelma t'Alla, bil-liturġija, bit-tgħakkis u s-sawm, bil-penitenza u l-għassa fuqna nfusna, biex nissieltu kontra d-dnub u l-ħażen bla waqfien."

(c) ***NAQSMU ĠIDNA F'OPRI TA' KARITÀ***
"Permezz tal-għotjiet ta' karità u l-għajnuna lil min hu fil-bżonn, ir-Randan għandu jkun opportunità għal tqassim xieraq tar-rigali providenzjali li rċevejna, b'attenzjoni speċjali lejn l-ifqar fost il-fqar u lejn bnedmin ħutna li huma l-aktar minsija."

### *(5) KIF NIĠĠEDDU SPIRITWALMENT FIR-RANDAN?*

Il-konverżjoni kontinwa (*metanoia*) jew tiġdid spiritwali huwa mixja ta' żvilupp u maturazzjoni tul ħajjitna kollha. Imma b'mod speċjali fir-Randan. Il-Papa jgħidilna li r-Randan huwa "pellegrinaġġ" personali u komunitarju ta' konverżjoni u tiġdid spiritwali." Kif iseħħ dan? Bi tliet sentenzi bibliċi :

(a) ***"AQBAD SALIBEK U IMXI WARAJJA"***
"Li naċċettaw il-Kliem ta' Ġesù bla kompromessi jekk tassew irridu nimxu warajH, biċ-ċaħda tagħna nfusna u fl-esperjenza tas-salib (Lq. 9,23), mhux bil-ġesti ċerimonjali biss, imma b'qalb sinċiera u b'imġieba konsistenti."

(b) ***"ĊARRTU QLUBKOM, MHUX ILBIESKOM"***
"Li nirritornaw kontinwament għand Alla b'qalb ***sinċiera, niedma*** u ***sogħbiena*** biex naqilgħu l-ħniena għal dnubietna (Joel 2, 12-13), u nitolbu joħloq fina qalb safja u jġedded fina spirtu ġdid." (Salm 51, 12-14)

(c) ***"IDĦOL FIL-KAMRA TA' ĠEWWA..."***
"Li tmur bħal Ġesù fid-deżert, u tissielet kontra Satana f'battalja personali kontra d-dnub fik u madwarek, huwa possibbli biss jekk tidħol f'relazzjoni ntima mal-Mulej fil-kamra ta' ġewwa, jiġifieri fit-***talb***, fis-***sawm*** u fil-***penitenza***. Dawn huma t-tliet armi li trid tuża biex tirbaħ."

### *(6) GĦALIEX KRISTU HUWA L-QOFOL TAR-RANDAN?*

M'hemmx veru Randan jekk Kristu mhux fil-qofol tiegħu bħala ċentru ta' ħajjitna. Il-Papa jurina kif u għaliex fi tliet punti fundamentali:



(a) **GĦAX HU BISS IL-FEDDEJ**
"Bħal Kristu u ma' Kristu, agħżel it-triq li għażel Hu, għannaq miegħek is-Salib b'determinazzjoni, biex bħalu tisfida l-ħażin bit-tajjeb, il-qerq bil-verità, u l-mibgħeda bl-imħabba."

(b) **GĦAX HU ĦAJJITNA!**
"Fi kliem San Pawl, l-imħabba ta' Kristu ssuqna (2Kor. 5,14) biex ma ngħixux aktar għalina nfusna imma GħaliH u Miegħu fis-servizz lejn l-oħrajn."

(c) ***GĦAX TIEGĦU S-SALTNA, IL-QAWWA U L-GLORJA GĦAL DEJJEM!*** – "Dak li nistqarru fil-Quddiesa wara t-talba tal-'Missierna' huwa l-viżjoni tan-Nisrani li jagħraf id-Divinità ta' Kristu, l-Iben t'Alla li rebaħ id-dnub u l-mewt, biex jagħtina sehem sħiħ fil-Misteru tal-Għid, u nkantaw l-"Alleluia" f'rebħa dejjiema fil-glorja ta' Saltnatu."

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Il-Premju "Familja Qalb tad-Deheb" lill-familja ta' Fr. Joshua*

Familja min-Nadur li baqgħet iżżomm sħiħ u magħquda minkejja d-diffikultajiet u t-tribulazzjonijiet li għaddiet minnhom, irċiviet il-"Familja Qalb tad-Deheb", premju mogħti ta' kull sena mill-Moviment ta' Kana f'Għawdex, għal dawn l-aħħar 39 sena.




*Il-President ta' Malta jidher qed jippreżenta x-*Shield *lil Carmelo Muscat. Jidhru wkoll martu Antoinette, binthom Natalie u Dun George Borg, Direttur tal-Moviment ta' Kana, f'Għawdex.*

L-unur ġie ppreżentat lill-Familja Muscat mill-President ta' Malta, l-Eċċ. Tiegħu George Abela fil-Lukanda Ta' Ċenċ, f'Sannat, nhar is-Sibt 23 ta' Jannar, 2010, fis-6.30 ta' filgħaxija, fil-preżenza fost oħrajn, ta' Mons. Isqof Mario Grech, il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, is-Segretarju Parlamentari l-Avukat Chris Said, il-membru parlamentari Għawdxi Frederick Azzopardi, is-Sindku tal-lokalità tan-Nadur, Miriam Portelli; Anton Tabone, Aġent President ta' Malta u l-Arċipriet tal-Parroċċa, Mons. Salv Muscat.

Il-Kavallier in-Nutar Paul G. Pisani, *chairman* tal-Bord tal-għażla, fid-diskors tiegħu qal illi l-Bord tal-għażla, din is-sena kien għażel familja li wieħed minn uliedha, Dun Joshua Muscat, ħalla din il-ħajja nhar il-31 t'Awwissu, 2009, fl-età ta' 27 sena. In-Nutar Pisani fid-diskors tiegħu aċċenna għall-eżempji tajba għall-oħrajn li Dun Joshua għex fil-ħajja normali saċerdotali tiegħu, fl-'iva' li lissen mhux biss meta infatam minn kollox, inkluż milli jkollu familja tiegħu meta ħaddan is-saċerdozju, iżda wkoll fl-'iva' għat-talba tas-superjuri tiegħu li jaqdi l-ministeru tiegħu barra mill-gżejjer Maltin. Żied igħid illi Dun Joshua ġarrab marda li ħakmitu, b'edifikazzjoni u rassenjazzjoni kbira. Dan jixhduh dawk kollha li żaruh matul il-marda tiegħu, dawk li daqu mill-benna ta' kliemu, li żżejnu bil-pariri u t-twissijiet tiegħu u fuq kollox dawk li edifikaw rwieħhom bl-eżempju, imġieba, rassenjazzjoni u tama fil-ħajja eterna li huwa kien jaspira f'kull min kien iżuru jew jikkomunika miegħu permezz tat-*telephone* jew l-*internet*.

Il-Moviment, kompla Dr Pisani, irid fuq kollox jippremja lill-familja tiegħu, lill-ġenituri, oħtu u żewgħa li laqgħuh f'darhom matul l-aħħar żmien tal-marda tiegħu u tawh dik l-attenzjoni, kura w imħabba li kien jinħtieġ u jixraqlu f'dak il-mument. In-Nutar Pisani temm id-diskors tiegħu billi qal illi l-Bord jemmen illi Dun Joshua qed jitlob għall-familja tiegħu u qed jitlob ukoll għall-familji Maltin u Għawdxin kollha sabiex jibqgħu mudell u jkunu ta' eżempju quddiem id-dinja, ta' kif għandha tkun tassew familja skont ir-rieda t'Alla, familja magħquda li hija ukoll is-sinsla ewlenija ta' soċjetà ċivili mingħajr inkwiet.

Kelliema oħra kienu Dun George Borg, Direttur tal-Moviment ta' Kana f'Għawdex, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Mario Grech, il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono u l-Eċċ. Tiegħu il-President ta' Malta, Dr George Abela. Il-lejla kienet tinkludi wkoll diversi siltiet mużikali, mill-kor Għawdxi, *Chorus Urbanus* taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea.

L-Eċċellenza Tiegħu, il-President ta' Malta, mbagħad ippreżenta s-*shield* lir-rebbieħa ta' din is-sena, Carmelo Muscat u martu Antoinette u binthom Natalie, liema *shield* tinżamm għal sena mill-familja rebbieħa biex imbagħad terġa tingħata lir-rebbieħa tas-sena ta' wara. Diversi kienu dawk li ppreżentawlhom rigal ta' tifkira, fosthom, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Mario Grech, il-Ministru Giovanna Debono, l-Arċipriet tal-Parroċċa tan-Nadur, Mons. Salv Muscat, is-Sindku Miriam Portelli għan-nom tal-Kunsill Lokali Naduri u mit-teżorier tal-Moviment ta' Kana f'Għawdex.

L-għan ta' dan il-premju huwa li jpoġġi fil-*limelight* l-aġir nobbli tal-familja magħżula sabiex isservi ta' mudell għas-soċjetà.

## Laqgħa Ġenerali tal-Victoria Scout Group

Il-*Victoria Scout Group* għamel il-laqgħa ġenerali annwali fil-kwartieri tiegħu, fir-Rabat, Għawdex, nhar is-Sibt 30 ta' Jannar.



F' sala ppakkjata bi *scouts* u ġenituri nqraw diversi rapporti, fosthom dak tas-segretarju, u tat-teżorier. Saru diversi diskorsi, fosthom minn Lorrie Saliba.



Ġew ippreżentati diversi premjijiet u ċertifikati lill-i*scouts*. Din ġiet segwita mill-investitura ta' numru ta' *cubs*, bil-wegħda pubblika tagħhom lil Alla u lill-moviment ta' l- i*Scouts*. Taħdita interessanti dwar il-valuri saret minn Joe Psaila li ġedded il-memorja ta' żmienu, meta kien ukoll involut bħala *Scout Leader* mal-grupp.

## Iffirmar ta' devoluzzjoni għal Ċentru Ċiviku fix-Xagħra



Nhar il-Ħamis 4 ta' Frar, fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Xagħra, saret iċ-ċerimonja tal-iffirmar tad-devoluzzjoni tal-istess uffiċini bil-għan li jingħata bidu għall-proġett ta' bini ta' Ċentru Ċiviku. Ix-xogħol hu stmat li ser jiġi jiswa' madwar 400,000 ewro.

Iċ-Ċentru Ċiviku ser ikun jinkorpora fih l-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill, l-għassa tal-pulizija, il-poliklinika tal-Gvern u l-latrini pubbliċi.

Preżenti għal din iċ-ċerimonja kien hemm l-Avukat Chris Said, Segretarju Parlamentari għad-Djalogu u Informazzjoni Pubblika, l-Avukat Jason Azzopardi, Segretarju Parlamentari għall-Erarji Pubbliċi u Artijiet, il-Kummissarju tal-Artijiet, Albert Mamo, is-Sindku Joseph Cordina, il-kunsilliera Mary Carmen Bajada u Joseph Bartolo flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Joseph Azzopardi.

## Bini ta' Ċentru Ċiviku ieħor f'Għajnsielem



Il-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem għaddej b'xogħol ta' kostruzzjoni fuq il-bini ta' Ċentru Ċiviku ġdid fil-lokalità.

Iċ-Ċentru Ċiviku se jinkorpora fih ukoll għassa tal-pulizija u poliklinika. Ċentru Ċiviku ieħor li se jkun ukoll aċċessibbli għal kulhadd.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni l-Avukat Chris Said żar ix-xogħlijiet li għaddejjin fuq is-sit fejn kellu l-opportunità jsegwi mill-qrib dan il-proġett u jiddiskuti l-pjani tal-Kunsill Lokali.

L-Avukat Said qal lil 'Il-Ħajja f'Għawdex' illi irid jara li l-Kunsilli Lokali jagħtu l-aqwa servizz lir-residenti u element importanti biex dan iseħħ huwa li l-Kunsill Lokali jkollu minn fejn jopera tajjeb u li l-uffiċċji tiegħu jsiru *one stop shop* li jaqdi lir-residenti tal-lokalità. L-Avukat Said faħħar id-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali li jibni dan iċ-ċentru.

L-Avukat Said faħħar ukoll l-inizjattiva tal-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem li se jistalla pannelli fotovoltaiċi fuq il-bejt taċ-Ċentru Ċiviku sabiex ikun qed juża enerġija solari għal aktar ekonomija.

## Il-GTA ittella' il-ħdax-il Laqgħa Ġenerali Annwali tagħha

Il-*Gozo Tourism Association* żammet il-ħdax il-laqgħa ġenerali annwali f'waħda mill-lukandi ewlenin f'Għawdex. Din il-laqgħa tat bidu għal sena oħra ħidma minn din l-assoċjazzjoni li tirrappreżenta lil diversi operaturi fis-settur turistiku fil-gżira ta' Għawdex. Serviet ukoll bħala egħluq ta' l-ewwel għaxar snin ta' ħidma minn meta ġiet mwaqqfa din l-assoċjazzjoni.

Il-laqgħa bdiet b'diskors mis-sur Paul Scicluna *(ara paġna 32)* li ilu fil-kariga ta' president tal-GTA għal dawn l-aħħar tlett snin. Wara nqraw il-minuti ta' l-aħħar laqgħa ġenerali annwali u ġie mogħti rapport amministrattiv mis-sur Joe Muscat li ilu jokkupa l-kariga ta' segretarju ġenerali tal-GTA sa mit-twaqqif tagħha. Fid-diskorsi tagħhom irreferew għal dik li hi l-qagħda preżenti fis-settur turistiku Għawdxi. Saret ukoll riferenza għall-istaġjonalità li hija sfida partikolari għas-settur turistiku Għawdxi filwaqt li ġiet mtennija t-talba li jerġa' jiġi stabbilit aċċess mill-ajru għal gżira.

Saret ukoll diskussjoni li ġiet immexxija mill-ġurnalist Keith Demicoli. Id-domandi kienu ndirizzati lil panel magħmul minn numru ta' sindki li huma responsabbli minn lokalitajiet turistiċi f'Għawdex, flimkien ma' rappreżentant tal-GTA kif ukoll mill-Onor Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex.

Fid-diskors ta' l-egħluq l-Onor Giovanna Debono semmiet numru ta' proġetti li twettqu jew sejrin jitwettqu b'risq is-settur turistiku f'Għawdex. Fosthom irreferiet għall-Istitut għal Studji Turistiċi Ġdid u l-*Masterplan* tad-*Diving* li kienu żewġ inizjattivi suġġeriti mill-GTA.

## *Żewġ Għawdxin jinħatru Kavallieri tas-Santu Sepulkru*



Dan l-aħħar l-Ordni tal-Kavallieri tas-Santu Sepulkru ta' Ġerusalemm ħatret seba' kavallieri ġodda. Fost dawn kien hemm żewġ Għawdxin is-sur Paul M. Cassar mill-Belt Victoria u s-sur Euchar Mizzi mir-raħal tal-Qala.

Iċ-ċerimonja nżammet fil-knisja ta' Ġieżu tal-Belt Valletta waqt quddiesa li tmexxiet mill-E.T. l-Arċisqof Giuseppe Mons Andrea bħala delegat uffiċjali tal-Kardinal John Patrick Foley. Fil-preżent il-Kardinal Foley huwa Granmastru ta' din l-Ordni.



L-Ordni tas-Santu Sepulkru hija Ordni Kattolika prestiġjuża b'rabtiet speċjali mal-Vatikan. Infatti kien l-istess Papa Alessandru VI li fl-1496 stabbilixxa fiha l-post ta' Granmastru. Il-Granmastru preżenti tagħha nħatar mill-Papa Beneditti XVI fis-27 ta' Ġunju 2007. L-aħħar promulgazzjoni tal-kostituzzjoni ta' din l-Ordni twettqet mill-Papa Pawlu VI fis-sena 1977.

## *Ġieħ lill-mibki Anton Camilleri*




F'ċerimonja is-Sindku tal-Lokalità tal-Qala, Paul Buttigieg f'isem il-Kunsill Lokali u f'isem ir-residenti Qalin ta' Ġieħ il-Lokalità lil Anton Camilleri, ex-kunsillier, li ġie miġbur minn martu Marlene u uliedu Clint u Francesca. Anton ħalla dan il-wied tad-dmugħ fid-29 ta' Ottubru 2009, fl-għomor ta' 54 sena, b'mewt għal għarrieda.

F'kelmtejn ta' l-okkażjoni s-Sindku Buttigieg elenka l-kwalitajiet sbieħ li kien jgħix u jipprattika ta' kuljum Anton magħruf bħala l-Bedeq, fil-ħidma tiegħu fil-lokalità tal-Qala matul id-disa' snin li dam Kunsillier.

Waqt l-istess ċerimonja l-Kunsill Lokali wera' DVD ġdid dwar l-istorja, l-kultura, d-drawwiet u l-personalitajiet Qalin. Il-kitba kienet fdata f'idejn il-mibki Horace Mercieca li propju għadda kopja ta' l-*iscript* ftit jiem biss qabel ħalla din id-dinja f'Diċembru 2008.

## *Tqassim ta' Premjijiet*

Is-Soċjetà Filatelika t'Għawdex organizzat il-Laqgħa Ġenerali Annwali fiċ-ċentru tal-iskawts tar-Rabat. Mexxa l-President Anton Said li spjega l-iskop ta' dan l-appuntament u rringrazzja kemm lit-tmexxija tal-*Victoria Scout Group* u kemm lill-i*sponsors* tal-*GPS Philatelic Exhibition* li ssir kull sena fis-swali tal-Ministeru għal Għawdex, *Bank of Valletta*, *MaltaPost* u *Sliema Stamp Shop*. Taw ir-rapporti tagħhom ukoll it-Teżorier (u Viċi President) it-tabib Michael Refalo u s-Segretarju Antoine Vassallo.



L-iktar aspett interessanti kien it-tqassim tal-premjijiet lill-parteċipanti fil-wirja, did-darba l-għaxar waħda. Il-*BOV Challenge Cup* għall-aħjar esibit skont il-ġurija messet lil Jesmond Cutajar, waqt li l-'*Malta Collection Album*' (mogħti mill-Maltapost) għall-aqwa esibitur ħadu Anthony Grech. Il-parteċipanti żgħar kollha rebħu '*thematic album*' (mogħtija ukoll mill-MaltaPost, fl-ewwel kollaborazzjoni mal-*Gozo Philatelic Society*), flimkien ma' oġġetti oħra.

*Dawk kollha li ngħataw xi premju għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-Wirja Filatelika*

## *Attivitajiet għat-tfal tal-Parroċċa tal-Katidral*

Kull nhar ta' Ħadd, fil-Knisja Katidrali, tiġi ċċelebrata l-quddiesa tal-familja, fejn il-familji membri fi ħdan din il-parroċċa huma mħeġġa biex jattendu. Wara l-quddiesa, it-tfal kollha preżenti huma mistiedna biex jieħdu sehem f'diversi attivitajiet varji li jinkludu *crafts*, logħob, tpinġija, *storytelling* u ħafna oħrajn. Barra li jieħdu gost, it-tfal ikollhom l-opportunità li jissoċjalizzaw, jitgħallmu jaħdmu fi gruppi, jirrispettaw lil xulxin u fuq kollox ikunu kreattivi.



*Waqt is-sessjoni tal-Ħadd 24 ta' Jannar, filgħodu. Tidher waħda mill-voluntiera, Maria Buttigieg li bil-paċenzja kollha tgħin u tgħallem lit-tfal*

## *San Ġwann Bosco mfakkar fl-Oratorju tal-Belt Victoria*

Nhar il-Ħadd 31 ta' Jannar, fil-Belt Victoria, ġiet iffestiġġjata l-festa ad unur San Ġwann Bosco. Filgħodu, fil-kappella ta' l-Oratorju Don Bosco, Mons. Isqof Mario Grech mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali, bis-sehem tal-*Kor Laudate Pueri* taħt it-tmexxija tal-Kanonku Dun Ġorġ Frendo.



Aktar tard matul il-jum, saret parata ta' żwiemel u ponijiet minn Pjazza San Franġisk sa ħdejn l-Oratorju, fejn sar it-tberik tal-*pets* u annimali minn Dun Ġorġ Mercieca. F'nofsinhar saret l-ikla tradizzjonali fil-lukanda Calypso, Marsalforn. Filgħaxija, fil-kappella ta' l-Oratorju, l-Arċipriet tal-parroċċa tal-Katidral, Mons. Ġużeppi Attard, iċċelebra quddiesa. Ħa sehem il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* taħt it-tmexxija ta' Mro. Colin Attard. Wara l-Banda Ċittadina Leone għamlet marċ minn ħdejn l-Iskola Primarja fi Triq Vajringa sa Pjazza Santu Wistin.



Il-purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġwann Bosco, xogħol artistiku ta' Wistin Camilleri, li fiha ħadu sehem tfal, żgħażagħ, *Past Pupils* ta' l-Oratorju flimkien mat-tfal ta' l-iskejjel sależjani ħarġet għall-ħabta tal-5.30 ta' filgħaxija, akkumpanjata mill-Banda Ċittadina Leone, b'daqq ta' innijiet lil San Ġwann Bosco. Mexxa l-purċissjoni Mons. Ġużeppi Attard, Arċipriet tal-Parroċċa tal-Katidral. Mad-dħul lura tal-purċissjoni, ingħatat il-Barka Sagramentali u sar ukoll il-Bews tar-Relikwija.

Aktar tard fis-Sala ta' l-Oratorju ttella' id-*Don Bosco Grand Concert* mill-*Gozo Youth Wind Band and Orchestra* taħt it-tmexxija ta' Mro. Joseph Grech.

## *Jiċċelebraw it-58 anniversarju mill-mewt ta' Madre Margherita*



*Is-Superjura Provinċjali akkumpanjata minn Sorijiet oħrajn iqimu lil Madre Margherita*

Nhar il-Ġimgħa 22 ta' Jannar, is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu ċċelebraw it-58 anniversarju mill-mewt tal-għażiża Fundatriċi tagħhom, il-Qaddejja ta' Alla, Madre Margherita De Brincat, b'quddiesa fil-knisja tal-Casa Madre, iċċelebrata minn Dun Ġużepp Gauci.

Għal din iċ-ċelebrazzjoni kien hemm preżenti fost oħrajn, is-sorijiet kollha tal-komunitajiet ta' Għawdex u numru sabiħ ta' membri tal-Assoċjazzjoni tal-Kwiekeb tal-Qalb ta' Ġesù. Ingħaqdu ukoll magħhom is-Superjura Provinċjali M. Bertilla Bartolo, flimkien mas-Superjura Provinċjali li għada kemm inħatret, Swor Josephine Xuereb.



*Is-sorijiet kollha li kienu preżenti għall-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni li saret biex jiġi mfakkar it-58 anniversarju mill-mewt ta' Madre Margherita De Brincat*

## *Xogħlijiet f'Marsalforn wara l-ħsarat kbar ta' din ix-xitwa*

Il-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ jinsab għaddej b'xogħol estensiv fuq numru ta' toroq fil-lokalità ta' Marsalforn, jiġifieri Triq il-Wied, Triq il-Forn u Triq Santa Marija. Dan ix-xogħol qed isir matul dawn ix-xhur tax-xitwa sabiex kollox ikun lest għas-sajf meta din il-lokalità ssir waħda mill-attrazzjonijiet prinċipali tal-gżira Għawdxija u tilqa' fiha eluf ta' turisti lokali u barranin. Ix-xogħol li qed iwettaq il-Kunsill Lokali qed isir bl-għajnuna sħiħa tas-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru permezz ta' fondi mogħtija lill-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ.

Waqt żjara li għamel fuq dawn ix-xogħlijiet is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni Chris Said ġie mdawwar ma' diversi toroq li għaddej ix-xogħol fuqhom, mill-Perit tal-Kunsill Lokali, Edward Scerri, mis-Sindku tal-lokalità Charles Saliba u mill-Kunsillier Victor Refalo.



*Waqt iż-żjara li s-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjopni, l-Avukat Chris Said għamel f'Marsalforn. Jidhru wkoll il-Perit Edward Xerri, is-Sindku Charles Saliba u l-Kunsillier Victor Refalo.*

## *Quddiesa ta' Radd il-Ħajr f'għeluq il-100 sena ta' Mariġwann Rapa*



*Mari Ġwann Rapa flimkien ma' uliedha, wara l-funzjoni. Jidhru mix-xellug għal-lemin, Pankrazju, Marjanna u Pawlu*

Nhar il-Ħadd 17 ta' Jannar, filgħodu, fil-Knisja ta' Sant'Antnin, f'Għajnsielem, Mons. Isqof Mario Grech, mexxa Konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr lil Alla, għal mitt sena ħajja ta' Mari Ġwann Rapa. Ħadu sehem fost l-oħrajn l-Arċipriet tal-Parroċċa t'Għajnsielem, il-Kanonku Frankie Bajada u l-Kappillan tal-Parroċċa tal-Mġarr, Malta, il-Kanonku Antoine Borg.

Attendew fost l-oħrajn, uliedha li ġew apposta iżuruha mill-Kontinent Awstraljan, Pankrazju (Sydney) u Marjanna (Melbourne), flimkien ma' uliedhom. Ma kienx possibbli għal binha Angelo (Sydney) li jkun ukoll Għawdex għal din il-festa, pero' xorta waħda kien magħqud spiritwalment u mentalment mal-komunità preżenti għal din l-okkażjoni ta' festa.

Għal din il-konċelebrazzjoni kienu preżenti wkoll il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, is-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said, il-membri Parlamentari Frederick Azzopardi (PN), l-Avukat Anton Refalo (PL) u l-Avukatessa Justin Caruana (PL) kif ukoll is-Sindki tal-lokalitajiet t'Għajnsielem u tax-Xewkija, Francis Cauchi (P.N.) u l-Avukatessa Monica Vella (PL) rispettivament. Min-naħa tiegħu l-President ta' Malta l-E.T. George Abela bagħtilha bukkett ward. Wara sarilha riċeviment fiċ-Ċentru Sant' Antnin. Il-100 sena, Mari Ġwann għalqithom fil-15 ta' Jannar. Għal dawn l-aħħar tmien snin, Mari Ġwann għexet f'Dar Porziuncola, l-Mġarr, Malta, dar immexxija mis-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu'.

## *Restawrata l-Eqdem Kappella li ġġarrfet f'Għajnsielem*

Il-kappella medjevali ta' Santa Ċeċilja, l-unika waħda tat-tip tagħha li għadha teżisti f'Għawdex qed tiġi salvata minn qerda kważi totali permezz ta' proġett estensiv ta' restawr imniedi mill-Ministeru għal Għawdex bil-kollaborazzjoni sħiħa ta' *Baron Group* u Wirt Għawdex.



*Waqt żjara mill-Ministru Giovanna Debono ħdejn il-Kappella ta' Santa Ċeċilja. Jidhru fost oħrajn il-Perit inkarigat mix-xogħol ta' restawr, Ivana Farrugia.*

Minn meta l-kappella kienet ġiet profanata fis-sena 1644 sa ftit tas-snin ilu, din il-binja kienet tintuża bħala maqjel jew kamra ta' l-għodda. Reċentament ġiet espropriata mill-Gvern fuq talba tal-Ministeru għal Għawdex biex ikunu jistgħu isiru xogħlijiet urġenti ta' restawr. F'dawn l-aħħar snin il-kappella sofriet minn infiltrazzjoni ta' l-ilma u minn attakk serju ta' vandaliżmu li kkawżaw ħsarat kbar lill-kappella. Wieħed mill-ħitan ta' barra tal-kappella li waqa' wara xita qawwija s-sena l-oħra reġa' ġie mtella' mill-ġdid filwaqt li s-saqaf tal-kappella li kien sfronda reġa' sar mill-ġdid minn materjal tradizzjonali li kien użat oriġinarjament. Il-ħitan tas-sejjieħ madwar il-kappella ġew irranġati u mibnija mill-ġdid.

Il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono għamlet żjara fuq il-post biex tara l-progress tax-xogħlijiet. Hija kienet akkumpanjata minn rappreżentanti ta' Wirt Għawdex u *Baron Group* kif ukoll mid-Direttur tal-Proġetti u Żvilupp. Il-Perit inkarigata mir-restawr Ivana Farrugia spjegat f'hiex jikkonsisti x-xogħol ta' restawr. Il-Ministru irringrazzjat lill-*Baron Group* li qed jisponsorjaw ir-restawr kollu ta' dan il-monument u ħeġġet biex organizzazzjonijiet oħrajn jieħdu l-eżempju u jisponsorjaw proġetti ta' dan it-tip.

Wara t-tlestija ta' l-ewwel fażi ta' restawr li kien jirrigwarda t-tisħiħ u l-konsolidazzjoni tal-binja minn barra, il-proġett issa daħal fit-tieni fażi tiegħu li ser jindirizza l-problema ta' l-infiltrazzjoni ta' l-ilma mill-fili li qatt ma kienu mkaħħla u t-tindif u r-restawr tal-kappella minn ġewwa.

Meta titlesta, din il-kappella ser tkun immaniġġjata minn Wirt Għawdex għan-nom tal-Ministeru għal Għawdex u ser tintuża fost l-oħrajn bħala sala tal-konferenzi u wirjiet.

## *Serata Kommemorattiva fl-Għaxar Anniversarju tal-G.B.C.*



Il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex, fakkret l-għaxar anniversarju mit-twaqqif tagħha, b'serata kommemorattiva, fil-lukanda Calypso, Marsalforn, nhar il-Ġimgħa 5 ta' Frar, filgħaxija.

Il-*Chorus Urbanus* taħt id-direzzjoni tal-Maestro Dr. John Galea, fetaħ din is-serata b'silta mużikali bl-isem ta' Il-Karozzin. Wara sar indirizz ta' merħba minn Joe Grech, President tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex.

Kelliema oħra kienu l-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, Dr Tonio Fenech u l-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono.



Robert Xerri ippreżenta kopja tat-teżi tiegħu *The Role of the Private Sector in Small Island Developing States* lill-President tal-Kamra tan-Negozju, Joe Grech. Preżentazzjoni oħra saret minn Alda Bugeja, din id-darba tal-*logo* tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex (GBC). Wara saret il-preżentazzjoni ta' Ċertifikati dwar proġett tal-Programm Leonardo da Vinci (EU) lil Alda Bugeja, George Farrugia, Kathleen Formosa u Andrew Xuereb.

Matul din is-serata l-Presidenti preċedenti, John Magro u Dr Michael Caruana nħatru bħala Presidenti Onorarji tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex. Huma ngħataw tifkira tal-okkażjoni mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono. Is-serata spiċċat bil-kant tal-Innu Nazzjonali mill-*Chorus Urbanus*.Wara sar riċeviment tal-okkażjoni.

**RIFLESSI** — *Notamenti tal-Kav. Joe M. Attard*

# Mill-Karnival għar-Randan

**Għalkemm qsajjar reġa' magħna / Dan l-imqarqaċ xahar ta' Frar / Illi skont missirijietna / Jingħad li jfawwar il-bjar!**

**Dan ix-xahar dlonk iġib miegħu / In-Nawfraġju ta' San Pawl – / Dak l-Appostlu li ġabilna / Ta' twemminna l-akbar dawl.**

**Jumejn wara jfeġġu fuqna / Il-jiem sbieħ tal-Karnival / Meta fl-enclosure jinġabru / Nisa, rġiel, żgħażagħ u tfal.**

Għadna kemm ħerġin minn dawn il-festi folkloristiċi u kkulturiti li skont l-istoriċi ilhom magħna sa ma qabel fostna waslu l-Kavallieri ta' San Ġwann. Naħseb li kulħadd iħobb jiddeverti xi ftit u għalhekk m'hemm xejn ħażin li ta' linqas darba fis-sena, dak li jkun jinsa r-rutina ta' kuljum u jitbellah xi ftit iktar mis-soltu. Fil-gżira oħtna hemm diversi persuni li dawn il-festi ta' bluha u xalar jeħduhom bis-serjetà u jagħmlu kważi s-sena kollha jaħdmu fuq karrijiet u *'floats'* trijonfali ta' livell artistiku tassew għoli, u allura jagħmel sewwa l-Gvern jara kif jagħmel u jipprovdilhom fejn jaħdmu għax fost dawn issib xi wħud li dan il-mestier huwa l-istess ħobżhom. Għalkemm fuq skala iżgħar, Għawdex tagħna wkoll huwa nieqes minn dak l-ispazju adegwat fejn l-artisti u d-dilettanti tagħna jistgħu juru x'jafu u x'kapaċi joħolqu biex jipprovdu spettaklu matul dawn il-ħamest ijiem ta' kulur u allegrija. Sewwa kieku dan iż-żmien tas-sena jżomm fil-għoli l-livell artistiku, rikreattiv u kulturali tiegħu u ma naqgħux f'ċerti ħmerijiet u bluha li ma jagħmlulniex unur bħala poplu nisrani, kult u edukat. Bla dubju dan ma jiġrix fil-Karnival organizzat mill-Gvern Ċentrali, iżda fil-Karnival spontanju li jsir f'bosta mit-toroq u l-imsieraħ tagħna. Lanqas nixtieq niġġeneralizza, għax ftit ikunu dawk it-talin li jinħbew taħt il-maskra biex juru għerfhom jew aħjar l-injoranza grassa tagħhom. Dawn l-affarijiet m'għandhomx ikunu; nistgħu niddevertu u nixxalaw bla ma nweġġgħu s-sentimenti ta' ħadd u bla ma nagħtu fastidju lix-xemx għaddejja, lill-ebda maħluq! Anzi jiena nemmen li iktar ma nkunu oriġinali fil-kostumi u fl-imġiba tagħna, iktar se npaxxu l-għajn u l-ħsieb u nagħtu pjaċir lil min ikun qed jarana. Min ma jiftakarx lil Fredu l-Leverist, għannej u makkjettista Għawdxi bil-mustaċċi, idur mat-toroq ta' beltna jkaxkar bieb warajh bħal ma kien għamel dak l-imbierek ta' Gaħan; min ma jiftakrux f'sena oħra liebes u miżbugħ nofsu abjad u n-nofs l-ieħor iswed! Insejtuh lil Ġużeppi Balluċċi, ħajjat fl-inħawi ta' fejn San Ġorġ, jaqbeż u jiżfen flimkien ma' għadd ta' tfal u żgħażagħ żeffiena. Dan ma kienx Karnival ħelu u li jagħtik pjaċir!

Iva, ħbieb, għalhekk jiġi żmien il-Karnival, biex wieħed jinsa għal mument il-problemi u l-uff....tal-ħajja u jidħak bil-qalb bla ebda biżà ta' pastażati u ħamallaġni li żgur ma jieħu gost bihom ħadd.

**Jalla dawn il-festi jibqgħu / Bil-ferħ jimlew qalb in-nies! / Basta l-briju w l-allegrija / Isiru bl-għaqal u l-qies!**

U mportanti li mad-daqqa niżfnu u niddevertu għax wara dawn il-jiem ta' ġiri u bluha, (anke t-tfal tal-iskola jkollhom jumejn vaganzi) jiġu fuqna erbgħin jum ta' penitenza, sawm u astinenza – ir-Randan, żmien iebes u li għandu jdaħħalna f'qoxritna u nagħmlu ftit eżami tal-kuxjenza u ngħarblu lilna nfusna u naraw fejn tinsab il-qagħda tagħna, fejn marru l-valuri tagħna.

**L-għada, l-aħwa addio ġiri / Ma' wiċċna jfeġġ ir-Randan – / Jiem ta' sawm u astinenza / Neħtiġuh, ħbieb żmien bħal dan!**



**F'dan iż-żmien għażiż tas-sena / Għandna ħafna drawwiet sbieħ / Li jagħżluna minn ġnus oħra / Tas-smewwiet dawn il-muftieħ.**

**Niesna ssum qatigħ u titlob / Tul il-ġranet tar-Randan – / Erbgħin jum ta' penitenza / Għalhekk jiġi żmien bħal dan.**

**Għarkupptejha tirrifletti / Minn kemm għadda tbatijiet / U fit-Triq tas-Salib tilmaħ / Kristu fl-istazzjonijiet.**

Kif rajna hemm qabża kbira mill-Karnival għar-Randan. Naturalment waħda ma teskludix lill-oħra; kollox irid ikun; fil-ħajja hemm post u ħin għal kollox sakemm kif għidna, kollox isir bil-qies. Wara d-divertiment, jiġi ż-żmien tar-riflessjoni. Ejjew nagħmlu użu tajjeb minnu u ma nintilfux wara l-qoxra ta' ħafna drawwiet sbieħ u għeżież, imma nidħlu fil-qofol u s-sustanza ta' dawn il-jiem li jfakkruna fit-tbatija ħarxa li minnha għadda Kristu Ġesu' biex jifdina u jsalvana.

**Jalla daż-żmien qaddis jiġi / U jimliena bil-barkiet / Illi Kristu bil-Passjoni / Tiegħu lilna għamel ulied.**

## DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI

***Tibda r-riforma tat-trasport pubbliku***

"F'ittra li kitbu lill-Gvern, is-37 operatur Għawdxi – li huma l-operaturi kollha f'Għawdex u li bejniethom għandhom 78 xarabank biex joffru servizz ta' trasport pubbliku f'Għawdex, iddikjaraw il-qbil tagħhom mal-offerta tal-Gvern għal kumpens biex ma jibqgħux liċenzjati għal dan ix-xogħol. Dan il-qbil intlaħaq wara perjodu twil ta' negozjati li kien konkluż wara medjazzjoni tas-Segretarju Parlamentari Chris Said li kellu diversi laqgħat mas-sidien Għawdxin fi tmiem il-ġimgħa l-oħra. Permezz tal-ftehim milħuq, il-Gvern se jikkompensa lill-operaturi bi ħlas ta' kumpens ta' 40,000ewro għal kull liċenzja tat-trasport pubbliku li jitħallas fi tliet pagamenti ugwali. Dan ifisser li l-Gvern b'kollox ikun qed joħroġ mhux aktar minn tliet miljuni u mitt elf ewro f'kumpens."

*Rapport,* **maltarightnow**, *3 ta' Frar 2010*

***Mal-"MV Gaudos" fil-vjaġġ tal-10pm***

"*A reader has written to this newspaper* (Unsuspected dangerous cargo –TMIS, 6th Dec.) *to say that on the 10pm crossing from Mgarr to Cirkewwa on 3 December, she and other passengers could not access the vehicle deck by any of the staircases as the ferry approached the terminal. They eventually reached the vehicle deck by the lift, but when Mrs Falzon told a member of the crew that they had been unable to use the stairs, she was told because of dangerous cargo. Mrs Falzon had written in reply to the crew member's reply : "Well, that made us feel a lot better! If the ferry was carrying a cargo that was deemed sufficiently dangerous that it had to be disembarked before it was considered safe for other passengers to access the vehicle deck, why was it being carried at all?" Gozo Channel Co. Ltd Port Services & Commercial Manager George Borg wrote in reply to Mrs Falzon's letter (TMIS, 3 January), saying that the ferry company was 'operating in full compliance with Malta Maritime Authority regulations'.*"

**Francesca Vella,**
*The Malta Independent, 17th January 2010*

***U nibqgħu fuq il-baħar***

"*A shipmaster who was suspended on full pay in September after he blew the whistle on alleged serious safety flaws on board Gozo Channel ferries is still away from work as an inquiry into his allegations continues... Should his suspension continue for years, he could lose his master's licence, which is renewed every five years and requires proof of 'contiuous service in the industry' and 'continuous sea service.'*"

**Matthew Xuereb**, *The Times, 4th February 2010*

***Taħt il-lenti! – kuntrast bejn gżira u gżejra***

"Minkejja li Malta u Għawdex għandhom l-istess baħar u minkejja li f'Malta l-art agrikola hija tliet darbiet u nofs akbar minn dik ta' Għawdex, il-valur miżjud gross ta' Malta minn dawn il-fatturi huwa aktar minn ħames darbiet akbar minn dak ta' Għawdex. Barra minn hekk, il-valur miżjud gross ta' kull ħaddiem ras għal ras ta' dawn il-fatturi fis-settur primarju tal-ekonomija f'Malta fl-2008 kien 23,463Ewro filwaqt li f'Għawdex kien 21,478Ewro, jiġifieri




f'Għawdex kien 2000Ewro inqas minn ta' kull ħaddiem f'Malta....Il-Valur Miżjud Gross (VMG) fs-settur sekondarju, jiġifieri fl-industrija, f'Malta fl-2008 kien 25 darba akbar minn dak f'Għawdex, minkejja li l-popolazzjoni ta' Malta hija 12-il darba biss akbar minn dik ta' Għawdex."

**Frank J. Psaila**, *It-Torċa,* 10 ta' Jannar 2010

***Evviva bil-"Mystic Araar"***

"*Wine presses, said to date back to 500 Bc, can still be seen embedded in the Gozitan valley (Mgarr Ix-Xini) and are being studied and documented in a project carried out by the Superintendence of Cultural Heritage and the Sannat and Xewkija local councils with the support of Camilleri Wines...On hearing about this project, which has revealed mire about the history of local winemaking, Camilleri wines wanted to support it through its Mystic Araar, vintage 2007.*"

**Claudia Calleja**, *The Times, 12th January 2010*

"Nibdew mil-libertà tal-moviment tal-persuni. L-Għawdxin għandhom aċċessibbiltà meta u xħin iridu jmorru mill-gżira tagħhom għall-postijiet oħra? Le. Ċar daqs il-kristall. L-istess wieħed jista' jgħid mill-moviment tal-ħwejjeġ. L-ispejjeż addizzjonali, il-ħin żejjed u numru ta' diffikultajiet oħra huma restrizzjonijiet li jfixklu din il-libertà. Dwar il-libertà tal-moviment tas-servizzi, m'hemmx dubju li l-istat ma jistax joffri s-servizzi kollha fil-gżira ċ-ċkejkna daqskemm jagħmel fil-kbira. Inutli wieħed jilludi ruħu li dan hu possibbli, għax dan qatt ma jista' jkun. U x'ingħidu għall-moviment tal-kapital? Kulħadd jaf li l-investiment u l-kapital imorru fejn jirrendu l-aktar, u għalhekk gżira żgħira bħal Għawdex diffiċli li tkun kalamita għall-kapital. Daqshekk hu, mela, kemm Għawdex, parti integrat mill-Ewropa, igawdi minn dawk li jissejħu l-erba' libertajiet fundamentali tal-moviment."

**Asterisk**, *Il-ĠensIllum, 16 ta' Jannar 2010*

***Kawża tad-dar u dil-blata ?***

"*Gozitan male youths seem to be more attached to Gozo than their female counterparts and are less likely to follow courses at the University in Malta. A recent report suggests this attachment may be due to lack of training at school and at home on how to be self-sufficient and, consequently, males find it more difficult when living on their own in Malta... The study showed that just 66 per cent of Gozitan male students aspired to follow a course at the University, compared with 82 per cent of female students. On the other hand, 34 per cent of male students aspire to go to MCAST that has a base in Gozo, compared to 17 per cent of female students.*"

**Kristina Chetcuti**, *The Times, 1st February 2010*

# MILL-PARLAMENT

*Sptar Ġenerali t'Għawdex - tenders tal-operating theatres*

**13902. L-Onorevoli JUSTYNE CARUANA staqsiet lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tgħid x'ġara u tagħti rendikont rigward it-*tenders* tal-*operating theatres* fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex? *04/01/2010*

**Tweġiba:** Ninsab infurmata li l-offerti li ġew sottomessi għat-*tender* tal-*operating theatre* ma ssodisfawx il-kriterji stipulati fit-*tender dossier* u għalhekk ġew ikkanċellati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. *18/01/2010*

*Vot Kapitali III - protezzjoni tal-ambjent*

**13743. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tgħid kif inhu ppjanat li jintefqu l-25,000 ewro għall-protezzjoni tal-ambjent ivvotati taħt *item 7130* tal-Vot Kapitali III u tpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra programm tax-xogħol li se jsir? Tista' tgħid fuqiex intefqu l-25,000 ewro li hemm ivvotati għall-2009? Tista' tagħti dan it-tagħrif maqsum skont it-tip tan-nefqa? *15/12/2009*

**Tweġiba:** Ninsab infurmata li l-flus ivvotati taħt *item 7130* tal-Vot Kapitali III - *Environment Protection Works* ser jintużaw għal xogħlijiet skont il-pjan ta' azzjoni ta' Eko-Għawdex. Jiena nfurmata wkoll li n-nefqa għall-2009 minn dan il-vot kienet tikkonsisti minn (ewro):

| | |
|---|---|
| Kiri ta' Vetturi | 2,870 |
| Tneħħija ta' blat perikoluż minn ġol-baħar | 5,690 |
| Tindif u ġarr ta' materjal | 6,057 |
| Tqegħid ta' baga | 375 |

*18/01/2010*

*Għawdex - Popolazzjoni Barranija*

**10942. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli TONIO FENECH (Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment):** Jista' l-Ministru jgħid x'kienet il-popolazzjoni barranija f'Għawdex fl-aħħar ta' kull sena mill-2006 'l hawn? *25/09/2009*

**Tweġiba:** Ninsab infurmat illi l-popolazzjoni barranija f'Għawdex fl-aħħar ta' kull sena mill-2006 'l hawn huwa kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Sena 2006 | 1,395 |
| Sena 2007 | 1,424 |
| Sena 2008 | 1,528 |

*06/10/2009*

*Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ - Employment Aid Scheme*

**11450. L-Onorevoli FREDERICK AZZOPARDI staqsa lill-Onorevoli JOHN DALLI (Ministru għall-Politika Soċjali):** Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna f'Għawdex sabet xogħol permezz tal-iskema *Employment Aid Scheme* tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ? *13/10/2009*



**Tweġiba:** Informat li n-numru ta' persuni li bdew jaħdmu permezz tal-iskema *Employment Aid Programme* ko-finanzjata mill-Fondi Soċjali Ewropej huwa ta' 99 persuna. *21/10/2009*

*Xewkija Industrial Estate - upgrading*

**11445. L-Onorevoli FREDERICK AZZOPARDI staqsa lill-Onorevoli TONIO FENECH (Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment):** Jista' l-Ministru jgħid x'passi qed jittieħdu biex tiġi *upgraded* ix-Xewkija *Industrial Estate*? *13/10/2009*

**Tweġiba:** Ngħarraf lill-Onorevoli Interpellant illi ż-żona industrijali tax-Xewkija hija waħda miż-żoni li ser jiġu *upgraded* permezz ta' skema iffinanzjata mill-Fondi Ewropej għall-iżvilupp Reġjonali 2007 u 2013. Huwa maħsub li x-xogħol jitlesta fix-xhur li ġejjin. *19/10/2009*

*Gozo Channel - staff u crew*

**13361. L-Onorevoli JUSTYNE CARUANA staqsiet lill-Onorevoli TONIO FENECH (Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment):** Jista' l-Ministru jgħid x'taħriġ jingħata lill-i*staff* u l-*crew* tal-*Gozo Channel* rigward il-mod ta' kif għandhom jiġu trattati l-persuni b'diżabbiltà u l-faċilitajiet li jeżistu għall-persuni b'diżabbiltà fuq il-vapuri tal-*Gozo Channel*? *01/12/2009*

**Tweġiba:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi l-*Gozo Channel* ħadet ħsieb li tagħmel taħrig għall-i*staff* tal-art u *crew* kollu apposta u intensiv fuq *"disability equality and awarness training"*. Dan it-taħriġ ġie mogħti mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabbiltà (KNPD).

Il-faċilitajiet ta' fuq il-vapur (kafeterija, ħwienet u *toilets*) jistgħu jintużaw faċilment minn nies li jkollhom bżonn *wheelchair*, kif ukoll hemm faċilità ta' *lift, wheelchair service* u ġew installati rampi f'*deck 4* (*main deck*) biex kulħadd ikollu aċċess għad-*decks* ta' barra. Madankollu l-*crew* huwa dejjem disponibbli għal kull għajnuna meħtieġa.

B'kollaborazzjoni mal-KNPD il-kumpanija ħadet ħsieb ukoll li tippubblika *leaflets* kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż dwar informazzjoni u tagħrif rigward għajnuna għal persuni b'diżabbiltà jew b'diffikultà ta' moviment. *07/12/2009*

*Kummentarju (2)*

# *2009 - kienet sena ta' Sfidi għal Pajjiżna*



*kitba ta'* MICHAEL GRECH

**Is-sena 2009 ġiet u marret... u daħlet fil-kotba tar-rekords! Għal ħafna nies f'pajjiżi madwar id-dinja kienet waħda mill-agħar snin f'diversi diċenni, kemm mil-lat finanzjarju u kemm mil-lat ekonomiku. X'uħud xebbhuha mas-snin tal-*Great Depression* tal-aħħar snin tal-għoxrinijiet u tal-bidu tat-tletinijiet tas-seklu l-ieħor. F'dan it-taqlib kollu, Malta kif marret?**

Hu fatt li Malta ma ħelsithiex mill-gwaj li t-taqlib finanzjarju ġab fil-bqija tad-dinja. Sal-lum kulħadd intebaħ li d-dinja saret villaġġ globali, u għaldaqstant dak li jseħħ f'rokna l-aktar imbiegħda tad-dinja, ikollu wkoll effett f'pajjiżna. Ħalli nanalizzaw liema huma l-oqsma f'Malta li ntlaqtu b'din il-kriżi.

**Qasam li ntlaqat bil-kbir huwa s-suq tal-proprjetà.** Mingħajr lanqas biss intbaħna f'dan il-qasam sirna vittmi tal-kilba tagħna. Għalkemm kien ilu jberraq għal ħafna żmien, bqajna nibnu u nibnu u ntellgħu l-appartamenti meta d-domanda għalihom kienet nieżla taħt in-normal. Is-suq f'Malta u Għawdex hu mifqugħ b'appartamenti, djar, vilel u *farm houses*. Kulfejn titfa' ħarstek tara bini bl-avviż *For Sale* imwaħħal miegħu. Għaldaqstant assistejna għall-waqgħa tal-prezzijiet speċjalment fejn is-sidien kellhom bżonn urġenti tal-flus f'idejhom jew fejn kienu mattru saqajhom 'il barra mill-friex, u mbagħad sabu lill-banek jiġru warajhom biex jirkupraw is-self. Kieku wieħed kellu jara l-mandati ta' sekwestru maħruġin mill-qorti għal dawn il-proprjetajiet, iġib għajnejh wara widnejh.

**Qasam ieħor kbir li ntlaqat ħażin ħafna hu dak tat-turiżmu.** Dan hu settur li pajjiżna jiddependi ħafna minnu u hu wieħed li ħa daqqa qawwija fid-dinja kollha. Is-saħħa tal-infieq ta' ħafna nies madwar id-dinja naqset drastikament u għaldaqstant ħafna kellhom iħassru l-btala tagħhom ta' kull sena barra mill-pajjiż jew kellhom jikkuntentaw bi btala iqsar f'pajjiżhom stess. Barra minn hekk, dawk li rnexxielhom jieħdu l-btala barra minn pajjiżhom, kellhom inaqqsu il-baġit tal-infieq b'mod sinifikanti. Fil-fatt, mill-figuri tal-istatistika li ħarġu kemm il-Gvern u kemm il-*Malta Hotels and Restaurants Association* jidher li kellna tnaqqis ta' turisti kemm fil-kwantità u kemm fil-kwalità.

**Fattur ieħor negattiv għal Malta kien is-saħħa tal-Ewro.** Din kellha effett fuq it-turisti mill-Gran Brittanja u oħrajn li jiġu hawn minn pajjiżi barra miż-żona Ewro.



Biex tagħqad, il-fatt li aħna għamilna lilna nfusna għoljin wisq f'paragun ma' destinazzjonijiet oħra kompetituri tagħna, bħat-Tuniżija, l-Eġittu, il-Kroazja u t-Turkija, seta' żied it-telf ta' impjiegi fis-settur tat-turiżmu.

**Daqqa ta' ħarta oħra għas-suq Malti kienet fis-settur tal-manifattura.** Hawn ukoll iltqajna ma' problemi kbar b'xi kumpaniji jagħlqu u oħrajn, bħal *ST Microelectronics* b'theddida tal-għeluq. Kellu jkun l-intervent tal-Gvern, b'fondi allokati mill-UE biex jissussidjawhom u jagħtuhom sostenn, li ġegħilhom jikkonvinċew ruħhom sabiex ma jnaqqsux b'mod qawwi n-numru tal-ħaddiema tagħhom. Meta d-domanda minn barra ta' oġġetti manifatturati, bħalma huma karozzi u affarijiet oħra, naqset ħafna, il-produzzjoni tagħna batiet.

**Fl-aħħar sitt xhur, ħafna swieq fid-dinja bdew telgħin mill-ħofra tal-2008 u ta' Marzu 2009, meta l-kriżi laħqet l-agħar tagħha. Issa l-mistoqsija fuq fomm kulħadd hija waħda: "Il-kriżi għaddiet? Diġà qbadna t-triq biex nirkupraw?"**

Dawn huma mistoqsijiet importanti għalina lkoll. Fil-ħarġa li jmiss ser nipprova nagħti xi tweġibiet għalihom.

*Ftit fatti u kummenti*

# Aħna, t-Turisti, l-Indafa... u l-Paroli aktar milli Fatti!



*kitba ta'* Dr. MARIO SALIBA

**Tisma' ħafna nies jitkellmu dwar it-turiżmu; min jifhem, min le u min jilgħabha li jifhem. Dawn jgħidu li t-turiżmu huwa ż-żejt li jgħin lir-rota ta' l-ekonomija biex ma tantx iżżaqżaq hija u iddur. Diversi huma l-frażijiet li nisimgħu bħal "Huwa bis-saħħa ta' dan il-gvern li din is-sena rajna żieda ta' 0.02 fil-mija ta' turisti mill-Ingilterra!" jew "Minħabba l-kredit kranċ kellna nuqqas sostanzjali fit-turiżmu." Nisimgħu wkoll ħafna paroli fil-vojt bħal "Qegħdin nagħmlu minn kollox biex niġbdu aktar turisti lejn pajjiżna." U waqt li l-ministru jqaħqaħ għax ikun qiegħed jistenna xi ċapċipa, in-nies preżenti li aktarx ikunu lukandiera jew aġenti ta' l-ivvjaġġar jindunaw li għandhom iċapċpu biex ma jiksruhx! U l-paroli ta' "Nagħmlu minn kollox..., u hemm bżonn nagħmlu hekk, u rridu nagħmlu hekk..." jintilfu u jiddissolvu ruħhom fl-arja flimkien mat-tpaċpiċ u ċ-ċapċip vojt!**



**Għax fil-verità ħadd m'hu qiegħed imidd għonqu għax-xogħol biex insolvu l-problemi kbar, u biex nirranġaw dawk l-affarijiet li jħammrulna wiċċna mal-barranin, fosthom it-turisti. L-aqwa li nafu nparlaw u niftaħru kemm għandna "proġetti"...**

## *Malta ekoloġika ta' dari u tal-lum.*

Ħamsin sena ilu Malta u Għawdex kienu ferm isbaħ milli huma llum. Veru ma kienx hawn il-kumditajiet tal-lum imma kien hawn iktar ħdura, iktar riħa ta' ħamrija mxarrba wara x-xita milli riħa ta' egżost tal-karozzi. Malta kienet iktar fuq ruħha, sabiħa, u nadifa. Aħna għadna ngħixu ġo pajjiż mimli trab, ħofor u gandotti bħal dawk li naraw fit-toroq, rmoxk mormi barra fil-kampanja, widien mimlijin terrapien. L-uniċi muntanji li qatt raw Malta u Għawdex huma l-Magħtab u l-Qortin tax-Xagħra, Għawdex. Dawn huma prodott ta' kif konna sa ftit żmien ilu neħilsu mill-iskart tagħna. J'Alla kif qegħdin iwiegħdu sas-sena 2013 il-gżira ta' **Għawdex tkun gżira ekoloġika meta kollox iħaddar, kampanja mingħajr skart, widien imfawrin bl-ilma u sema kaħlani mingħajr tinġiż.** U miż-żibel irridu nagħmlu 2 parks ekoloġiċi. Parks li s'issa għadhom fuq il-pjanta tal-periti, biss.

## *Tal-iskart... Għidilhom "Grazzi!"*

Ta' kull filgħodu il-ħaddiema li jiġbru l-iskart tagħna jitfugħ fit-trakk. Huma jgħaddu mingħajr l-ebda sens ta' dekor iwaddbu l-boroż ta' l-iskart ġot-trakk mingħajr protezzjoni għal saħħithom jew xi ħaġa li tidentifikahom bħala ħaddiema li qed jagħmlu dan ix-xogħol hekk skabruż, iżda tkun taf min huma mir-riħa pjaċevoli li jħallu warajhom! Minkejja dan aħna xorta hemm bżonn li nuru sens ta' gratitudni u apprezzament għax-xogħol li qed jagħmlu. Qatt għidt "grazzi" lil dawn l-irġiel u żgħażagħ li jaqilgħu x'jieklu mill-intejjen li jiġbrulek minn wara biebek? Hawnhekk irrid ngħid li minkejja x-xogħol perikoluż li għandhom għal saħħithom dawn mhux dejjem ikollhom l-ilbies protettiv meħtieġ speċjalment ingwanti tajbin għal dan ix-xogħol.

## *Indafa pubblika fi gżira ekoloġika*

Il-manutenzjoni tal-indafa pubblika u l-immaniġġjar ta' l-iskart nafu li huma problema kbira; imma n-nies tant ħabrieka tagħna qagħdu jistennew li jgħidulna x'għandna





nagħmlu l-liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea biex jiddeċiedu xi affarijiet li misshom ilhom li ddeċidewhom, bħal ngħidu aħna li nagħlqu l-Qortin u li nibdew nagħżlu l-iskart. Imma aħna tant serji li mhux ser noqogħdu nistennew lill-gvern biex nagħżlu l-iskart? U żgur li hekk! Il-mentalità tagħna l-Maltin u l-Għawdxin hija li ma jimpurtanix mill-għatba tal-bieb 'il barra. **Vojt? Għal barra! Għadek tara nisa tad-dar jikinsu ħdejn id-dar tagħhom u t-trab li jikinsu jħalluh f'nofs ta' triq. Għadek issib mitluqin fil-kampanja għażla ta' saqqijiet, friġis, kukers u kull xorta ta' skart goff u karozzi qodma.** Illum kull Kunsill Lokali joffri servizz mingħajr ħlas lil kull min irid jiddisponi minn xi skart goff. Kulma għandek tagħmel huwa li ċċempel il-Kunsill tiegħek u toħroġ l-iskart ħdejn il-bieb fil-ġurnata meta jgħidulek. Dawn huma sitwazzjonijiet li għalkemm mhux daqshekk komuni għadek tista' tarahom sal-lum u żgur li jġiegħluk tirgħex meta xi barrani jara kemm aħna nodfa u nibżgħu għall-ambjent!!

Għandna ħafna problemi simili bħal ngħidu aħna l-indafa tal-baħar u l-bajjiet. Immaġina turist li miskin dan iddeċieda li jiġi jqatta' vaganza hawn Malta. Dan l-imsejken ikun irid imur jgħum; jilbes biċċa xorts, jitfa' xugaman fuq daru u jmur sa Marsalforn. Jintefa' jixxemmex fuq ir-ramel bit-tama li jserraħ għajnejh fuq il-ġmiel tan-natura, iżda minnflok jara laned tat-tonn taż-żejt użati, pakketti vojta, qxur tal-frott u fliexken tal-plastik u ruxmata skart ieħor madwaru. **Milli jidher kulħadd moħħu fl-Eko-Għawdex! Hemm bżonn ħafna edukazzjoni u infurzar tal-liġijiet. Fejn huma l-gwardjani ekoloġiċi?**

***Il-Ħofor u Rqajja Professjonali***

Għandna diversi problemi oħra li jġegħluna nistħu mal-barranin, per eżempju t-toroq... jekk tista' ssejħilhom hekk. Ħafna toroq mimlijin ħofor, gandotti, żrar, tappieri żlogati, katusi mifqugħin... dawn huma l-affarijiet li jagħmlu t-toroq tagħna daqshekk attraenti mal-barranin. U meta wara ħafna studji u konsultazzjonijiet niddeċiedu li nirranġaw xi triq, dan nagħmluh veru b'mod professjonali! **Il-Kunsilli Lokali ma għandhomx fondi biżżejjed għalhekkk x'hemm iktar professjonali milli 'tillixxa' t-toroq bl-irqajja' ta' ftit żrar u kitla qatran.** Tarahom balel suwed ftit passi viċin ta' xulxin imxerrda mat-toroq kollha ta' Malta u Għawdex. B'dan il-mod irridu niġbdu lit-turisti lejn pajjiżna? Nisimgħu li bla dubju x-xita qawwija tagħmel ħafna ħsarat li ma jistgħux jiġu evitati, iżda hemm ħsarat oħrajn li min-naħa l-oħra jistgħu jiġu evitati faċilment. Qed nirreferi għall-vandaliżmu; **graffiti mal-ħitan, tqaċċit ta' siġar, tkissir ta' monumenti u oħrajn.** Għad baqa' ħafna aktar problemi serji fosthom is-servizz tal-karozzi tal-linja, id-dagħa, il-qerq mis-sidien tal-ħwienet fil-konfront tat-turisti, eċċ, eċċ... Tassew, fina "ġawhra tal-Mediterran"!

**Jekk inkompli nsemmi problemi simili ma nieqafx. Imma jekk naħsbu li billi mlejna r-rawndebawts bil-fjuri se nidhru isbaħ quddiem il-barrani, lanqas għadna biss indunajna kemm aħna komiċi! Qabel ma nbiddlu d-dehra tal-pajjiż irridu nibdlu l-attitudni u l-imġieba tagħna. Barra lejn il-pajjiż, it-turist iħares lejna wkoll. L-edukazzjoni ċivika l-ewwel u qabel kollox! Inkella t-turisti jibdew jiddubitaw jekk qabdux ajruplan b'ieħor u flok f'Malta sabu ruħhom f'xi pajjiż fl-Afrika!**

**Esperti fis-servizzi tal-vjaġġar...**

JPE TravelServices LIMITED
A member of the KDM Group

- Ġiti...
- *Cruises...*
- Titjiriet... anke tal-Low Cost
- *Lukandi... u akkomodazzjoni oħra*
- Kiri tal-karozzi u ħafna servizzi oħra

Tel: Victoria Gozo: 21561212/3 Valletta: 21235772 or info@jpetravel.net

*Attwalità*

# Ġieħ Għawdex 2009

*notamenti ta'* **SAVIOUR GRECH**



Nhar is-Sibt 16 ta' Jannar 2010, f'Palazzo Palina, fis-Sannat Għawdex ġiet imtella' attività li matulha saret iċ-ċerimonja tal-għoti tal-unur Ġieħ Għawdex għas-sena 2009. Din kienet il-ħames darba li ċ-*Circolo Gozitano* rregala dan l-unur. L-okkażjoni tal Għoti ta' Ġieħ Għawdex hija waħda mill-attivitajiet l-iktar importanti fil-kalendarju taċ-*Circolo Gozitano*. Permezz ta' dan l-unur iċ-*Circolo Gozitano* jonora, u jġib għall-attenzjoni tal-pubbliku, lil diversi personaġġi, kif ukoll organizzazzjonijiet u anke azjendi li bil-ħidma tagħhom ikunu taw jew qed jagħtu kontribut siewi lejn l-iżvilupp t'Għawdex. Barra minhekk iċ-*Circolo* jieħu l-okkażjoni biex jonora ukoll lil dawk l-Għawdxin li permezz tal-ħidma u l-karriera tagħhom għamlu unur lil Għawdex.

Għall-edizzjoni tal-2009 iċ-*Circolo Gozitano* deherlu li għandu jonora lill-Arċisqof Emeritus Ġużeppi Mercieca, lis-Sur Franco Masini u lid-ditta *Magro Brothers (Foods) Limited.*



*Mix-xellug: Is-Sur Franco Masini, is-Sur John Magro, l-Eċċellenza tiegħu Arċisqof Emeritus Mons Ġużeppi Mercieca, l-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, u Dr. Joseph Ellis, President taċ-* Circolo Gozitano.

### *L-Arċisqof Emeritus Mons Ġużeppi Mercieca*

Iċ-*Circolo Gozitano* jara f'Mons Ġużeppi Mercieca persunaġġ li permezz tal-ħidma u l-karriera tiegħu għamel ġieħ kbir lil Għawdex.

Ġużeppi Mercieca twieled fil-belt Victoria fl-1928. Huwa studja fis-Seminarju ta' Għawdex u wara, fl-Università Gregorjana u dik Laterana, f'Ruma, fejn iggradwa fit-teoloġija u l-liġi kanonika. Ġie ordnat saċerdot fl-1952 fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Huwa nħatar Kanċillier tal-Kurja t'Għawdex u barra li kien jgħallem it-teoloġija u l-liġi kanonika fis-Seminarju ta' Għawdex, kien għal xi żmien Rettur ta' l-istess Seminarju. Fl-1969, inħatar Imħallef tas-*Sacra Romana Rota* u kien ukoll konsulent tal-Kongregazzjoni tas-Sagrament u tal-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi. Fl-1991 Mons Ġużeppi Mercieca, inħatar membru tat-Tribunal Suprem tas-Sinjatura Appostolika.

Fl-1974, inħatar Isqof Awżiljarju ta' Malta u aktar tard, Vigarju Ġenerali. Mons Ġużeppi Mercieca nħatar Arċisqof Metropolitan fid-29 ta' Novembru 1976, kariga li żamm sal-2007 meta irtira minħabba l-età.

### *Is-Sur Franco Masini*

Is-Sur Franco Masini ġie mogħti l-unur Ġieħ Għawdex bħala rikonoxximent għall-ħidma tiegħu favur Għawdex. Għalkemm il-karriera professjonali tiegħu biegħditu minn Għawdex, il-gżira tat-twelid tiegħu, huwa baqa' ferm qrib tagħha. B'mod konsistenti u assidwu għamel użu mill-*media* biex iġib għall-attenzjoni nazzjonali l-istorja, l-problemi u l-ħtiġijiet t'Għawdex.

Franco twieled fir-Rabat, Għawdex, bin l-avukat leġġendarju Francesco Masini. Wara l-istudji tiegħu fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi hu kompla fl-Università ta' Malta minfejn iggradwa fl-istorja, l-ekonomija u l-Malti. Ħa ukoll id-Diploma ta' Prokuratur Legali. Għamel żmien jaħdem mad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni u qatta aktar minn 40 sena jaħdem f'karigi maniġerjali għolja ma' *Simonds Farsons Cisk*. Hu kien u għadu attiv f'diversi għaqdiet. Serva bħala direttur fuq il-bord ta' diversi ditti importanti u ifforma parti minn bosta entitajiet governattivi, fosthom il-*Gozo Channel Company* li tagħha kien *Chairman* għal ħames snin.

### *Magro Brothers (Foods) Limited*

Id-ditta *Magro Brothers (Foods) Limited* ingħatat l-unur Ġieħ Għawdex bħala rikonoxximent għall-ħidma kummerċjali tagħha f'Għawdex. Id-ditta Magro wettqet investiment kapitali tremend f'Għawdex. Iċ-*Circolo Gozitano* jirrikonoxxi li din id-ditta tat u għadha tagħti immaġini pożittiva tal-potenzjal ta' Għawdex u tal-kapaċitajiet tal-Għawdxin.

Id-ditta *Magro Brothers (Foods) Limited* twaqqfet f'Għawdex fl-1916. Fl-1934, bdiet tipproċessa t-tadam li saret l-attività prinċipali tagħha għal żmien twil. Meta, fl-1977 l-aħwa John u Michael Magro ħadu d-ditta f'idejhom, din espandiet f'setturi oħrajn. Fl-1995, id-ditta bdiet topera minn fabbrika li bniet fil-Qasam Industrijali tax-Xewkija. Id-ditta llum timpjega madwar 150 persuna.

Id-ditta rebħet diversi rikonoxximenti lokali u internazzjonali. Illum, tesporta lejn bosta swieq u hija kkunsidrata bħala d-ditta li l-aktar tesporta minn Għawdex. Waqt iċ-ċerimonja f'Palazzo Palina d-ditta Magro kienet rappreżentata mis-Sur John Magro.

Il-medalji u ċ-ċertifikati tal-Ġieħ Għawdex ġew ippreżentati mill-Ministru għal Għawdex l-Onorevoli Giovanna Debono, fl-assenza tal-President tar-Repubblika li ma setgħax jattendi.

Kummentarju (3)

# Qis Kliemek! Is-sabiħ sar "bomba" u "tal-ġenn"!!



kitba ta' MARĊELL MIZZI

Il-kittieb Kattoliku Franċiż Georges Bernanos (1888-1948) fil-ktieb tiegħu "Djarju ta' Qassis tal-Kampanja" (*Journal de Cure de Campagne*) fost affarijiet oħra jgħid: "Wieħed mill-kastigi l-aktar misterjużi li jbati l-bniedem hu li bilfors ikollu jafda l-akbar ġid li għandu lill-kliem, li huma tant instabbli u dejjem jitbiddlu." It-traduzzjoni bl-Ingliż ta' dan il-ktieb minn Pamela Morris *(Collins, Fontana Books, 1956)* f'paġna 38, il-kwotazzjoni t'hawn fuq tinqara hekk: *"It is one of the most mysterious penalties of men that they should be forced to confide the most precious of their possessions to things so unstable and everchanging, alas, as words."*

Żmien ilu l-qassisin kienu jqaddsu bil-Latin u qabel saru saċerdoti kienu jistudjaw il-filosofija u t-teoloġija bil-Latin ukoll – lingwa mejta u billi mejta, il-kliem jibqa' ma jitbiddilx fit-tifsir tiegħu u għalhekk min kien jaf il-Latin jifhem preċiż xi jkun intqal jew inkiteb b'din il-lingwa. L-istess għal-lingwa Griega klassika.

**Fil-Malti ż-żgħażagħ tal-lum ma jafux xi kliem li kienu jgħidu x-xjuħ tagħna u vvintaw kliem ġdid meħud mill-Ingliż kif dari kien hemm min jissellef kliem mit-Taljan.**

**Per eżempju, fil-lingwaġġ taż-żgħażagħ tal-lum, il-kelma "bomba" ma tfissirx biss dik li tisplodi, imma tfisser ukoll "sabiħ/a" jew "tajjeb/a". "Tal-ġenn" tfisser l-istess bħal "bomba". U jgħidu "tqabbiżli ċ-ċinga" flok "tirrabjani".**

Illum ħafna nies bdew jgħidu "anzjan" u "anzjani" minflok "xiħ/a" u "xjuħ". Minflok "qraba" daħlet "familjari". Minflok "hekk tassew" daħlu wkoll il-kliem "reali", "realment", "verament" u kliem ieħor li donnhom jgħiduhom meta ma jiftakrux il kelma li suppost imisshom jgħidu. Xi kliem ġdid li daħal fil Malti, naħseb li mhux aħjar mill-qadim. Hawn min jgħid "Pentekoste" (kelma Griega li tfisser 'ħamsin') flok "Għid il-Ħamsin"; u flok "Qrar", "is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni". Mill-banda l-oħra, fil-quddiesa, waqt il-Konsagrazzjoni tal-ħobż forsi aħjar jingħad, "Ħudu u ieklu", peress li aħna fl-Unjoni Ewropea u jista' jkun li fil-knisja jkun hemm xi Sqalli!

Ix-xjenzi kollha għandhom isem Grieg bħal, Matematika, Aritmetika, Fiżika, Kimika, Kirurġija... Ħafna mediċini għandhom ismijiet ivvintati mill-Grieg jew Latin. L-ismijiet xjentifiċi tas-siġar, ħxejjex, annimali, insetti, huma lkoll kliem mill-Grieg mogħtijin minn min ikklassifikahom.

Id-dipartimenti tal-Gvern ta' dari nbidlu fl-isem. Għandna Direttorat tas-Servizzi Edukattivi; għandna l-Enemalta *Corporation*, Water Services *Corporation* u MEPA, OHSA...u oħrajn. Dawn mhux biss għandhom isimhom bl-Ingliż, imma ħafna drabi meta jippubblikaw xi avviżi fil-gazzetti, dawn ikunu bl-Ingliż.

Fost il-kliem kollu li qegħdin nimportaw għadhom jgħoddu l-versi tal-poeta nazzjonali. Fil-poeżija "Il-Qawl" ifakkar li "Ix-xjuħ li kellna dari / Kellhom xi qawl bħal dan / 'Asaħ kelmet il-Malti / Minn ħalfet is-Sultan.'" U fil-poeżija "Nar tat-Tiben" iwiddeb :

*"L-imħabba tal-ilsien Malti*
*mhix kbira daqs kemm tidher;*
*timla ta' elf il-fomm,*
*imma ta' għaxra s-sider."*


ĦALLI F'IDEJN MIN JIFHEM!

*Għoxrin sena esperjenza fit-tiswija ta' bjut li joqtru jew li jimmoffaw bl-ilma tax-xita...*



**GREZZJU BONELLO**

*lest li jiġi jagħtik parir u stima b'xejn!*

Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

gozo press

Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio

Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

*Sfidi ta' Żmienna (7)*

# IL-BOMBA DEMOGRAFIKA

*L-ikbar problema li qed tiffaċċja ċ-ċivilta taghna...*





*kitba ta'* **JOE RAPA**

**Minn mindu kont żgħir kont nisma' li d-dinja sejra għall-agħar. Ħafna drabi ma kontx nemmnu dan. Kont naħseb li dan ma kienx ħlief l-għajdut pessimista ta' min qed jikber. Meta mmaturajt xi ftit ma stajtx ma ninnutax li, jekk xejn, tassew li d-dinja kienet qed tinbidel b'mod tal-għaġeb. Waqt li d-dinja saret ħafna, ħafna iktar permissiva, u f'ħafna pajjiżi qed tintilef il-Fidi, għax kollox sar relattiv u l-individwu sar alla li jiddeċiedi hu x'inhu t-tajjeb u x'inhu l-ħażin, il-Knisja qed tiskopri enerġija ġdida ta' evanġelizzazzjoni u l-Iskrittura m'għadhiex il-Ktieb magħluq ta' dari.**

Madankollu l-Knisja dejjem hi sinjal ta' kontradizzjoni, bħal min waqqafha. Hija mgħajra, attakkata u ppersegwitata. Normalment l-għadu (fi żmienna) hu n-'neo-paganiżmu', il-mentalità liberalista li pproduċiet katalgu ta' liġijiet li jherru s-sisien tal-wirt nisrani. Illum, li tkun nisrani qed isir dejjem iżjed att ta' Fidi riskjuż u min juri l-Fidi tiegħu fl-apert jitlef ix-xogħol fil-pajjiżi taparsi ħielsa, bħar-Renju Unit. Il-maġġoranza 'reliġjuża' qed dejjem tistaħba, waqt li l-minoranza prepotenti liberalista tiddetta l-ħin kollu. Din il-minoranza ta' '*opinion-makers*' huma minfuħin bihom infushom għax huma kunfidenti li ż-żmien hu magħhom, li dak li qed tiddefendi l-Knisja ilu li ntilef, li l-folja qed tinqaleb, li żmien il-Kristjaneżmu għadda u qed jisbaħ jum meta l-bniedem "progressiv" ikun "ħieles" tassew. X'waħda din kemm sejrin żmerċ!

Hu veru li l-Kristjaneżmu hu tellief fl-Ewropa u li jista' jkun li għad kważi jisparixxi, u li l-Knisja tista' tiġi meħudha lejn Eżilju ta' Babilonja fuq dimensjoni biblika. Huwa veru li wliedna, jekk nittrażmettulhom il-Fidi wara kollox, se jkunu ppersegwitati ħafna iktar minna u għad jaraw ħwejjeġ li aħna ma noħolmuhomx. **Imma huwa veru wkoll li d-dinja pagana-sekularizzata, issa huwa ċar, tilfet il-gwerra. Hija ċiviltà fl-għaxja tagħha. Hija biss kwistjoni ta' żmien u l-Ewropa li nafu aħna se tisparixxi u ċ-ċiviltà li tant nies ċarċru demmhom fi gwerer biex jiddefendu, tgħib għal dejjem.**

Kemm qed niddejjaq nuża dan il-lingwaġġ apokalittiku! L-informazzjoni li se ngħaddi jista' jkun li xi wħud minnkom diġà ltaqgħu magħha. Jien irċivejtu minn *video* li ilu jagħmel id-dawra tad-dinja fuq l-internet u li deher ukoll f'"Super Quark" tar-RAI. Xejn ġdid, iżda bqajt imbellaħ kif iż-żmien li nqumu min-ngħas wasal fuqna hekk malajr, jekk mhux tard wisq ukoll. Anzi hemm min jgħid li issa hu tard wisq biex insalvaw l-Ewropa u d-dinja tal-punent kollha kemm hi.

**Iċ-ċiviltà Ewropea, u anke dik Amerikana li ħarġet minnha, qegħda tmut minħabba li m'għadhiex kapaċi ġġib tfal fid-dinja. Saret infertili! Hi ċiviltà li xjieħet u jekk il-komuniżmu sploda minnu nnifsu, hekk se jiġrilha ċ-ċiviltà tagħna. Din id-darba l-periklu hu l-bomba demografika li qegħda ttektek u Alla jbierek ħadd mhu jismagħha għax ħadd mhu jsemmiha. Kulħadd jinkwieta fuq l-ambjent, il-bidla fil-klima, il-gwerer...f'pajjiżna fuq il-kaċċa u l-insib, x'tip ta' festi għandu jkollna ... waqt li l-għadu veru taċ-ċiviltà tagħna dieħel inkiss, inkiss mingħajr ħoss.**

Il-kultura globali li se jirtu wliedna se tkun ħafna differenti minn dik tal-lum. Se naraw, ma ndumux, bidla demografika (twelid, popolazzjoni) fuq livell mondjali. **Skont ir-riċerkaturi, biex kultura tibqa' ħajja għal aktar minn 25 sena oħra jrid ikollha rata ta' twelid ta' 2.11 tifel/tifla kull familja. Rata inqas minn din twassal għall-qerda u l-għibien ta' dik il-kultura.** Fl-istorja, l-ebda kultura b'rata ta' twelid ta' 1.9 tifel/tifla kull familja ma rnexxielha tibqa' teżisti. Agħar minn hekk, kulturi b'rata ta' twelid ta' 1.3 (bħalma nsibu f'diversi pajjiżi Ewropej), sabuha għal kollox impossibbli li xi darba jreġġgħu lura l-qagħda tagħhom għax ikun hemm bżonn bejn 80 u 100 sena biex dawn il-kulturi jikkoreġu s-sitwazzjoni prekarja tagħhom u s'issa fl-istorja ma nistgħu nsibu l-ebda ħjiel ta' sistema ekonomiku li kien kapaċi jibqa' jmantni din il-kultura li qed tixjieħ u tmut.

Fi kliem ieħor, jekk żewġ koppji għandhom biss wild kull wieħed, dan ifisser li l-ġenerazzjoni tat-tfal ġiet imnaqqsa bin-nofs. Jekk dawn it-tfal jiżżewġu lil xulxin u anke huma jkollhom biss wild wieħed, il-ġenerazzjoni familjari tagħhom tkun ġiet diviża b'erbgħa: minn erba' nanniet għal tifel wieħed. Jekk fl-2006 twieldu biss miljun tarbija, se jkun ħafna diffiċli jkollok 2 miljuni adulti bħala ħaddiema fl-2026. Jekk għandek popolazzjoni dejjem tonqos, dan ifisser li qed tisparixxi kultura.

Minn informazzjoni uffiċjali ta' dawn il-pajjiżi Ewropej, ir-rata ta' twelid fl-2007 kienet:

| | |
|---|---|
| **Franza:** | **1.8 kull familja** |
| **Renju Unit:** | **1.6** |
| **Greċja:** | **1.3** |
| **Ġermanja:** | **1.3** |
| **Italja:** | **1.2** |
| **Spanja:** | **1.1** |

Ir-rata fl-Unjoni Ewropea (31 pajjiż) hija biss ta' 1.38. L-istorja tal-istatistika tgħidilna li diġà huwa impossibbli taqleb l-andament u treġġa' s-sitwazzjoni lura għalli kienet. **Hija biss kwistjoni ta' snin, u l-Ewropa li nafu aħna ma teżistix aktar.**

**Sadanittant, imma, il-popolazzjoni tal-Ewropa mhix tonqos iżda tiżdied! Imma għaliex? Dan minħabba l-immigrazzjoni, l-aktar dik Islamika.** Mill-1990, il-kobor demografiku fid-90% tiegħu kien minħabba l-immigrazzjoni Islamika. **Per eżempju, fi Franza, waqt li l-familji "Franċiżi" jkollhom medja ta' 1.8 ulied kull familja, l-familji Islamiċi jkollhom 8.1!** Fin-naħa t'isfel ta' Franza li minn dejjem kienet waħda mir-reġjuni ekkleżjastiċi l-iktar popolati tad-dinja, issa hemm iktar moskej milli knejjes. It-30% taż-żgħażagħ taħt l-20 sena huma Musulmani. Fil-bliet il-kbar bħal Nizza, Marsilja u Pariġi dan in-numru jitla' għal 45%. Sal-2027, wieħed minn kull ħames Franċiżi jkun Musulman. **Fi żmien 39 sena biss, Franza se tkun Repubblika Musulmana!**

Fl-aħħar 30 sena l-popolazzjoni Musulmana fir-Renju Unit kibret bi 30 darba, minn 82,000 għal 2.5 miljuni. Fil-pajjiż hemm iktar minn elf moskea, ħafna minnhom kienu knejjes fl-imgħoddi. Dalwaqt, il-belt ta' Leicester se tkun l-ewwel belt fl-Ingilterra b'maġġoranza Musulmana.

Fl-Olanda 50% tat-trabi tat-twelid huma Misilmin. Fi żmien 15-il sena biss, nofs il-popolazzjoni se tkun Musulmana.

Fir-Russja hemm iktar minn 23 miljun ruħ ta' oriġini Musulmana, jiġifieri wieħed minn kull ħames Russi, waqt li 40% tal-Armata Russa se tkun Musulmana fi ftit snin oħra.

Bħalissa fil-Belġju, 25% tal-popolazzjoni hija Musulmana, kif ukoll 50% tat-trabi. Il-Gvern Belġjan ammetta li sal-2025, terz mit-trabi Ewropej se jitwieldu fi ħdan familji Musulmani. Fadal biss 17-il sena...

Il-Gvern Ġermaniż, li kien l-ewwel gvern li daqq l-allarm fuq din is-sitwazzjoni, dan l-aħħar ħabbar: **"Il-waqgħa fir-rata tat-twelid tal-popolazzjoni (Ġermaniża) ma tistax, issa, tkun imwaqqfa. Din il-ġirja 'l isfel m'hemmx tama li tinqaleb... Il-Ġermanja se tkun stat Musulman sas-sena 2050."** - l-Uffiċċju Federali tal-Istatistika tal-Ġermanja.

Ħa naraw x'qed jaħsbu fuq dan kollu l-Musulmani nfushom. Il-mexxej Libjan Muwammar Gaddafi qal: **"Jidhru sinjali li Allah se jagħti r-rebħa lill-Islam fl-Ewropa mingħajr xwabel, mingħajr kanuni, mingħajr konkwista militari. M'għandniex bżonn terroristi, m'għandniex bżonn nies suwiċida/bomba. Il-50 miljun Musulman u iktar li għandna fl-Ewropa se jaqilbuha f'kontinent Islamiku fi ftit deċenni."**

Bħalissa hemm 52 miljun Mislem fl-Ewropa. Il-Gvern Ġermaniż ħabbar li dan in-numru hu ddestinat li jirdoppja fl-20 sena li jmiss u għalhekk jasal għal 104 miljuni.

Anke fl-Amerika din il-bidla tidher ċara. Fil-Kanada ir-rata tal-fertilità hi ta' 1.6 kull familja, kważi tifel u nofs inqas min-numru bżonnjuż biex tiġi salvata l-kultura li kif diġà għidna fil-bidu jrid ikun ta' 2.11. F'dan il-pajjiż l-Islam hu r-reliġjon li qed tikber bl-aktar mod mgħaġġel. Bejn l-2001 u l-2006, il-popolazzjoni tal-Kanada kibret b'1.6 miljuni li minnhom 1.2 miljun grazzi għall-imigrazzjoni. Fl-Istati Uniti r-rata tal-fertilità taċ-ċittadini Amerikani hija ta' 1.6 u bid-dħul ta' emigranti mill-Amerika Latina titla' għal 2.11, kemm kemm biżżejjed biex tissalvagwardja l-kultura. Fl-1970 kien hemm biss 100,000 Mislem fl-Amerika. Fl-2008 kienu 9,000,000. **Id-dinja tassew qed tinbidel. Wasal iż-żmien li nqumu min-ngħas!**

Tliet snin ilu kien hemm laqgħa importanti bejn 24 assoċjazzjoni Islamiċi ġo Chicago. Id-dokumenti li ħarġu minn din il-laqgħa wrew x'inhuma l-pjanijiet tagħhom biex jikkonvertu 'l-Amerika għall-Islam permezz tal-ġurnaliżmu, il-politika u l-edukazzjoni... u mezzi oħra wkoll.

F'din il-konferenza strateġika ntqal li "Għandna nkunu preparati għar-realtà li fi żmien 30 sena se jkollna 50 miljun Musulman jgħixu fl-Amerika." Id-dinja li qed ngħixu fiha aħna mhux se tkun l-istess waħda li se jkollhom jgħixu fiha wliedna u wlied uliedna.

Il-Knisja Kattolika m'ilux ħabbret li għall-ewwel darba l-Islam qabiżha fin-numru. **Studji juruna li skont ir-rata tat-twelid, l-Islam dalwaqt ikun ir-reliġjon dominanti tad-dinja... bejn ħames u l-aktar għaxar snin oħra.**

Hemm tant affarijiet x'tgħid fuq dan is-suġġett jaħraq! Hu faċli li wieħed jiftiehem ħażin u jiġi ttimbrat razzist jew fundamentalist. Min iwaddab dawn l-aġġettivi qed jiġi jaqa' u jqum mill-periklu li riesaq lejn dak li hu tant għażiż għalina, l-aktar il-libertà reliġjuża. Jien nixtieq li titqajjem kuxjenza fuq dan mhux b'risq il-ġenerazzjoni tagħna, għax ftit ieħor u ma nkunux hawn, imma b'risq uliedna u uliedhom.

KOTBA

Minn Għawdex

# Mixja li għandha twassalna għall-Għid il-Kbir

*Kardinal Basil Hume, "Ngħixu r-Randan mal-Mulej" (Trad. ta' Dun Geoffrey G. Attard), Lumen Christi Publications, BCD Printing, Frar 2010, pp. 56, 3 Ewro.*

Il-ħsieb ewlieni wara din il-pubblikazzjoni huwa marbut mal-okkażjoni tas-Sena Saċerdotali, bħala servizz speċjali (Nru. 3) li l-*Lumen Christi Publications* qed toħroġ taħt għamla ta' **"Meditazzjonijiet Bibliċi għal kull jum tar-Randan"** miktuba mill-Kardinal Basil Hume (1923-1999). Għal min diġà ġie f'idejh ***"Il-Gwida tal-Pellegrin Nisrani"*** tal-istess awtur, issa se jkollu eżempju ta' iktar riflessjonijiet dwar il-bniedem midneb, il-konverżjoni, l-indiema, it-talb, il-perseveranza u l-iskop ta' mixja spiritwali li trid twassalna għall-qawwa ta' Kristu Rxoxt.




Dawn il-meditazzjonijiet bibliċi huma bbażati fuq siltiet qosra meħudin mill-qari liturġiku ta' matul il-ġranet tar-Randan sa Ħadd il-Għid. Barra minn dawk tal-Vanġelu hemm ukoll oħrajn mit-tħabbir u l-impenn li tkellmu fuqu l-profeti dwar it-tħejjija mill-Antik Testment.

Ladarba dawn ir-riflessjonijiet huma sejħa għal kull nisrani biex jgħix minn jum għall-ieħor żmien partikulari tas-sena liturġika tal-Knisja, il-frott tagħhom joħroġ bħallikieku **f'mixja** ta' konverżjoni kontinwa bil-għan sħiħ li jrid jintlaħaq x'imkien, fir-rebħa ta' Kristu Rxoxt u miegħu aħna wkoll.

L-ispirtu tar-Randan għan-nisrani għadu dak li kien: sejħa għad-distakk, tisħib fit-tbatija, qsim fl-uġigħ, mixja bis-salib flimkien ma' esperjenzi oħra ta' niket. Iżda dawn kollha huma tarka kontra t-tgergir, l-egoiżmu, il-mibegħda, l-għira, ir-rivalità, il-vjolenza jew il-moħqrija. Għall-kuntrarju żmien ir-Randan mhux biex wieħed jgħaddi minn tifkiriet vagi jew emozzjonali, imma għandu jqanqal għall-ġenerożità, b'għemejjel imsieħba ma' kompassjoni u sagrifiċċju personali, ta' interess f'dawk li għaddejjin minn xi tbatija, solitudni jew nuqqas ta' paċi u mħabba.

Kull meditazzjoni tintemm b'talba lil Alla l-Missier li meta tgħaqqadhom kollha flimkien joħroġ ċar il-valur nisrani u awtentiku ta' dawn il-ġranet li għandhom jinfluwixxu fuq il-bqija tal-ħajja nisranija.

Kopji ta' dan il-librett, li jistgħu jinkisbu m'għand il-librara tal-kotba reliġjużi, jistgħu jkunu ġest sabiħ bħala rigal għal dan iż-żmien, xejn inqas bħala tħejjija ta' natura spiritwali għal-laqgħa mal-Papa Benedittu XVI fiż-żjara tiegħu fostna f'April li ġej.

***Mons. Salv Grima***



SMUGGLER'S CAVE
BAR • RESTAURANT • PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



## Ħsibijiet tal-Kardinal Basil Hume fuq is-Seba' Kelmiet

# L-AĦĦAR TESTMEN

*Introduzzjoni*

Meta jkun qed imut xi ħadd ta' ġewwa, xi ħadd li tħobbu mill-qalb, tkun ħaġa naturali, li kulħadd idur mas-sodda tiegħu biex jipprova jissamma' kull kelma li tkun ħierġa minn xofftejh.

L-aħħar kelmiet huma dejjem għeżież għaliex:

- huma l-**AĦĦAR TESTMENT** tal-maħbub tagħna
- fihom **MESSAĠĠ** ta' min jgħożżu daqs teżor

**Is-Seba' Kelmiet** instemgħu minn Ommu Marija, mid-dixxiplu l-maħbub Ġwanni, minn Marija ta' Magdala u oħrajn.

Is-Seba' Kelmiet kienu **Messaġġ**
mhux għalihom biss iżda għal kulħadd
għal kull żmien għalija u għalik.



## 1 "MISSIER, AĦFRILHOM GĦAX MA JAFUX X'INHUMA JAGĦMLU"

- Kristu ried jaħfer. Anzi nasal biex ngħid, ried jiskużahom,
  "għax ma jafux x'inhuma jagħmlu".
- Hemm xi ħadd minna li jista' jgħid li ma għandux bżonn ta' maħfra?
- Kulma hemm bżonn biex Ġesù jaħfirli hu:
  li nammetti li neħtieġ il-maħfra
  li nindem minn dnubieti
  li nagħti kelma soda li mil-lum 'l quddiem
  nagħmel kulma nista' biex ma nidnibx aktar.
- U mill-ewwel Ġesù jaħfirli.
  Hu jrid jaħfirli;
  Min iħobb dejjem jaħfer.
  **Għax Hu l-aktar twajjeb fost it-twajbin.**

## 2 "ILLUM STESS TKUN IL-ĠENNA MIEGĦI"

- Il-Ħalliel it-Tajjeb talab lil Ġesù:
  *"Mulej ftakar fija meta tkun fis-saltna tiegħek."*
- Il-Ħalliel it-Tajjeb tkellem f'isimna lkoll.
  Hu qed jgħallem biex aħna wkoll nagħmlu t-talba,
  *"Ftakar fija..."*
- U Ġesù wieġbu : *"Illum stess tkun fil-Ġenna Miegħi."*
- Meta se tkun dik il-ġurnata għalija u għalik? Ma nafux.
- Imma jekk aħna ngħidu spiss din it-talba, *"Ftakar fija..."*
  Ġesù ma jinsiniex.
- Kif jista' jinsina, la ma jridx jinsina?

## 3 "GĦANDI L-GĦATX"

- L-istoriċi jgħidulna li min ikun msallab jaqbdu għatx kbir.
  Ġesù agunija wkoll iħoss dan "l-għatx".
  U jixxennaq għal qatra ilma.
- San Ġwann li semgħu kitibilna fil-Vanġelu. F'dik il-kelma "Għandi l-għatx" kien hemm tifsira aktar profonda.
- Ġesù kien għatxan mhux għall-ilma, iżda għall-qlub.
- Hu xewqan li aħna ndaħħluh f'ħajjitna, f'moħħna u f'qalbna.
- Hu jħabbat fuq il-bieb ta' ħajjitna. Ma jisfurzax il-bieb.
  "Għandi l-għatx", igħidilna.
- Jiddependi minna, nifthulux jew le.
- X'kienet it-tweġiba? Ma tawhx ilma, iżda ħall. Il-ħall hu qares u morr.
- Forsi t-tweġiba tagħna hi hekk ukoll.

**Dawl għall-Ħajja** — *Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca*

# T TAL-MULEJ ĠESÙ

## 4 "MARA, HAWN HU IBNEK"

- X'ħasset l-Omm dak il-mument?
  Kieku xtaqet ittaffilu l-għatx.
  Iżda ma setgħet tagħmillu xejn ħlief tibqa' wieqfa ħdejh.
- L-Omm dejjem issibha ħdejn binha jew bintha fit-tbatija.
  Dak hu r-rwol tal-Omm.
- Hekk ukoll għad tkun ħdejja u ħdejk, speċjalment meta niġu biex immutu. Għaliex hi Ommna wkoll.
- Ġesù mbagħad ħares lejn Ġwanni u qallu: "Hawn hi Ommok."
  L-uġigħ ta' Marija kien l-uġigħ tal-ħlas. Aħna konna qed nitwieldu fil-familja ta' Alla permezz tal-Mewt u l-Qawmien Tiegħu.
- Hija kienet qed issir Omm mill-ġdid – l-Omm tagħna lkoll.

## 5 "ALLA TIEGĦI, ALLA TIEGĦI, GĦALIEX TLAQTNI?"

- Kristu qed jersaq lejn it-tmiem.
  It-tbatija fiżika li kien iġarrab kienet enormi.
  Iżda barra din it-tbatija fiżika kien qed iġarrab tbatija oħra.
  Minn xofftejh ħarġu dawn il-kelmiet: "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?"
- X'dalma kien qed iħoss?
  Li tħossok abbandunat mill-ħbieb, hi piena kbira.
  Iżda li tħoss li Alla telqek u ħalliek… dan il-ħsieb hu agunija akbar.
  Tgħid Ġesù ried iġarrab l-esperjenza iebsa tad-*depression*, tal-agunija mentali minħabba fina?
  Iva, jien hekk nemmen.

  Meta aħna nħossuna *depressed* f'moħħna u f'qalbna, tkun ħaġa sewwa li niftakru li Ġesù għadda wkoll minn din l-esperjenza.

## 6 "MULEJ, F'IDEJK JIEN NERĦI R-RUĦ TIEGĦI"

- Fl-aktar mument li ħassu abbandunat minn Alla, Ġesù lissen dawn il-kelmiet: "Mulej f'idejk jien nerħi ruħi."



Dawn il-kliem huma att ta' fiduċja f'Alla l-Missier.
- Ġie li ħassejt li donnu Alla nsiek u abbandunak?
  Xi darba għad tgħaddi minn mumenti ta' tbatija u ta' tiġrib.
  U forsi tħossok ma tafx fejn ser taqbad tagħti rasek.
- Kemm tkun ħaġa sabiħa li dak il-ħin int ukoll tlissen : "Mulej f'idejk jien nerħi ruħi."
  Din it-talba tnissel paċi f'qalbek.
  Tabilħaqq li mhix ser tneħħilek it-tbatija għal kollox.
  Iżda żgur li ttaffilek it-tbatija għax tkun għaqqadt it-tbatija tiegħek ma' ta' Ġesù.

## 7 "KOLLOX MITMUM"

Ġesù wasal fl-aħħar… lissen dan il-kliem, baxxa rasu u miet.

**Miet.**
Wasal it-tmiem.
Imma dan ma kienx tmiem.

**It-tmiem kien bidu ġdid!**

Tlitt ijiem wara Maria Maddalena sabet il-ġebla tal-qabar imwarrba.

- Il-Mejjet reġa' Qam.
- L-Imsallab reġa' ħa l-Ħajja.
- Kristu qam tassew mill-Mewt.
- In-Niket inbidel f'Ferħ.
- Id-Dlam inbidel f'Dawl.

*Solidarjetà Nisranija (7)*



# L-Opri tal-Ħniena



*kitba ta'*
MONS. ISQOF EMERITU
NIKOL Ġ. CAUCHI

**L-imħabba u l-ħniena, bħala virtujiet insara, jeħtieġ li ma jkunux biss xewqa jew sentiment, imma hemm bżonn li jitwettqu fil-prattika, permezz ta' l-opri tal-ħniena. Għalhekk San Ġwann iwissina: "Uliedi ma nħobbux bil-kliem u t-tpaċpiċ, imma bl-għemil u bis-sewwa"** (*1 Ġw* 3,18).

Tradizzjonalment, l-opri jew għemejjel tal-ħniena huma mqassmin f'żewġ kategoriji, dawk li jirrigwardaw il-ħtiġijiet tal-ġisem tal-proxxmu tagħna, u dawk li jirrigwardaw il-ħtiġijiet tar-ruħ



tiegħu. Fi żminijietna, peress li hija magħrufa aħjar l-unità tal-persuna umana, kull bniedem hu meqjus bħala kreatura waħda u sħiħa,li tiġbor fiha kemm l-element materjali kif ukoll l-element spiritwali, f'għaqda li matul ħajtu f'din id-dinja ma tinħalix, din id-diviżjoni f'żewġ kategoriji mhux dejjem tiġi aċċettata. Madankollu, xorta waħda l-lista ta' l-opri tal-ħniena, f'żewġ kategoriji, tista' tkun utli sabiex tfakkarna li n-nisrani huwa msejjaħ ħalli jwettaq dawk l-għemejjel li bihom jagħti xhieda, li huwa jrid jikber fil-virtujiet tal-ħniena u tal-karità tal-proxxmu kif għallimna Kristu.

### *Opri tal-ħniena li jmissu l-ġisem*

Hemm seba' għemejjel tal-ħniena ewlenin li jirrigwardaw il-ħtiġijiet tal-ġisem, u għalhekk jissejħu opri tal-ħniena korporali; huma dawn li ġejjin:

### 1. ITMA LIL MIN HU BIL-ĠUĦ

Il-Profeti tar-Rabta l-Qadima, sikwit kienu jsemmu d-dmir li wieħed jgħin lill-foqra u jtaffilhom it-tbatija tagħhom, speċjalment il-ġuħ. Hekk per eżempju, Iżaija, jgħid f'isem il-Mulej "Jaqaw mhux dan is-sawm li jiena rrid...mhux li taqsam ħobżok ma' min hu bil-ġuħ?" (*Iż* 58,7-10). Kristu li għamel il-miraklu tal-multiplikazzjoni tal-ħobż, biex jitma l-folla li kienet bil-ġuħ. Bl-eżempju u bit-tagħlim tiegħu ssokta din it-tradizzjoni profetika.

**Il-ġuħ qed jaħkem f'diversi naħħiet tad-dinja, u ftit jew wisq qegħdin iħossuh mhux inqas minn żewġ terzi tal-popolazzjoni dinjija. Dan, mhux għaliex l-art ma tipproduċix ikel biżżejjed, iżda għaliex il-ġid mhux imqassam sewwa. Il-ġuħ iġib miegħu ħafna tbatijiet, bħal ma huma l-ansjetà u l-mard. Il-ġuħ, fl-aħħar mill-aħħar, mhux ħaġa oħra ħlief l-effett ta' faqar kbir, li waqgħu fih ċerti bnedmin, ħafna minnhom vittmi ta' l-inġustizzji li jeżistu fid-dinja. Huwa ġuħ permanenti li jkun magħhom mit-twelid sal-qabar u li jwassal għall-mewt wara għomor qasir. Hija kundizzjoni tal-ħajja li titfa' lil dawk li jkunu fiha, f'miżerja liema bħala u tista' twassal għal stat ta' disperazzjoni.**

F'pajjiżna forsi ma nafux b'nies li qegħdin imutu bil-ġuħ, iżda żgur li għandna wkoll min hu nieqes mill-ikel u minn dak li jeħtieġ biex ikun f'saħħtu u jgħix ħajja li tixraq lill-bniedem. Jeżistu fostna wkoll il-foqra u dawk li huma emarġinati.

Dan l-għemil tal-ħniena li titma lil min hu bil-ġuħ, huwa attwali ħafna fi żminijietna, għaliex il-problema tal-ġuħ fid-dinja hija waħda

mill-iktar akuti u urġenti u li għaliha għadha ma nstabitx soluzzjoni sħiħa.

**Iżda fid-dinja moderna, il-kelmiet "Itma lil min hu bil-ġuħ" ma jfissrux biss id-dmir li tnewwel l-ikel lil min qed isofri l-ġuħ, iżda jfissru wkoll il-ħtieġa li jiġu rispettati l-jeddijiet ta' min jaqla' ħobżu ta' kuljum permezz tax-xogħol tiegħu. Iktar gravi mid-dmir tal-karità huwa d-dmir tal-ġustizzja li jitħarsu ż-żewġ jeddijiet fundamentali tal-bniedem; (i) il-jedd għax-xogħol u (ii) il-jedd li tingħata paga ġusta lil min jaħdem.** Fl-enċiklići tal-Papiet, speċjalment fil "*Mater et Magistra*" tal-Beatu Ġwanni XXIII, fil-"*Laborem Exercens*" tal-Papa Ġwanni Pawlu II, u fil "*Caritas in Veritate*" tal-Papa Beneditt XVI, hemm insistenza fuq dawn il-jeddijiet u d-dmirijiet li jikkorrispondu għalihom. Huwa meħtieġ li l-insara kollha jaċċettaw dan it-tagħlim dwar il-ġustizzja soċjali u jwettquh fl-ambjent tagħhom.

## 2. ISQI LIL MIN HU BIL-GĦATX

Dan l-għemil ta' ħniena huwa marbut ma' dak ta' qablu "Itma lil min hu bil-ġuħ" u t-tnejn flimkien ifissru li għandna naħsbu f'min jonqsu l-għajxien għall-ħajja tal-ġisem u nipprovduhulu. **Diversi pajjiżi Afrikani, tas-Sahel, huma milqutin minn nixfa u nuqqas ta' xita, hekk li ħafna artijiet isiru firxiet ta' ramel qishom deżert. L-ilma hu meħtieġ mhux biss għax-xorb, iżda wkoll għall-kultivazzjoni tal-prodotti tar-raba, għall-iġjene u l-prevenzjoni tal-mard.**

Mingħajr ilma l-bniedem ma jistax jgħix u l-anqas jista' jagħmel ebda progress.

Iżda li tisqi lil min hu bil-għatx, barra mis-sens litterali, jista' jkollu tifsiriet oħra, bħal meta nagħtu l-għajnuna tagħna lil min ma jkunx jista jgħaddi mingħajrha, kif ma jistax ikompli jgħix min ma jixrobx. Difatti jiġri ħafna drabi li meta nagħtu jixrob lil xi ħadd, dan ikun aktarx persuna debboli u mhix kapaċi tgħin lilha nfisha, bħalma huma t-tfal jew xi ħadd marid. F'dan is-sens Kristu qal: "Kull min jagħti mqar tazza ilma lil xi ħadd minn dawn iż-żgħar għax hu dixxiplu, tassew ngħidilkom, ma jitlifx il-ħlas tiegħu" (*Mt* 10,42). Għad li kien jitkellem b'mod metaforiku, San Pawl jiddistingwi bejn l-ikel misjur li jgħodd għall-kbar u l-ħalib li jixorbuh it-tfal żgħar bħala manteniment tagħhom: "Ħalib sqejtkom, mhux ikel għax ma kontux tifilħu għalih (*I Kor* 3,2).

**Hija opra ta' ħniena li wieħed jipprotieġi t-tfal mill-perikli tar-ruħ u tal-ġisem u li jagħtihom dak li jkunu jeħtieġu. Kristu darba sejjaħ lejh tfajjel ċkejken u qal: "Kull min jilqa' tfajjel bħal dan minħabba f'ismi jkun jilqa' lili"** (*Mt* 18,5).

L-imħabba u l-ħniena lejn it-tfal għandhom jibdew jitwettqu fi ħdan il-familja. Il-ġenituri nsara għandhom dmirijiet speċjali lejn uliedhom u obbligati josservawhom b'eżattezza. Wieħed minn dawn id-dmirijiet huwa propju dak li jieħdu ħsieb is-saħħa ta' wliedhom u jipprovdulhom dak li jkun meħtieġ għat-trobbija tagħhom. Huwa wkoll dmir tal-ġenituri li jgħallmu lil uliedhom iżommu l-qies fl-ikel u fix-xorb.

**Għad li l-karità tibda fid-dar, iżda ma għandhiex tibqa' magħluqa hemm. Barra mill-ulied tal-familja tagħna, fil-parroċċa jew fl-ambjent tagħna, jista' jkun hemm xi tfal oħra li jeħtieġu l-attenzjoni u l-għajnuna tagħna. Huma t-tfal li tilfu l-ġenituri tagħhom jew li ġejjin minn familji mfarrkin.** Xi drabi dawn it-tfal isibu kenn fiċ-*"Children's Homes"*, iżda biex dawn ikomplu l-ħidma tagħhom jeħtieġu l-ġenerożità tal-qlub li jafu jħennu u jgħinu. Reċentement bdiet ukoll id-drawwa tal-*"foster care"* li hija inizjattiva li tista' ssolvi diversi problemi u jistħoqqilha l-appoġġ tal-istat u tal-pubbliku.

*(jissokta)*






# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(Is-Sebgħa u Għoxrin Parti )*

## *IX-XOGĦOL TAL-BIZZILLA F'GĦAWDEX (5)*

***Negozjanti li ħaddmu x-xogħol tal-bizzilla***

Kull min jagħmel xi prodott irid isib ibigħu. Għalhekk biex ix-xogħol tal-bizzilla f'Għawdex jibqa' miexi 'l quddiem bilfors kellu jkun hemm għadd ta' nies li jinnegozjaw dan il-prodott, jiġifieri jixtruh mingħand min jaħdmu, jew iħallas tax-xogħol, u mbagħad jerġa' jbigħu.

Jidher li għall-bidu l-bizzilla ta' Għawdex kienet tinxtara minn kumpraturi li mbagħad kienu jbigħu lil tal-ħwienet f'Għawdex jew ibigħuha fis-suq miftuħ li dari kien ikun hemm fejn Savina.

Ħwienet li jbigħu l-ħajt kienu wkoll jibdlu l-ħajt u oġġetti oħra mal-bizzilla. Il-biċċa l-kbira tal-bizzilla kienet imbagħad tittieħed Malta fejn kien hemm suq kbir u tajjeb. In-negozjanti kienu jġibu wkoll l-ordnijiet għax-xogħol.

Naturalment, ma nistgħux ngħidu min kien l-ewwel wieħed li beda jinnegozja l-bizzilla. Imma nistgħu nsemmu xi negozjanti u kurriera li kienu jieħdu x-xogħol Malta, imma dan ma jfissirx li se nsemmu 'l kulħadd.

Insemmu lil Ġorġ Cilia, mir-Rabat u ibnu Ġanni Cilia u jerġa' ibnu Giorgio li kienu bil-ħanut ir-Rabat.

Diacono jsemmi lil Wiġi Mercieca ta' Manwela u Toni Meilak tas-Sabiħa. Kien hemm Mikelanġ Grima tal-Barba kif ukoll uliedu xebbiet.

Negozjant prim ieħor kien Franġisku Azzopardi tal-Ħamraman mix-Xagħra imma li kien joqgħod ir-Rabat.

Kabbru l-kummerċ tagħhom Mikiel Borg, Malti, li kien jinnegozja l-Bizzilla Għawdxija u Salvu Micallef tal-Għasfur li kellu ħanut magħruf ħafna fi Strada Rjali, il-Belt Valletta.

Insemmu wkoll dawn li ġejjin:

Betta Asciak ta' Rejjaq u Ġannaroż Cauchi tal-Wirdiena mill-Għarb.

Indrija u Mariġwann Falzon tax-Xirmi min-Nadur, u Marija Buttigieg tas-Surrana mill-Qala.

Ġużeppa Debrincat tax-Xelina minn Ta' Sannat.

Ġużepp Vella ta' l-Ikħal mir-Rabat, u Maripawl Cassar minn Għajnsielem.

Indaħlet ukoll għal dan in-negozju tal-bizzilla s-Sinjura Cecilia de Trafford Strickland, li kienet ukoll timporta l-ħajt ***Irish Linen*** u qabbdet lil Carmel Gerada biex ipinġilha disinni għall-bizzilla wara li żar Għawdex biex jitgħallem kif isiru.

Is-Sinjura Cecilia de Trafford kienet tħallas tajjeb, fil-pront, u għall-Għawdxin kien unur li jaħdmu għaliha. Dan serva ta' ġid għax in-negozjanti l-oħra uħud milli semmejna aktar 'il fuq kellhom huma wkoll igħollu l-prezzijiet tal-bizzilla. B'dan il-mod nistgħu ngħidu li Cecilia ħadet il-monopolju tal-kummerċ tal-bizzilla. Kellha saħansitra l-ħila taqbad ma' l-istabbiliment ta' Harrods Londra, u hekk il-bizzilla ta' Għawdex ħadet spinta 'l quddiem għax bdiet tibgħatlu kunsinni regolari.

Biex nagħtu ħjiel ta' kemm kien hawn negozjanti tal-bizzilla f'Malta u Għawdex, se nsemmu biss iċ-ċifri totali għas-snin 1890 u 1901:

1890 - Irġiel: 53. Nisa: 12.
1901 - Irġiel: 74. Nisa: 14.

***The Malta Industries Association Ltd. 1935.*** Il-produzzjoni tal-bizzilla ta' Għawdex laħqet il-qofol tagħha meta twaqqfet din l-assoċjazzjoni mill-Contino Tewma Castelletti bħala wieħed mid-diretturi tagħha. Id-disinn u x-xogħlijiet tal-bizzilla bdew jiġu awtentikati b'tikketti b'dan l-isem.

Fetħet ukoll ħanut ħdejn id-Dwana, fejn Mrs de Trafford kienet tieħu tfajliet Għawdxin biex jaħdmu l-bizzilla fuq



disinni ta' Ġerada ħalli jarawhom it-turisti u dawk interessati.

Imma meta faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija (1939-45) in-negozju tal-bizzilla spiċċa għal kollox.

### *Wara l-Gwerra*

Wara l-Gwerra x-xogħol tal-bizzilla reġa' beda ġej 'il quddiem. Imma issa kien daħal ukoll ix-xogħol tal-***bizzilla bil-magni*** li sa ċertu punt kien għamel il-ħsara lil dawk li jaħdmu l-bizzilla bl-idejn.

Dwar il-bizzilla li tinħadem bl-idejn, xi negozjanti reġgħu bdew jieħdu l-bizzilla Malta. Iżda bid-dħul ta' l-iskola obbligatorja fl-1946, it-tfal ma setgħux ikomplu jitgħallmu l-bizzilla minn ċkunithom. Ix-xjuħ baqgħu jmutu bla ma jidħol ħadd flokhom. Għalhekk fi żmien 30 sena x-xogħol tal-bizzilla bl-idejn ġie kważi fix-xejn. Minħabba l-bidla fl-ekonomija ta' pajjiżna, l-emigrazzjoni u l-ħolqien ta' iżjed postijiet tax-xogħol, il-bizzilla ma baqgħetx iżjed xogħol li wieħed jaqla' ħobżu minnu.

### *Qawmien mill-ġdid*

Għalhekk, aktar ma beda jgerbeb iż-żmien, aktar bdiet tinħass il-ħtieġa biex terġa' ssir xi ħaġa ħalli jerġa' jkun hemm qawmien ta' din is-sengħa antika u sabiħa, talanqas biex dan ix-xogħol antik u tradizzjonali ma jintilifx għal dejjem u jintesa.

***Il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex.*** L-ewwel nies li kienu konxji tal-problema kienu l-membri tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex li kien imwaqqaf b'liġi fl-1961. Jidher li fl-1963 il-Kunsill kien ħatar kummissjoni komposta mis-Sur Anton Buttigieg (is-Surmast) bħala *Chairman*, u l-Onor. Carmelo Refalo, M.P., u s-Sur Joseph Cauchi bħala membri biex tistudja l-problemi tal-bizzilla u tagħmel xi rakkomandazzjonijiet biex ittejjeb il-qagħda tagħha. Sfortunatament wara sentejn din il-kummissjoni kienet għadha m'għamlet xejn, lanqas rapport, u fil fatt jidher li minn din il-kummissjoni ma ħareġ xejn fattwali u l-problema tal-bizzilla flok issolviet baqgħet tistenna.

***Ċentru tas-Snajja'.*** L-ewwel pass ittieħed fis-sena 1979 meta f'Għawdex ġie inawgurat iċ-Ċentru tas-Snajja', l-ewwel fil-bini ta' l-Isptar il-Qadim, fi Pjazza San Franġisk kif tixhed din l-iskrizzjoni li kien hemm malli tidħol mill-bieb tan-nofs:

ĊENTRU TAS-SNAJJA'
MIFTUĦ
NHAR IL-ĦAMIS, 17 TA' MEJJU, 1979
MILL-ONOR. PATRICK HOLLAND, LL.D., M.P.,
MINISTRU TAL-KUMMERĊ, INDUSTRIJA U
INDUSTRIJI PARASTATALI U TAL-POPLU

Fid-9 ta' Diċembru ta' dik is-sena f'dan iċ-Ċentru ġiet inawgurata mill-Onor. Patrick Holland l-ewwel wirja speċjali ta' artiġanat u snajja' lokali fl-okkażjoni tal-ħames anniversarju minn meta Malta saret repubblika, iżda mbagħad, meta nbidel il-Gvern dan iċ-Ċentru ittieħed f'bini fiċ-Ċittadella (fejn illum hemm il-Mużew ta' l-Istorja Naturali), biex jagħmel wisa' għall-Ministeru għal Għawdex, u wara, għal darb' oħra, reġa' ttieħed fil-bini tal-ħabs ta' Għawdex fi Triq il-Ħabs, fejn dam għal bosta snin. Id-dħul f'dan iċ-Ċentru mill-viżitaturi kien b'xejn. F'dan iċ-Ċentru tas-Snajja' kien hemm esibiti affarijiet ta' artiġanat fosthom ix-xogħol tal-bizzilla u tan-newl. Filwaqt li dan iċ-Ċentru kien jippropaga tajjeb ħafna s-snajja' qodma Għawdxin fost dawk kollha li jżuru lil Għawdex u, naturalment, lil dan iċ-Ċentru, bdew isiru wkoll lezzjonijiet f'diversi snajja' fosthom il-bizzilla, biex hekk b'mod konkret dawn is-snajja', li kienu għoddhom mietu, jerġgħu jqumu mill-ġdid. Il-għalliema tal-bizzilla fiċ-Ċentru tas-Snajja', meta kien għadu fejn San Franġisk, kienet Mary Grima mix-Xagħra.

***(Jissokta)***


# Imperial Eagle

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

*Rapport*

# 27 Mistoqsija li jeżiġu tweġiba



**Gozo Tourism Association – Laqgħa Ġenerali, 28 ta' Jannar 2010**

*messaġġ ta'* **PAUL SCICLUNA**, Chairman G.T.A.

**Għadha kif bdiet sena ġdida, sena li qed iġġibilna quddiemna sfidi kbar li rridu nkunu kapaċi nilqgħu u negħlbu biex inżommu u ntejbu l-livell ta' l-operat u l-ħidma tagħna. Iżda ħalli nagħtikom rendikont tal-ħidma li wettqet il-GTA. Irrid nagħmel xi osservazzjonijiet li fl-opinjoni tiegħi huma ta' importanza għall-industrija turistika u rrid nesprimi fuq liema direzzjoni għandha timxi l-GTA fix-xhur li ġejjin.**

Fil-messaġġ tiegħi tas-sena l-oħra kont elenkajt dwar l-inċertezza u sfidi kbar li ser ikollna nħabbtu wiċċna magħhom minħabba r-reċessjoni u ma kontx żbaljat, għax matul is-sena 2009 id-dinja industrijalizzata realment waqgħet fi kriżi ekonomika u reċessjoni li kien ilu ma jkun hawn bħala mill-1930. Esperjenza u sitwazzjonijiet li ma konniex imdorrija niffaċċjaw, minkejja l-fatt li s-settur tat-turiżmu hu dinamiku u fih sfidi kontinwi, iżda ħadd minna ma kien jobsor bid-diffikultajiet iebsin li kien ser ikollna nħabbtu wiċċna magħhom.






Minħabba din il-kriżi internazzjonali rriżulta nuqqas sostanzjali fin-numru ta' turisti barranin, u dawk li ġew fostna ħadu vaganza iqsar, b'konsegwenza li affettwa l-ljieli li dawn iqattgħu f'pajjiżna u d-dħul finanzjarju. Dan in-nuqqas ħassejnieh ferm aktar f'Għawdex. Għax jekk skont il-figuri uffiċjali tal-NSO, **f'Malta n-nuqqas kien ta' għaxra fil-mija, f'Għawdex irreġistrajna kważi d-doppju ta' dan.**

Bħalma lkoll nafu, t-turiżmu hu l-mutur ewlieni fl-ekonomija tal-gżira u d-dħul tiegħu jitferrex fuq firxa wiesgħa ta' l-ekonomija. Minnu jgawdu bosta setturi oħra u s-sitwazzjoni preżenti bir-raġun kollu tagħti lok għal tħassib.

Intant, meta niftakru li l-aħħar snin ma kinux daqstant tajbin, l-operat tagħna xorta waħda spiċċa bi spejjeż akbar u **l-profitti komplew jonqsu b'konsegwenza li aħna n-negozjanti żgħar qed nispiċċaw f'sitwazzjoni inkwetanti.**

### *Diffikultajiet qodma u oħrajn ġodda*

Jekk niġu għal din is-sena u bil-miżuri mħabbra fl-aħħar *budget*, nistaqsi jien bħalma qed tistaqsu intom ilkoll, kif ser jiġi affettwat l-operat tagħna din is-sena speċjalment biż-żieda sostanzjali għall-għoli tal-ħajja ta' 5.82 ewro fil-ġimgħa kull impjegat u prezz ogħla ta' madwar 30% fit-tariffi tad-dawl u l-ilma. Dan minbarra l-ispejjeż għat-titjib li rridu bil-fors nagħmlu fl-istabbilimenti tagħna biex nibqgħu kompetittivi, għax **jekk ma nżommux l-istandard u ma ntejbux il-livell tagħna, it-turist għandu xelta wiesgħa minn fejn jagħżel u qed isib alternattivi ħafna aħjar.**

Minn barra dawn il-miżuri, ta' min jistaqsi, **x'sens jagħmel li l-Gvern idaħħal tariffa ġdida ta' 50c kull persuna għal kull lejl fi żmien meta s-settur tat-turiżmu jinsab marsus u dahru mal-ħajt?** U ngħid jien, hu l-istess għal min jiflaħ iħallas u joqgħod ġo lukanda *5 star* bħal min joqgħod ġo *2 star* jew appartament? Anzi għall-operaturi ż-żgħar din tfisser persentaġġ sinifikanti komparata ma' kemm jiċċarġjaw. U rridu nkunu nafu, min ser jagħmel tajjeb għall-alterazzjoni li hemm bżonn isir fis-*software* u l-ispejjeż oħra relatati? Min verament ser ikollu jħallasha din it-tariffa, meta hu fatt li ebda *tour operator* barrani m'aċċetta li jagħtina żieda din is-sena? Mhux mill-but tagħna ser tispiċċa titħallas? **Fiċ-ċirkostanzi preżenti, nifilħu aħna nitgħabbew b'aktar piżijiet?**




Dawn huma wkoll raġuni għaliex qed jonqos l-għadd ta' turisti. **Qed nitilfu l-kompetittività u l-ħila li nikkompetu ma' swieq oħra fir-reġjun tal-Mediterran li bħalna huma f'kompetizzjoni biex iħajru lejhom it-turisti.**

Nerġa' nirreferi għall-punt li semmejt aktar qabel dwar in-nuqqas ta' turisti li ġew u qagħdu Għawdex matul l-2009. U rrid nistaqsi, għaliex ir-rata ta' l-okkupanza u ljieli fil-lukandi tagħna, sena wara sena tibqa' nofs ta' Malta? Għaliex l-istaġjonalità tinħass aktar f'Għawdex u m'aħniex kapaċi ntawlu x-xhur ta' l-operat tagħna? X'inhu jżomm lit-turist milli jieħu l-vaganza f'pajjiżna u mhux iżurna għal ġurnata biss? Hemm barra mix-xtut tagħna, it-turist jaf li Għawdex jeżisti? **Qed isir reklamar biżżejjed għall-gżira tagħna jew kuntenti li aħna ngawdu minn dak li jsir għall-gżira omm u mhemmx għalfejn enfasi żejda?**

Veru li l-gżira tagħna l-istess bħal Malta? Għadna niddeskrivu lil Għawdex bħala l-ġojjell tal-gżejjer Maltin? Għadna nemmnu li Għawdex għandu jkun reklamat separatament minn Malta għax għandu karatteristiċi distinti? U hawn tiġini f'moħħi l-wegħda li titwaqqaf entità għall-promozzjoni u l-koordinazzjoni tad-diversi setturi li jaffettwaw it-turiżmu f'Għawdex. Għadha din fil-pjan tal-gvern? Għax **aħna għandna nemmnu u nistennew li Għawdex jkollu minn jerfa' r-responsabbiltà għall-ħtiġijiet tas-settur tat-turiżmu.**

Sadanittant inkompli nistaqsi; nistgħu nisfruttaw in-niċeċ speċjalizzati li nippossedu? Qed infittxu swieq ġodda u ngħinu operaturi ħalli jinkludu lil Għawdex? Smajna aktar kmieni din il-ġimgħa li l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu iffirmat ftehim ma' żewġ operaturi Brittaniċi ewlenin, *Thomas Cook* u *Saga Holidays* bl-iskop li jinġiebu aktar turisti mill-Ingilterra. Tgħid saret kundizzjoni li persentaġġ minnhom iridu jintbagħtu Għawdex?

**Intant, minbarra mill-Ingilterra u l-Ġermanja, kemm turisti minn pajjiżi oħra, speċjalment min-naħa ta' fuq ta' l-Ewropa qed jiġu fostna? Ftit passi bogħod hawn Sqallija u l-Italja b'populazzjoni ta' miljuni kbar. Kemm qed nisfruttaw lil dawn il-ġirien?**

### *Il-wegħdi għadhom jgħoddu?*

Hu fatt li meta n-numru ta' turisti f'Malta beda jonqos drastikament, is-soluzzjoni kienet l-introduzzjoni tal-*Low Cost Airlines*. Biex ġew dawn il-linji, l-gvern kellu u għadu jgħinhom finanzjarjament. Għaliex mhux isir l-istess biex jiżdiedu t-turisti lejn Għawdex? Possibbli ma' nsibux mezz li ta' l-inqas nifrankaw l-ispejjeż tat-*transfer* mill-ajruport għal Għawdex? **Ħaġa oħra, s-servizz sostenibbli ta' trasport bl-ajru minn u lejn Għawdex, għadu fuq l-aġenda? Qabel l-elezzjoni ta' sentejn ilu konna mwegħda deċiżjoni immedjata dwar dan. Kemm ser indumu nistennew a skapitu ta' aċċessibbiltà aktar effiċjenti?**

Intant, niġi issa għas-settur tal-*cruise liners*. Kemm smajna u ġejna mwegħda li ser ikollna minnhom, iżda meta verament ser nibdew ingawdu minn dan is-suq? In-niċeċ l-oħra u hawn insemmi: **it-turiżmu reliġjuż, sportiv, operistiku, agri-turiżmu, l-mixjiet organizzati fil-kampanja, turiżmu ta' konferenzi u l-iskejjel tal-lingwi, ftit li xejn qed ingawdu minnhom.** Dan meta nafu li hawn potenzjal kbir għalihom u dawn in-niċeċ jiffittjaw perfettament fi gżiritna.

Ilkoll naqblu li m'aħniex nitkellmu kif ser inġibu volumi ta' turisti, iżda għaliex huwa daqshekk diffiċli li niġbdu lejna ftit eluf biex nimlew is-sodod li għandna tal-anqas seba' xhur? **Sa ftit snin ilu l-istaġun tas-sajf kien ta' seba' xhur iżda llum nafu li minbarra x-xhur ta' Lulju u Awwissu qed ikun diffiċli ħafna biex nimlew ix-xhur l-oħra, aħseb u ara x-xhur tax-xitwa.**

*(jissokta fil-ħarġa li jmiss)*

*Kultura Kristjana*

# Inċiżjoni rari tan-Nawfraġju ta' San Pawl f'Utrecht, l-Olanda



*kitba ta'* Dr. JOE ZAMMIT CIANTAR

**Għalina l-Maltin, in-nawfraġju ta' San Pawl huwa ġrajja li seħħet u niffesteġġjawha kull sena fl-10 ta' Frar. Dakinhar, fil-knejjes kollha ta' Malta u Għawdex, l-epistola ewlenija li tinqara hija s-silta mill-ktieb tal-Atti tal-Appostli fejn San Luqa, b'dettalji liema bħalhom, jirrakkonta t-tempesta li nqabad fiha l-ġifen li kien qiegħed iġorr lill-Appostlu Pawlu u xi priġunieri oħra lejn Ruma, in-nawfraġju, u t-tliet xhur li San Pawl qagħad fostna l-Maltin.**

Għal min hu mgħobbi bis-snin bħali, jiftakar il-festi kbar li kienu saru hawn Malta fl-1960, fl-okkażjoni tad-XIX-il Ċentenarju minn meta San Pawl 'ġie' fostna, fis-sena 60 w.K. Imma ftit ħafna jafu li kien hemm min kien saħansitra jisħaq li n-nawfraġju ma seħħx fuq Malta tagħna. Dwar din id-diskussjoni nkitbu ħafna speċi ta' teżijiet u kien hemm anki Maltin – fosthom l-istudjuż Għawdxi, il-Kanonku Ġian Pietro Francesco Sultana, aktar tard u illum magħruf bħala De Soldanis – li kitbu jiddefendu l-każ li n-nawfraġju ta' San Pawl *seħħ tassew* fuq il-kosta ta' Malta tagħna.

**Għalkemm ir-rakkont ta' San Luqa – għax qiegħed fil-Bibbja – jista' jaqrah kull min jaqra l-Bibbja, meta titkellem mal-barranin, issib li ftit huma dawk li jagħtu kas dwar il-fatt tant għażiż għalina – ir-rabta ta' San Pawl u t-twemmin li nħaddnu aħna l-Maltin, minħabba r-rakkont bibliku, u li San Luqa jgħid li meta niżlu l-art, in-nawfragati sabu li l-gżira kien jisimha Malta.**

Imma meta mbagħad, issib ruħek xi mkien u tiltaqa' ma' xi ħaġa marbuta ma' San Pawl u Malta – bħalma ġrali jien xi snin ilu meta f'mużew rajt għall-wiri, f'post prominenti, inċiżjoni tan-nawfraġju – allura tintlaqat u tħoss xi ħaġa li, hekk, bħal tagħmlek ftit kburi.

### *Knisja u Kunvent*

Il-*Catharijne Convent Museum*, f'Utrecht, fl-Olanda, għandu rabta mal-kavallieri ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, aktar tard 'ta' Malta'. Fi tmiem is-seklu tnax, wara li telqu minn Ġerusalemm, xi kavallieri ssetiljaw fit-tramuntana tal-Olanda u, xi żmien wara, l-Ordni anki ssetilja f'dik il-belt. Hemmhekk, il-kavallieri bnew knisja u kunvent, u ddedikaw irwieħhom jieħdu




ħsieb il-morda u jagħtu l-għajnuna lill-pellegrini fil-bżonn. Kemm '*il-knisja kif ukoll il-kunvent kienu ddedikati lil Santa Katerina ta' Lixandra li, fis-seklu ħmistax u wara, kienet waħda mill-qaddisin l-aktar popolari jipproteġu lin-nies kontra kull diżastru. Bħal San Ġwann il-Battista, kienet ukoll qaddisa patruna tal-kavallieri ta' San Ġwann.*' (*Catharijne Convent*, dokument mhux datat, Muniċipalità ta' Utrecht.)

Fl-1519 il-kavallieri kellhom jitilqu u jissetiljaw f'post ieħor. Fl-1580, l-adorazzjoni Kattolika Rumana kienet ipprojbita fil-knisja. Fl-1635, il-knisja ngħatat lill-Protestanti, u fl-1815 saret knisja militari għal suldati Kattoliċi. Fl-1836, il-knisja ġarrbet ħsarat kbar wara maltempata qalila. Immedjatament wara, l-knisja ngħatat lill-Kattoliċi u, fl-1842 kienet ikkonsagrata bħala katidral. Fl-1955 sarulha rennovazzjonijiet konsiderevoli.



*... illum Mużew*

Xi snin ilu, il-kunvent kien irrestawrat biex iservi bħala mużew tal-Kultura Nisranija, u llum fih oġġetti prezzjużi li jdommu rekord tal-istorja kulturali tal-Kristjanità fl-Olanda. Dawn jinkludu kollezzjoni ta' arti Medjevali, manuskritti illustrati, ħwejjeġ ekkleżjastiċi, skulturi, altari, u oġġetti liturġiċi li jirrelevaw id-differenzi fil-ħajja reliġjuża ta' kuljum tal-Kattoliċi u l-Protestanti.

*Inċiżjoni rari*

Fost il-ħafna oġġetti esebiti hemm pitturi li juru kavallieri liebsa lbies iswed bis-salib tal-kavallieri abjad fuqhom. Imma lili, waqt li kont qiegħed induru snin ilu, laqtitni ħafna inċiżjoni li turi n-nawfraġju ta' San Pawl fuq ix-xtut tal-gżejjer Maltin; inċiżjoni li bħalha qatt ma kont rajt f'ħajti, anqas fil-kotba.

**Din hija inċiżjoni kbira ħafna (44.2ċm x 33.3ċm), mifruxa fuq żewġ paġni ta' ktieb qies *quarto* (4°), li kien miftuħ ġo vetrina, taħt pittura taż-żejt bil-qtugħ ta' ras l-Appostlu San Pawl, imdendla fuqha.**

Hija inċiżjoni interessanti ħafna, b'impressjoni mhux komuni ta' San Pawl, il-baħrin, u n-nies li, skont l-*Atti tal-Appostli*, 27: 37, kienu 276 – imma f'verżjonijiet antiki kienu biss 76 jew *madwar* 76 – li kienu fuq il-ġifen li nqabad f''riħ qawwi msejjaħ grigal' u l-mewġ qawwi nkaljah fuq il-kosta ta' Malta fis-60 w.K., kollha miġbura fi speċi ta' għar kbir, madwar ħuġġieġa, fl-ewwel sigħat wara l-ħelsien mill-għarqa.

*Din l-istampa hija mimlija attività*

Fejn huwa mdawwal bil-ħuġġieġa, fiċ-ċentru tal-paġna tax-xellug, jikkuntrasta sew mal-atmosfera skura ta' madwar. Iżda ċ-ċentru tagħha huwa, naturalment, l-Appostlu tal-Ġentili, b'daqna folta, bil-wieqfa, kważi fin-nofs tal-ġemgħat tan-nies, qrib ħafna tan-nar, b'idu l-leminija miftuħa lejn in-nar, b'lifgħa titkgħawweġ imdendla magħha – sewwa sew kif jgħid il-vers 'lifgħa ħarġet mis-sħana u telgħet għal idu'. (*Atti*, 28: 3)

Xi nies, minn kull naħa tal-istampa, jidhru jippuntaw subgħajhom lejn l-iżvilupp kalm ta' dan l-inċident. Żewġ suldati – għadhom liebsa l-ilbies militari u l-elmijiet tipiċi Rumani, iħarsu u, forsi anki jgħassu, minn fuq in-naħa ta' wara. Għadd ta' nies – x'aktarx minn dawk li salvaw mill-għarqa – jidhru miġbura madwar in-nar. Ħafna huma bilwieqfa, imma hemm ukoll min qiegħed bilqiegħda mal-art. Uħud huma medhija jagħmlu xi ħaġa. Oħrajn – imxarrbin għasra – itertru bil-bard, imgeddsin ma' xulxin fi ħwejjeġ li pprovdewlhom il-Maltin. Hemm irġiel li qegħdin jiġbru xi affarijiet li daħħal il-mewġ tal-baħar. Wieħed qiegħed jimsaħ u jnaddaf tarka tal-metall tonda, u ieħor qiegħed iġorr xi vleġeġ. Żewġ tarki oħra tal-metall, lanza, żewġ stoċċijiet mimlijin vleġeġ, u xabla jidhru mitluqa mal-art.

L-ebda figura ma tidher li tirrappreżenta lil San Luqa li huwa aċċettat bħala l-awtur tal-*Atti tal-Appostli*. U, kospikwu ħafna, huwa n-nuqqas ta' nisa u tfal; mill-figuri li jidhru l-biċċa l-kbira huma ta' rġiel, kbar u żgħar, u xjuħ bid-daqna, ħafna minnhom liebsa bħal turban partikulari f'rashom.

Fost il-ħafna qegħdin iħarsu, wieħed forsi jista' jilmaħ grupp ta' abitanti – Maltin, libsin sew, bilwieqfa flimkien, fuq in-naħa tax-xellug tal-ħuġġieġa. Dawk fuq quddiem tal-istampa, speċjalment b'sidirhom mikxuf, huma rġiel li salvaw mill-għarqa. Fosthom jidhru nies jagħsru l-ħwejjeġ u oħrajn jippruvaw inixxfu ħwejjiġhom fis-sħana tan-nar.

L-esperjenza drammatika ta' dawn in-nies tidher fuq in-naħa t'isfel tal-lemin tal-istampa. Hemm uħud għadhom ifittxu jaraw x'jistgħu jsibu qalb it-tifrik tan-nawfraġju. Mill-banda l-oħra, fuq in-naħa ta' fuq ta' din ix-xena, xi rġiel għadhom qegħdin ibiddlu l-ħwejjeġ, ħdejn ix-xtajta, filwaqt li oħrajn qegħdin jippruvaw jiġbru dak li l-mewġ qiegħed iġorr 'il ġewwa, mill-ġifen imkisser, inkaljat fuq il-blat, bil-pruwa 'l fuq mill-ilma, ftit biss 'il barra, fil-baħar imqalleb.

Ix-xita qalila – hekk jgħidu l-*Atti tal-Appostli*: 'għax bdiet nieżla x-xita' – tidher impressjonanti nieżla, min-naħa ta' fuq tal-lemin tal-istampa, tħabbat fuq il-blat, u fuq l-aħħar ftit nies miexja għall-kenn fl-għar.

Fuq in-naħa tax-xellug tal-istampa, jibbilanċja kontra d-dawl, id-duħħan skur tiela' jimla s-saqaf għoli tal-imkien – għar ftit kbir u għoli żżejjed għal Malta – fejn in-nies li ħelsuha mill-għarqa ngħatalhom il-kenn u qegħdin jisħnu.

Irġiel immuskulati jiddominaw qalb il-'folla', imma l-għejja u t-tiġrib li n-nawfragati għaddew minnhom matul l-erbatax-il jum fuq il-baħar u waqt it-tempesta li qabdithom, jidhru fuq l-uċuħ li wieħed jista' josserva.

***L-artist***

Din l-inċiżjoni mhix komuni ħafna. Saret minn Johannes Luyken, u kienet ippubblikata f'*Afbeeldingen der merkwaardigsten geschiedenissen van het Oude en Nieuwe Testament, in het koper geëtst door [...] Jan Luiken en met nieuwe en leerzame beschryvingen opgeheldert*, stampat f'Amsterdam (fl-Olanda), minn J. Covens u C. Mortier, fl-1729. L-istampa għandha didaskalija bl-Olandiż: '*De Schipbreuk van Paulus aan't Eyland Melite*' u r-riferenza 'Handel: XXVII.V: 41', irrepetuta bil-Franċiż: '*Le Naufrage de Saint Paul a l'Isle de Malte*' u 'Actes XXVII. y: 41', li nistgħu nittraduċu hekk: 'In-nawfraġju ta' San Pawl fuq Malta', *Atti tal-Appostli*, XXVII: 41. Din hija riferenza għall-vers: 'Iżda ħbatna ma' sikka u (l-baħrin) waħħlu l-ġifen fuqha; il-pruwa baqgħet imwaħħla sewwa fil-post u ma tħarrkitx iżjed, imma l-poppa bdiet titfarrak bil-qilla tal-mewġ.' Iżda, għalkemm l-artist jidher li tqanqal minn dan il-vers, fl-istampa qiegħed inaqqax/ipinġi l-inċident kif jirrakkuntah San Luqa, fl-*Atti tal-Appostli*: Kapitlu XXVIII, versi 1–5: 'Meta ħlisna mill-għarqa, sirna nafu li l-gżira kien jisimha Malta. In-nies tagħha ġiebu ruħhom magħna bi ħlewwa liema bħalha. Laqgħuna tajjeb lilna lkoll u qabbdulna ħuġġieġa, għax kienet bdiet nieżla x-xita u kien il-bard. Mela Pawlu qabad qabda zkuk niexfa u tefagħhom fin-nar. Fiz-zkuk kien hemm lifgħa li, malli ħasset is-sħana, ħarġet u qabdet ma' id Pawlu. In-nies tal-gżira, kif raw il-lifgħa mdendla ma' idu, bdew jgħidu wieħed lill-ieħor: "Dan ir-raġel żgur xi qattiel, għax għad li ħelisha mill-baħar, il-Ġustizzja ma ħallitux jgħix." Imma hu farfar il-lifgħa ġon-nar u ma ġralu xejn.'




***Johannes Luyken***

Johannes Luyken – magħruf ukoll bl-isem 'Jan', twieled f'April 1649, f'Amsterdam, u miet f'April 1712, ukoll f'Amsterdam. Kien poeta, illustratur, u inċiżur. Beda jikteb poeżiji moralistiċi meta kellu sitta u għoxrin sena. Illustra l-edizzjoni *Martyrs Mirror* – li kien stampat fl-1685 – b'104 inċiżjoni. Ippubblika wkoll ktieb tas-snajja' tas-seklu sbatax – *Het Menselyk Bedryf*, fl-1694, mimli inċiżjonijiet tiegħu u ta' ibnu Caspar.

Ktieb li għandi tiegħu huwa mimli inċiżjonijiet li jakkumpanjaw poeżiji tiegħu stess: Jan Luiken, *Het beste deel Inleiding Garmt Stuiveling*, Hasselt, 1965.

A Whole New Look
Sharmain's Styling Salon
57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

Peter's Butcher Shop
For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...
St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: 7905 5051 · Tel: 2785 5051

*Kummentarju (4)*

# *Wara s-sentenza tal-Qorti Ewropea dwar il-Kurċifiss mal-ħajt tal-klassi ...*



*kitba ta'* **CARMELO GRIMA**



Din is-sentenza hasdet lil ħafna. Iżda ejjew nirriflettu daqsxejn.

**Apatija**. Il-Kurċifiss kien ilu mdendel mal-ħitan tal-iskejjel, uffiċini, Qrati, eċċ eċċ, iżda donnu kien imdendel għalxejn għax ma konniex nagħtuh dik l-attenzjoni li tixraqlu. Issa qamu l-miljuni jipprotestaw. Dan sinjal tajjeb għax għad baqagħlna demm Kristjan ġo fina. Kellha tkun din ix-xejkjatura biex iġġibna in se. Konna niċċelebraw it-Twelid ta' Ġesù Kristu bil-kbir iżda ma ndunajniex x'konna nagħmlu. Issa qomna għal ftit min-ngħas tagħna. Kellhom ikunu l-atei jew nies ta' reliġjon oħra li jqajmuna.

**Kontradizzjoni**. Il-Profeta Xmuni qal lil Marija Omm Ġesù li sejf ta' dulur għad jinfed lill-Qalb tagħha u dan it-tifel ikun ta' kontradizzjoni għal ħafna. Żgur li qatt fid-dinja s'issa ma ġiex l-Iben t'Alla miċħud u applawdit f'mument wieħed jew fi ftit żmien. Dan ġara permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni (bħal ma huwa t-TV, ġurnali, *email*, *Internet*). Miljuni kbar ta' nies semgħu b'dan id-dibattitu mondjali, u b'hekk seħħet il-profezija li Ġesù huwa veru **sinjal ta' kontradizzjoni** għal ħafna.

**Verità**. Spikkat b'mod qawwi l-ideoloġija li kulħadd għandu d-dritt iħaddan ir-Reliġjon li jrid. Qed jingħad li għandna nirrispettaw lill-minoranzi. Veru li għandna nirrispettaw lill-minoranzi iżda iktar u iktar għandna nirrispettaw lill-maġġoranza. Ħafna drabi nisimgħu u naraw fit-televiżjoni lil dawk il-minoranzi jissaħħnu, jitbaqbqu, jgħajru lill-oħrajn biex tgħaddi tagħhom. Diżgrazzjatament dawn jagħmlu ħoss kbir u għid illum u għid għada sakemm fl-aħħar tgħaddi tagħhom. Kull ma jagħmlu hu li jridu jipperswadu lil ħaddieħor li minngħalihom għandhom raġun. Il-ħażin hu li min jismagħhom ma jgħidilhomx f'wiċċhom li qegħdin fl-iżball iżda biex ma jidhrux koroh iżommu magħhom. Hemm bżonn li l-abjad ngħidulu abjad u l-iswed ngħidulu iswed. Ma nibżgħux u ma nibqgħux nbatu bir-rispett uman. B'hekk biss nistgħu nrażżnu ċerti talin.

**Persekuzzjoni**. Kristu stess qal lill-Appostli li għad ikunu ppersegwitati u għalhekk din il-persekuzzjoni ma għandhiex taqtagħlna qalbna iżda ssaħħaħ fina l-fidi. X'irridu nagħmlu? Nitolbu għal dawk li jippersegwitawna u nħallu f'Idejh. Żgur li Alla jħallasna ta' dan kollu. Ma nkunux niżbaljaw jekk ngħidu li l-Knisja tagħna hi Knisja Ppersegwitata.

**Providenzjali**. Mela nistgħu ngħidu: "Kull deni ħudu b'ġid" u xejn ma jiġri bl-addoċċ iżda kollox taħt il-ġudizzju providenzjali t'Alla.

**LUMEN CHRISTI BOOKSHOP**

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Fil-għodu: 10.00am - 1.00pm Fil-għaxija: 6.00pm - 9.00pm*





*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*

**Passiġġata Biblika - 52**

*"Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-Tajba lill-ħolqien kollu" (Mark 16:15).*

# Kristu jagħżel Tnax-il Appostlu għall-bini tal-Knisja tiegħu

**minn Fr. Charles Buttigieg**

**Fl-Ittra tal-Kongregazzjoni tal-Kleru fl-okkażjoni tal-ġurnata mondjali ta' talb għall-qdusija tas-saċerdoti nhar il-Festa tal-Qalb ta' Ġesù, nhar id-19 ta' Ġunju 2009 li mmarkat il-bidu tas-sena saċerdotali speċjali, naraw l-importanza tal-Predikazzjoni, tat-Talb u tal-Ewkaristija fil-ħajja tas-saċerdot, murija bl-ikbar żelu fil-ħajja qaddisa ta' San Ġwann Marija Vianney. L-istorja tas-sejħa tal-appostli, l-ewwel saċerdoti hija s-sejħa ta' Alla li tħares dejjem lejn is-sempliċità tal-qalb tal-bniedem. Hekk naraw fl-Antik Testment per eżempju fis-sejħa ta' David. L-istorja tas-sejħa ta' David hija waħda mill-isbaħ stejjer ta' vokazzjoni li nsibu fil-Bibbja. Alla jordna lill-profeta Samwel sabiex imur Betlem għand il-familja ta' Ġesse. Alla ma sejjaħx lil Eljab li kien il-kbir, lil Abianadab jew lil Samma u lil oħrajn imma liż-żgħir nett, li kien qiegħed jirgħa n-nagħaġ, iż-żagħżugħ David. Din l-istess sejħa narawha f'dik ta' l-appostli. It-tnax-il appostlu kienu tassew 'mibgħutin' minn Kristu sabiex ixandru l-Bxara t-Tajba tiegħu. Kollha kienu bnedmin sempliċi u ordinarji, imma laqgħu s-sejħa ta' Kristu, imxew miegħu u wara bdew jgħallmu f'ismu u jwettqu għeġubijiet kbar, li xerrdu l-Knisja mad-dinja kollha. Għalhekk ser nagħtu ħarsa ħafifa u naraw min kienu l-appostli.**



**SAN PIETRU:** Ġesù biddel l-isem ta' Xmun bin Ġona għal Pietru (isem li jfisser 'blata'; bl-Aramajk: '*kefa*'; bil-Grieg: '*petra*'). Pietru kien miżżewweġ u sajjied fil-għadira ta' Tiberija fil-Galilija; kien minn Betsajda u wara mar joqgħod f'Kafarnahum u Kristu għażlu biex ikun l-Ewwel Kap tal-Knisja u afdalu f'idejh l-imfietaħ tas-Saltna. Huwa għaraf lil Kristu bħala l-Messija fl-istqarrija tal-fidi tiegħu f'Ċesarija ta' Filippi: "Inti l-Messija..." (Mk 8:29). Kien dejjem ma' Ġesù fl-iktar mumenti partikulari bħal dak tat-Trasfigurazzjoni u tal-Ġetsemani. Bħala bniedem dgħajjef ċaħad lil Kristu fil-passjoni għal tliet darbiet imma mal-ewwel nidem. Għandna żewġ ittri kanoniċi minn tiegħu. Huwa ppriedka fil-Palestina, f'Antijokja tas-Sirja fejn kien l-ewwel isqof ta' din il-komunità, fl-Asja Minuri, fil-Greċja u wara sar Isqof ta' Ruma u l-Ewwel Papa. Ħa l-martirju f'Ruma bit-tislib b'rasu 'l isfel madwar is-sena 64 W.K. Il-Festa liturġika tiegħu hija flimkien ma' San Pawl l-Appostlu tal-Ġnus, fid-29 ta' Ġunju.

**SANT'ANDRIJA:** Andrija jew Indri' kien ħu Pietru, kien ukoll sajjied u qabel ma ltaqa' ma' Kristu kien dixxiplu ta' Ġwanni l-Battista. Meqjus fil-lvant bħala l-'*protoclete*', jigifieri l-ewwel wieħed imsejjaħ minn Kristu. Infatti skont San Ġwann ikun huwa li jintroduċi lil ħuh Pietru ma' Kristu: "Sibna l-Messija" (Ġw 1:41). Kien hu ukoll li ressaq lejn Ġesù it-tifel li kellu l-ħames ħobżiet u żewġ ħutiet għat-tkattir tal-ħobż (ara Ġw 6:1-15). Ippriedka fl-Asja Minuri u fl-Asja ta' dak iż-żmien. Ħa l-martirju f'Patras fil-Greċja billi ssallab fuq salib forma ta' 'X' (*crux decussata*), madwar is-sena 69 W.K. Għandu qima kbira fil-Knisja ta' Konstantinopli u fil-Knejjes kollha tal-Lvant, kif ukoll fil-Gran Brittanja. Il-festa tiegħu hija fit-30 ta' Novembru.

**SAN ĠAKBU:** Ġabku, bin Żebedew u ħu San Ġwann l-Evanġelista, hu meqjus bħala l-ewwel appostlu li ħa l-martirju. Hu msejjaħ 'il-Kbir' biex jiddifferenzjawh minn Ġakbu l-ieħor l-appostlu. Kien sajjied fil-Għadira tal-Galilija u flimkien ma' ħuh ġie msejjaħ minn Kristu bħala '*Boanerges*' jiġifieri 'ulied ir-ragħad' (ara Mk 3:17). Kien qabel dixxiplu tal-Battista. Preżenti hu ukoll fit-Trasfigurazzjoni u fil-Ġetsemani. Ippriedka fil-Palestina u skont it-tradizzjoni anke fi Spanja. Ħa l-martirju bil-qtugħ tar-ras fis-sena 44 W.K. minn Erodi Agrippa I, neputi ta' Erodi l-Kbir (ara Atti 12:1-2). Il-festa tiegħu hija fil-25 ta' Lulju.



**SAN ĠWANN:** Ġwanni ħu Ġabku, huwa meqjus bħala d-dixxiplu l-maħbub ta' Ġesù u dan għaliex kien għadu żagħżugħ meta ġie msejjaħ u għalhekk kellu bżonn attenzjoni partikulari. Kien sajjied flimkien ma' ħuh u missieru. Kien imqabbad minn Ġesù biex flimkien ma' Pietru jipprepara għall-aħħar ċena. L-uniku

wieħed mill-appostli kollha li baqa' preżenti fil-ġrajja tal-Passjoni fejn minn fuq is-salib Ġesù jafdalu lill-Madonna bħala ommu (ara Ġw 19:27). Flimkien ma' Pietru mar ħdejn il-qabar ta' Kristu. Huwa ppriedka fis-Samarija, fil-Greċja u fl-Asja Minuri. Kiteb ir-raba' evanġejlu, tliet ittri u l-Apokalissi. Miet f'età avanzata ħafna ġewwa Efesu fit-Turkija madwar is-sena 100 W.K. Huwa ċert li ma mietx martri. Il-festa tiegħu hija fis-27 ta' Diċembru.

**SAN FILIPPU:** Filippu hu ukoll sajjied minn Betsajda. Qabel kien ukoll dixxiplu tal-Battista u huwa wieħed minn tal-bidu li mxew wara Ġesù kif jurina Ġw 1:43. Ikun huwa li jintroduċi lil Natanjel ma' Kristu: "Sibna lil dak li fuqu kitbu Mosè fil-Liġi u l-Profeti fil-kotba tagħhom. Ġesù minn Nazaret bin Ġużeppi"..."Ejja u ara" (Ġw 1:45-46). Kif ukoll għen lil xi Griegi f'Ġerusalem qabel il-Passjoni sabiex jiltaqgħu ma' Kristu (ara Ġw 12:20-22). Skont it-tradizzjoni huwa ppriedka fl-Asja Minuri, fil-Greċja, u anke fi Franza. Ħa l-martirju skont xi uħud permezz tat-tislib fuq salib għoli f'Hierapolis ġewwa t-Turkija. Oħrajn isostnu li ġie mħaġġar. Il-festa tiegħu hija fit-3 ta' Mejju flimkien ma' San Ġakbu ż-Żgħir.

**SAN BARTILMEW:** Bartilmew hu msejjaħ Natanjel fl-evanġelju ta' San Ġwann. Kien minn Kana tal-Galilija u ġie mfaħħar minn Ġesù meta rah l-ewwel darba: "Ara, dan tassew wieħed minn Israel li jixraqlu dan l-isem; ma hemm ebda qerq fih" (Ġw 1:47). Huwa ppriedka f'Ġerusalem, fl-Asja Minuri, fl-Armenja, fil-Persja u anke skont xi uħud fl-Indja. Ħa l-martirju f'Derbend fl-Armenja billi tqaxxar ħaj. Il-festa tiegħu hija fl-24 ta' Awwissu.

**SAN TUMAS:** Tumas imsejjaħ '*Didimus*' li bil-Grieg tfisser 'it-Tewmi'. L-'appostlu tad-dubji' kif tħobb tlaqqmu t-tradizzjoni għaliex ma emminx mal-ewwel fil-qawmien ta' Kristu (ara Ġw 20:25). Iżda meta ra lil Kristu rxoxt huwa wieġeb bl-isbaħ stqarrija tal-fidi: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi" (Ġw 20:28). Skont it-tradizzjoni mar jippriedka fis-Sirja, fil-Persja u fl-Indja fejn ħa l-martirju qrib Madras, minfud b'lanza. Il-festa tiegħu hija fit-3 ta' Lulju.

**SAN MATTEW:** Mattew, bin Alfew minn Kafarnahum kien pubblikan, jiġbor it-taxxi għar-Rumani. L-isem Lhudi tiegħu kien Levi (kif insibu f'Mk u f'Lq) waqt li dak Grieg kien 'Mattew' (kif insibu f'Mt) li jfisser 'don ta' Alla'. Ġie msejjaħ minn Kristu waqt ix-xogħol tiegħu (ara Mt 9:9-13) u laqgħu għandu fid-dar għall-ikel (ara Lq 5:27-32). Huwa ppriedka b'mod partikulari fil-Palestina, fl-Asja Minuri, u skont it-tradizzjoni mar il-Persja u anke l-Etjopja. Huwa kiteb l-ewwel evanġelju bl-Aramajk kif jixhed tajjeb Papija fis-sena 130 W.K. Aktarx ħa l-martirju ġewwa l-Etjopja jew l-Eġittu. Il-festa tiegħu hija fil-21 ta' Settembru.



**SAN XMUN:** Xmun il-Kanani (skont Mt u Mk), jew Xmun iż-Żelota (skont Lq), huwa magħruf ukoll bħala Xmun l-Imħeġġeġ u kien minn Kana. Skont xi uħud huwa ppriedka fir-Russja, fl-Afrika u anke skont xi tradizzjonijiet fil-Brittanja. Ħa l-martirju fil-Persja. Il-festa tiegħu hija fit-28 t'Ottubru flimkien ma' San Ġuda Taddew.

**SAN ĠUDA TADDEW:** Ġuda tat-Taddew hu l-isem li nsibu f'Mattew u f'Mark bħala Taddew. F'Luqa u fl-Atti nsibuh bħala Ġuda ta' Ġakbu għax kien hu Ġakbu u qarib tal-Mulej (ara Ġuda 1:1). Jissemma fl-aħħar ċena waqt id-diskors ta' Ġesù (ara Ġw 14:22). Huwa awtur ta' ittra kanonika u possibbilment it-tielet isqof ta' Ġerusalem wara Ġakbu u Xmun. Ippriedka fl-Asja Minuri u fil-Persja fejn ħa l-martirju. Il-festa tiegħu hija fit-28 t'Ottubru ma' San Xmun.



**SAN ĠAKBU T'ALFEW:** Ġakbu ż-żgħir, bin Alfew huwa meqjus minn ħafna bħala l-qarib tal-Mulej kif juri San Pawl f'Gal 1:19. Huwa awtur ta' ittra kanonika u sar isqof ta' Ġerusalem u mexxa l-ewwel Konċilju ta' Ġerusalem (ara Atti 15:13 u Gal 2:9). Huwa ppriedka fis-Sirja u wara fir-Russja fejn ħa l-martirju billi qasmuh minn nofs fis-sena 62 W.K. Il-festa tiegħu hija fit-3 ta' Mejju flimkien ma' San Filippu.

**ĠUDA L-ISKARJOTA:** L-appostli kollha huma mill-Galilija minbarra Ġuda l-Iskarjota bin Xmun, li aktarx kien minn Keriot, qrib Hebron fin-nofsinhar tal-Ġudea. Ġuda kien jieħu ħsieb il-kaxxa tal-flus tal-appostli. Ittradixxa lil Kristu għal tletin biċċa tal-fidda (ara Matt 26:14-16). Miet iddisprat minħabba f'dak li għamel billi tgħallaq (ara Matt 27:3-5 u Atti 1:7). Minfloku mbagħad kien intgħażel Mattija kif naraw fl-Atti 1:23. Il-festa ta' San Mattija hija fl-14 ta' Mejju.



*Konklużjoni*

**Ġesù għamel sejħa speċjali lil dawn it-tnax-il appostlu biex imorru jippriedkaw ir-Rebħa Tiegħu fuq il-mewt, kif insibu fl-aħħar ta' kull vanġelu kanoniku; liema missjoni għada sejra u tkompli fil-Knisja b'mod partikulari fil-ħidma tas-saċerdot. Ejjew matul din is-Sena Saċerdotali Speċjali inkomplu nagħrfu il-ħtieġa tas-saċerdoti, nitolbu għall-qdusija u għas-saħħa tagħhom.**

Għawdex Qabel ir-Ritratti (22) — minn JOHN CREMONA

# Maħbuba mill-Għawdxin ta' żmien ilu...?

Il-lum qiegħed nippubblika waħda mill-eqdem inċiżjonijiet li jitrattaw suġġett dwar Għawdex, mhix veduta iżda turi l-fdalijiet ta' statwa Rumana li nstabet f'Għawdex u li hija waħda mill-aktar fdalijiet importanti ta' żmien ir-Rumani li nstabu f'Għawdex.

Din l-inċiżjoni ġiet ippubblikata fl ewwel storja ta' Malta u Għawdex '*Della Descrittione di Malta, Isola del Mare Siciliano con le sue Antichita ed altre Notizie*' miktuba mill-Kommendatur Ġian Franġisk Abela u stampat u ppubblikat mill-Istamperija tal-Palazz tal-Gran Mastru fis-sena 1647.

Huwa maħsub li l-istatwa tirrappreżenta lil Iulia Augusta, il-mara ta' l-Imperatur Augustus rappreżentata bħala Ċeres, l-alla ta' l-agrikoltura u ta' l-abbundanza. Dan huwa magħruf mill-fatt li teżisti wkoll skrizzjoni fuq pedestall ta' l-irħam li peress li jaqbel mal-qies ta' l-istatwa hu maħsub li kien tagħha. Din l-iskrizzjoni ssemmi lil Lutatia, saċerdotessa ta' l-istess Awgusta u mart Marcus Livius Optatus li kien *flamen* ta' Għawdex jew speċi tal-qassis il-kbir x'aktarx ta' l-istess alla. Kemm l-istatwa kif ukoll l-iskrizzjoni llum jinstabu fil-Mużew ta' l-Arkeoloġija fiċ-Ċittadella. Din l-istatwa hija datata għas-sekli 14 – 29 A.D. u turi li f'Għawdex f'dak iż-żmien kien hawn il-kult ta' l-imperatur u l-imperatriċi bħala divinitajiet. Ix-xogħol fuq l-istatwa huwa wieħed raffinat ferm u għalkemm l-istatwa instabet bla ras, bla idejn u bla saqajn xorta waħda hija ta' sbuħija partikolari.

Mhux magħruf meta u fejn instabet din l-istatwa. Jean Houel jgħid li *"instabet waqt l-aħħar taqlib li sar f'Għawdex"* li x'aktarx jirreferi għal xogħlijiet estensivi relatati mal-fortifikazzjoni tal-belt ta' Għawdex, jista' jkun dawk imfakkra minn lapida wkoll fil-Mużew ta' l-Arkeoloġija li ġġib id-data 1623. F'xi żmien fis-seklu sbatax jew tmintax din l-istatwa tpoġġiet f'niċċa fis-swar taċ-Ċittadella, eżattament ħdejn il-mina l-kbira. Jean Quintin fl-ewwel pubblikazzjoni li tiddeskrivi l-gżejjer Maltin *Insulae Melitae Descriptio* ippubblikat f' Lyon fl-1536, jiġifieri sitt snin wara l-miġja tal-Kavallieri, jgħid li bosta skrizzjonijiet klassiċi u partijiet minn kolonni ta' l-irħam kienu jsebbħu d-dħul taċ-Ċittadella u jfakkru l-passat klassiku tal-gżira. Kif kienet tidher l-istatwa ġewwa n-niċċa rajniha diġà fl-inċiżjoni ta' Jean Houel ippubblikata fl-ewwel artiklu ta' din is-sensiela. In-niċċa għadha tidher sa llum ibblukkata bil-ġebel fuq ix-xellug tal-mina l-kbira u ssibha eżattament faċċata meta titla' mit-taraġ ta' fuq il-ġibjuni.

Jean Houel, fl-1787 jgħid li ra r-ras ta' din l-istatwa kollha mkissra u bi tbajja' tal-linka f'ħanut ta' ħajjat fir-Rabat. Huwa jgħid li r-ras kienet tal-qies li jaqbel ma' l-istatwa u kellha kuruna tar-rand jew weraq ieħor madwarha. Kemm il-widnejn u l-imnieħer kienu mtajrin kif ukoll il-parti t'isfel bil-ħalq u l-geddum nieqsa. Houel xorta jgħid li minkejja l-kundizzjoni tagħha din ir-ras għandha tiġi ppreservata. Sfortunatament qatt ma ssemmiet aktar u ma nafux x'sar minnha.




L-inċiżjoni għandha qisien ta' 205 x 76 mm u dehret f'paġna 217 tal-ktieb ta' Abela. M'għandhiex titlu iżda l-awtur taħtha niżżel *'d'altezza palmi sette'* li jirreferi għall-qies tagħha. Ma nafux min kien l-artist jew l-inċiżur tagħha.




Għawdex 300 sena ilu
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 180
Riċerka ta' Joseph Bezzina
© 2010

# Il-maħżnier tal-qmuħ tiġih żewġ

**Id-dokument numru mija u tmenin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex tikkonsisti f'nota dwar ir-rikors imressaq minn Ġużeppi Cassar, il-maħżnier tal-Università ta' Għawdex, li ġibna fin-numru ta' qabel. Jinsab reġistrat fil-għaxar volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii,* il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1709–1710), folju 40v (NAG, UG, *Acta,* 10/1709–1710, f. 40v).**

Din hi t-traskrizzjoni tan-nota:

*Eminentissimo Signore,*

*Su ordine ali supplicato in questo memoriale, e nell'altro dato da Giovanni Zammit, ho sentito li giurati del Gozzo con haverli ordinato nel medesimo tempo che fosse posto all'incanto di quello magazzeno e fosserò sentiti li oratori. Et però havendo riportato l'annessa relazione dalla quale si ricava che l'ultima e la migliore oblazione fosse stata fatta da Giuseppe Cassar attuale magaziniere quale si offri a' servire a' ragione d'un tarì et un grano per salma; la rimetto all'Eminenza Vostra a' finchè prenda quelli resoluzioni, che le paravanno più propicue; e la redicita la mano;*

*questo dì 20 maggio 1710*

*Il Priore della Roccella, incarigato.*

Ġużeppi Cassar, kif semmejna fin-numru ta' qabel, kien għal tmien snin sħaħ il-maħżnier tal-Università, il-persuna responsabbli mill-imħażen tal-qmuħ. L-Università kienet tagħżel bħala maħżnier lil dik il-persuna li kienet titlob l-inqas kummissjoni fuq l-amministrazzjoni tal-imħażen u l-bejgħ tal-qamħ. Il-kummissjoni kienet titħallas fuq kull salma qmuħ li tinbiegħ.

Minn din in-nota jidher li fis-sena 1710, tliet mitt sena ilu, ma' Cassar tefa' wkoll l-offerta Ġanni Zammit. Cassar beża' li ma jiħux l-offerta hu u għalhekk bagħat rikors lil Raymond Perellos y Rocaful, Granmastru ta' Malta, biex jenfasizza l-ħila tiegħu bħala maħżnier. Ir-rikors ntbagħat lill-Granmastru permezz tal-Università.

Ir-rikors twassal f'idejn il-Prijur ta' Roccella, is-Siniskalk, nhar is-16 ta' April, 1710. Wara li rah, hu ordna li, peress li kien hemm iktar minn persuna waħda interessata, il-post ta' maħżnier kellu jingħata b'irkant. Fl-istess jum, din l-ordni twasslet lill-Università u talbuhom isejħu liż-żewġ konkorrenti ħalli jagħmlu l-offerta tagħhom.



Ġużeppi Cassar jidher li kien sejjer tajjeb ħafna bħala maħżnier u ried iżomm postu akkost ta' kollox. Kif ktibna fin-numru ta' qabel, fl-aħħar tliet snin hu kien qiegħed jieħu tarì u tmintax-il gran, jiġifieri rbiegħi u tmintax-il ħabba għal kull salma qmuħ. *Salma*, li bil-Malti tingħad *modd*, kien fiha 16-il tomna; għalhekk salma kien fiha 4.65 metri kubi.

Ħwejjeġ ma jitwemmnux Cassar niżżel l-offerta tiegħu għal tarì u gran, jiġifieri rbiegħi u ħabba – sbatax-il ħabba inqas. Jiġu 0.018 ewro kull salma, jiġifieri kważi żewġ Ewro ċentežmi.

L-Università bagħtet tgħarraf lis-Siniskalk b'din l-offerta. Ma jingħadx kemm kienet dik ta' Ġanni Zammit, iżda żgur ma kinitx inqas. Nhar l-20 ta' Mejju, 1710, is-Siniskalk reġa' kkonsidra t-talba u kiteb in-nota traskritta hawn fuq. Quddiem l-offerta baxxa li saret minn Ġużeppi Cassar ma tantx kellu x'jikkonsidra. Qatagħha li naturalment kellu jintgħażel Cassar.

Nhar il-20 ta' Mejju, 1710, l-Awditur ressaq l-għażla għall-approvazzjoni finali ta' Raymond Perellos y Rocaful, Granmastru ta' Malta. Hu mill-ġdid ħatar lil Cassar bħala maħżnier tal-Università ta' Għawdex.

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Kapp. Dun Ġużepp Vella

## (1890-1955)

Dun Ġużepp Vella kien is-seba' kappillan tal-Qala u dam imexxi din il-parroċċa għal 28 sena.

Ġużeppi twieled fil-Qala fis-16 ta' Mejju 1890 u tgħammed l-għada fil-knisja parrokkjali. Wara li għamel l-ewwel studju tiegħu fl-iskola tal-Qala għadda għas-Sekondarja. Wara daħal is-Seminarju fejn kompla l-kors tal-filosofija u t-teoloġija. Irċieva l-ordinazzjoni saċerdotali minn idejn l-Isqof ta' Għawdex ta' dakinhar Mons. Giovanni Marija Camilleri fit-18 ta' Diċembru 1915. Għamel l-ewwel quddiesa fis-26 ta' Diċembru tal-istess xahar.

Sa minn qabel ma ħa l-quddiesa Dun Ġużepp iddedika ħajtu għat-tfal u ż-żgħażagħ billi fetaħ fil-parroċċa tal-Qala daqsxejn ta' oratorju, li kien jissejjaħ "Mużew". Hawnhekk huwa kien jiġbor lit-tfal biex jgħallimhom id-duttrina. Dan ix-xogħol baqa' jwettqu sakemm l-isqof ta' dakinhar Mons. Giovanni Marija Camilleri sejjaħlu biex jaqdi l-uffiċċju ta' Direttur Spiritwali tas-Seminaristi. Kien ukoll imur ta' sikwit jagħmel xogħol pastorali fl-iskejjel tal-Qala. Fis-Seminarju dam ħames snin direttur spiritwali.

Wara li qagħad għall-konkors li kien speċi ta' eżami kompetittiv, Dun Ġużepp intgħażel bħala s-seba' kappillan tal-Qala. Ħa l-pussess fis-6 ta' April 1927 minn idejn il-Kan. Arċipriet Alfonsu M. Hili fil-4.00pm. Wara sar riċeviment żgħir fid-dar parrokkjali billi kien vistuż minħabba l-mewt ta' oħtu. F'dan il-pussess ħadu sehem tfal li kienu jattendu l-oratorju li kien jissejjaħ 'Mużew'.

F'apprezzament f'Leħen is-Sewwa nsibu miktub fuqu hekk: "Dun Ġużepp kien qassis eżemplari mimli biż-żelu saċerdotali u mogħti kollu kemm hu għall-ġid tal-erwieħ" (24/8/1955). Kien jgħaddi ħafna ħin fil-knisja u kien joqgħod ħafna fil-konfessjonarju. Kien tajjeb ħafna għall-priedki u kellu kelma persważiva ħafna. Kien l-ewwel kappillan f'Għawdex li waqqaf l-Azzjoni Kattolika tal-ġuvintur f'Mejju tas-sena 1931. Madankollu meta xi żgħażagħ li kienu jippromettu, ġiethom ix-xewqa li jibdew imorru l-Mużew, li twaqqaf minn San Ġorġ Preca, ma ħassrilhomx. Dan juri l-għaqal tiegħu fit-tmexxija spiritwali.

Kien jagħti pariri prudenti ħafna kif ukoll kien bniedem ta' karità. Fil-parrokat tiegħu ħadem ukoll f'diversi proġetti. Ma nistgħux nsemmuhom kollha, minħabba l-ispazju, imma xi wħud huma: il-bini tan-navi u tal-faċċata, il-pittura tal-knisja, it-tkabbir tal-kappelluni, it-tiġdid tas-saqaf tal-knisja, u d-dar tal-kappillan. B'hekk irnexxielu jibdel il-knisja parrokkjali tal-Qala mil-lejl għan-nhar.

Fl-20 ta' Diċembru 1949 tbierket l-ewwel ġebla tad-Dar tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, magħrufa bħala l-Museum, mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġużeppi Pace.



Kienet il-ħolma tiegħu li l-kwadru titulari tas-Santwarju tal-Kunċizzjoni ġie inkurunat. Dan seħħ fl-1 ta' Awwissu mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġużeppi Pace megħjun mill-Isqof Bonifacio Bertoli u minn Mons. Teofono Stella.

Fil-festa ta' San Ġużepp, li ħabtet fis-7 ta' Awwissu tal-1955 ħa sehem bħas-soltu u baqa' jqaddes u jaħdem sal-aħħar sakemm fil-11 ta' l-istess xahar ħassu ma jiflaħx serjament. Saritlu agunija mhux biss fil-knisja parrokkjali tal-Qala, iżda f'Għajnsielem u n-Nadur ukoll. Miet fit-12 ta' Awwissu 1955 fil-għomor ta' 65 sena.

F'*Leħen is-Sewwa* kien inkiteb hekk: "Il-merħla tiegħu dejjem għożżitu bħala missier u ħasset bi sħiħ it-telfa tiegħu. Il-funeral sollenni li sarlu huwa xhieda tal-ġieħ li bih kien miżmum mill-poplu kollu" (24/9/1955). Fil-funeral, l-Arċipriet tal-Parroċċi tar-Rabat, Mons. Mikiel Cefai għamel il-priedka.

Il-parroċċa tant kienet għal qalbu li anki ħallielha xi proprjetà milli kellu.

***Angelo Xuereb***

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

Għawdex Online (16)



## Kappelli Għawdxin Online (10)

# Santa Marta "tal-Għonq"



riċerka u kitba ta' SALVU FELICE PACE, sfelicepace@mail.global.net.mt

Qabel ma taqbad it-telgħa li mid-daħla għar-Rabat twassal għall-iSptar Ġenerali ta' Għawdex, fuq il-lemin tat-triq tinsab kappella b'arkitettura ħelwa ħafna. Quddiem il kappella hemm ċimiterju b'ħajt għoli. L-inħawi fejn jinsabu dawn iż-żewġ binjiet huma magħrufa bħala Ta' l-Għonq. Il-kappella hija ddedikata lil Santa Marta, oħt Lazzru.

Dawk li jsegwu din ir-rubrika dwar kappelli Għawdxin li s'issa ġew esposti fil-websajt *www.kappellimaltin.com* naħseb li nnutaw li x'uħud minn dawn il-kappelli huma marbuta mal-istorja soċjali ta' pajjiżna. Il-kappella ta' Santa Marta mhix eċċezzjoni.

Fl-1865 kienet faqqgħet il-marda kiefra tal-kolera fost il-pellegrini li kienu fi żjara f'Mekka. Minn hemm waslet f'Lixandra fl-Eġittu u aktar tard daħlet ukoll f'Malta. Kien baħri Għawdxi li daħħal il-marda f'Għawdex u l-websajt tagħti bħala d-data ta' meta ġrat din id-diżgrazzja kbira, bħala l-21 ta' Lulju 1865.

Dwar l-epidemiji tal-kolera li feġġu tul l-istorja idħol f'*www.en.wikipedia.org/wiki/List_of_epidemics*. Fost dawk l-epidemiji hemm dik tal-1865. *Online* issib ukoll ħafna artikli studjati dwar din il-marda u diversi reċessjonijiet ta' kotba dwarha. Fost il-popolazzjoni ta' 134,000 f'Malta u Għawdex, kien hemm 3106 każ ta' kolera, li madwar nofshom mietu. L-aktar tarka effettiva ta' difiża minn din il-marda kien l-iżolament u prekawzjonijiet oħra bħal dak tal-ilma mgħolli u ndafa ġenerali.

Hawn tidħol il-koppja Rose u Feliċ Attard, it-tnejn persuni reliġjużi ħafna, li fl-iżolament tagħhom daru għat-talb biex jiġu meħlusa minn dan il-flaġell. Wegħdu li jekk jeħilsuha huma jibnu kappella li jiddedikawha lil Santa Marta. Żammew kelmthom u fl-1866 bdew u spiċċaw il-bini tal-kappella. Bħala rettur kien inħatar Dun Frans Grech, in-neputi tal-koppja.

Il-websajt tagħti spjega dettaljata ħafna tal-arkitettura tal-kappella. Hemm koppla ħexagonali b'lanterna fuqha u salib fil-quċċata. Il-kampnar fuq il-lemin jagħti dehra x'aktarx unika lil din il-kappella. Iċ-ċokon tagħha twasslek biex tħares lejn din il-kappella bħala minjatura. Iżda miċ-ċokon tagħha dejjem qdiet u għadha taqdi l-bżonnijiet tan-nies tar-Rabat. Il-pittura titulari tal-Madonna bil-Bambin, xogħol ta' Pawlu Cuschieri juri lil Santa Marta tinterċedi għall-erwieħ tal-purgatorju. L-istatwa ħelwa ta' Santa Marta hija xogħol ta' Albert Micallef.

Is-sit issemmi l-monument fil-ġebla tal-erwieħ tal-purgatorju f'basso-riljev. Il-Ministeru ta' Għawdex



għarrafni li dan jinsab f'post ta' sigurtà. Qed isiru taħditiet mal-Kurja dwar fejn għandu jitpoġġa u wara dan jintalab il-permess tal-MEPA biex isir ix-xogħol. Il-kuratur tal-kappella huwa Dun Renato Borg.

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

TIEQA FUQ L-AMBJENT (15)

# ID-DURRAJSA



*(Dan huwa l-ħames artiklu minn sensiela dwar l-għasafar li jbejtu f'Għawdex)*

*kitba u ritratti ta'* **Joe Sultana**

Kulħadd semgħa bil-kelma **Durrajsa**, isem ta' għasfur li jbejjet fil gżejjer Maltin. Iżda llum ftit huma dawk li jaraw dan l-għasfur li jbejjet anke f'Għawdex. Fl-imgħoddi id-Durrajsa kienet tbejjet kullimkien, matul il-kampanja Għawdxija kollha. Illum rari ħafna. Ftit pari għadhom ibejtu. Rari tisma' l-għanja karatteristika tar-raġel, tertira mkarkra, li jsemma' meta jkun imperreċ fuq il-quċċata ta' xi arbuxell jew siġra baxxa. Dari kont tisma' l-għanja tiegħu tidwi fil-kampanja kollha, matul l-istaġun tal-bejta, biex iħabbar fejn hu t-territorju tiegħu. Fi stħarriġ li sar f'dawn l-aħħar sentejn madwar sittax-il par biss kien hawn imxerrda f'Għawdex, fl-inħawi tal-Għarb u d-Dwejra u fil-medda wiesgħa tax-xagħri f'Ta' Ċenċ.

L-isem xjentifiku tad-**Durrajsa** huwa ***Miliaria calandra***. Il-kelma *Miliaria* hija l-isem bil-Latin ta' għasfur imsemmen għall-ikel; ġejja mill-kelma Latina *milium* li tfisser ikel li bih jitimgħu lill-għasafar. Il-kelma *calandra* ġejja mill-isem Grieg *kalandra*, tip ta' alwetta/bilbla msemmija minn Oppianus li x'aktarx kien igħix fit-tieni seklu wara Kristu, u kien awtur ta' poeżija Griega *Ixeutika* li tfisser "insib għall-għasafar".

Id-**Durrajsa** hija ħarira akbar mill-għasfur tal-bejt, kemxejn imbaċċa, b'tul ta' minn 16 sa 19-il ċentimetru. M'għandhiex kuluri li jolqtu l-għajn. Kannellija minn fuq u bajdanija minn taħt, b'ħafna daqqiet u marki kannella skuri, l-iżjed fuq daharha, rasha u sidirha. Ir-raġel u l-mara għandhom l-istess kuluri.

Tħobb kampanja għerja u miftuħa, xagħri b'xi arbuxelli, anki art agrikola, speċjalment fejn jitkabbru ċ-ċereali. Jekk it-temp jippermetti u jkun tajjeb ġieli tibda taħseb għall-bejta anki għall-aħħar ta' Frar. Tibni bejta kemxejn goffa b'ħuxlief rqiq, imma bil-qaleb minn ġewwa pulit li jkun miksi b'għeruq rqaq u fini, xi drabi anki b'xagħar twil ta' annimali. Tibniha fl-art qalb il-ħaxix jew fil-qalba ta' xi xitla jew arbuxell żgħir.

Il-mara tbid minn 4 sa 6 bajdiet ta' lewn abjad jagħti kemxejn fil-vjola, b'tikek u ħżuż u dbabar żgħar, suwed, kannella u vjola skur. Il-mara biss issaħħan il-bajd. Ir-raġel joqgħod igħanni t-tisfira karatteristika tiegħu, imperreċ fuq xi arbuxell jew siġra biex forsi jiġbed lejh xi mara oħra, għax ġieli jkollu iżjed minn mara waħda fl-istaġun tal-bejta. Il-bajd ifaqqas wara xi tnax-il jum u l-frieħ, li jkunu miksija b'rix kannella safrani, jittajru xi għaxart ijiem wara, meta jkunu għadhom ma jafux itiru



*Durrajsa mperrċa fuq siġra tat-tin (ritratt ta' Aron Tanti)*



*Bejta tad-Durrajsa b'ħames bajdiet (ritratt ta' Joe Sultana)*

sewwa għal xi tul. Minħabba li l-bejta tkun baxxa ħafna kważi mal-art, ħafna bejtiet ma jirnexxux għax ħafna drabi is-sriep, il-firien u anke xi kelb tal-kaċċa, jieħdu l-bajd u l-frieħ.

Il-ftit pari tad-Durrajsa li jbejtu f'Għawdex huma residenti u jżommu hawn is-sena kollha. Iżda fi żmien il-passa d-Durrajsa tpassi wkoll, ħafna drabi fi qtajja' żgħar, fil-bidu tar-rebbiegħa u tal-ħarifa. Matul ix-xhur tas-sajf il-ftit Durrajs residenti jħobb jingabar flimkien u jżur xi għadira bl-ilma. Fil-fatt meta d-Durrajsa kienet iżjed komuni fl-imgħoddi, ġieli kien ikun hemm qtajja' kbar li jżommu fl-inħawi tad-Dwejra fejn kienu spiss imorru jixorbu mill-għadira tal-Qattara.



*Bejta tad-Durrajsa b'ħamest ifrieħ (ritratt ta' Joe Sultana)*



*Durrajsa ħdejn il-bejta bil-frieħ jitkarrbu għall-ikel (ritratt ta' Karl Strosberg)*



*Ferħ tad-Durrajsa li għadu kif ittajjar mill-bejta (ritratt ta' Joe Sultana)*






*Mil-Lenti tat-Telekamera* — *Għawdxin fit-Tielet Dinja*

# *Rolandia, fejn Padre Josè Agius huwa ragħaj spiritwali, ħabib ta' kulħadd u katalist ta' proġetti*



*kitba u ritratti ta'* **ALVIN SCICLUNA**

Nazzarda nlaqqam lil Monsinjur Ġużeppi Agius id dekan tal-missjunarji Għawdxin. Mhux għaliex il-missjunarji huma xi ġerarkija jew għandhom xi kapitlu. Imma għaliex illum hu fost l-iktar anzjani. Mar il-Brażil meta meded kbar ta' art kienu għadhom sotto żviluppati. Beda mix-xejn. Illum, meta tħares lura lejn esperjenza li tgħodd 'l fuq minn erbgħin sena, il-ħidma pastorali u soċjali li wettaq dan is-saċerdot Munxari, nikklassifikahom bħala iktar minn eċċezzjonali. Huwa sinonimu mal-ħolqien tal-belt ta' Rolandia fl-istat tal-Paranà għaliex kiber magħha u fi kważi nofs seklu, biddel ħafna ħolm f'realtà. Hekk stqarrew magħna ċittadini rispettati ta' din il-belt. Dun Ġużepp, jew Padre Josè kif bosta jgħajtulu b'ton familjari, hu iktar rispettat mill-politiċi li jamministraw din il-parti tal-Brażil.

Laqatni wkoll is-sens ta' maturità avanzata ta' Dun Ġużepp. F'kull proġett li ħoloq, dejjem iddelega. Mhuwiex faċli li l-bniedem joħlom u jwettaq sabiex imbagħad jgħaddi dak kollu li jkun fassal f'idejn ħaddieħor. Din hi l-kariżma ta' Dun Ġużepp! Minkejja li hu Brażiljan iktar minn bosta Rolandiżi għax ilu jgħix fil-Brażil iktar minnhom, ma nesa qatt il-prinċipju li l-missjunarju huwa għasfur tal-passa. Qiegħed f'pajjiż ħaddieħor biex iwettaq ħidma soċjali u pastorali, mhux biex ibiddel l-istil t'għixien tan-nies tal-post.

Għal ħafna snin, lil Dun Ġużepp kont nafu mill-vista... saċerdot missjunarju li ta' kull sena jitfaċċa f'Mejju qrib il-festa ta' San Pawl fil-Munxar u wara ftit tal-ġimgħat, jisparixxi mill-ġdid minn Għawdex. Kont naf li jgħix f'xi pajjiż tal-Amerika t'Isfel. Il-pass tiegħu mgħaġġel mhuwiex konformi mal-istil ta' ħajja f'raħal Għawdxi. Kien wara li żort lil Dun Ġużepp darbtejn li ntbaħt li, minkejja l-età mhux żgħira tiegħu, moħħu, qalbu u l-karattru tiegħu għadhom żgħażagħ, friski u bieżla. Dun Ġużepp żgur mhuwiex ser iħalli t-tokki tal-arloġġ tal-ħin jilħquh u jtellfuh milli jattwa l-proġett li jkun imiss! Laqqgħani miegħu Pawlu Curmi, ħabib tal-qalb li kien diġà żaru f'Rolandia. U Dun Ġużepp ma tantx dam biex akkwista d-dokumenti u l-permessi kollha meħtieġa minn *troupe* televiżiv.

Dun Ġużepp Agius kien parti mill-ewwel gruppi ta' seminaristi Maltin u Għawdxin li ħallew lil pajjiżhom biex iservu f'art tal-missjoni. Illum, hu diffiċli ferm li torbot lil Rolandia ma' pajjiż tal-missjoni, għaliex, ħlief it-toroq tal-periferija fiż-żona tal-Qawmien, il-faqar assoċjat mal-missjoni ma tantx huwa evidenti. Iżda ħamsin sena ilu, (Dun Ġużepp jagħlaq ħamsin sena fil-Brażil fl-2011) ir-realtà kienet bil-wisq differenti. Dun Ġużepp kiber mal-belt u mal-abitanti l-ġodda tagħha li kważi kollha kienu immigrati. Ta xhieda tal-preżenza t'Alla kull meta kien hemm bżonn u rebaħ il-fiduċja tal-parruċċani. Għallem lil bosta tfal u żgħażagħ li maż-żmien kibru u kisbu karigi fid-diversi setturi tas-soċjetà. Illum, wara iktar minn erbgħin sena ta' ħidma kontinwa li matulhom għen fi proġetti ta' fejda, Padre Josè, Brażiljan, għadu l-persuna ta' riferenza kull meta jitfassal xi proġett soċjali.

Il-ġar tiegħu fil-ġenb tal-misraħ ewlieni ta' Rolandia huwa l-ex sindku Evrides Moura. Iżda l-ħbiberija ta' bejniethom tmur lill'hinn mill-kunċett ta' ġirien, kif spjegalna meta tlabnieh jagħtina kumment: *Niftakar lil Padre Jose' seminarista, u iktar tard, maħtur kappillan tal-post. Hu l-ġar tiegħi u għandna ħbiberija speċjali, l-aktar bil-mod li hu jġib ruħu bħala persuna umana u bħala kappillan t'hawnhekk. Il-ħidma soċjali li ħoloq fil-belt hi tassew ammirevoli. Jgħix ir-reliġjon li jippriedka. Kemm bħala sindku kif ukoll bħala deputat statali u kunsillier snin ilu, ilni bosta snin nosserva din il-ħidma tiegħu fis-settur soċjali. Permezz tal-parroċċa, ta' l-inizjattiva tiegħu, u bis-sapport tas-sorijiet franġiskani li wkoll ġew Rolandia minn Malta u minn Għawdex, hu wettaq proġetti soċjali kbar.*

Proġett li qiegħed jikber iktar ma' jgħaddi ż-żmien huwa dak magħruf bħala SOAME (SOciedade AMbiental Educacional). Kienet fuq inizjattiva tal-parroċċa li twaqqfet din l-għaqda mhux governattiva biex toffri għajnuna lil tfal, żgħażagħ, u minn xi daqqiet anke adulti li jiġu bżonnha. Illum, is-Soame, li għandha s-sostenn ta' NGOs oħra fil-Ġermanja, tiġi mgħejjuna wkoll mill-muniċipalità ta' Rolandia. Żorna dar b'ġonna kbar mogħtija minn familja Lhudija lill-parroċċa. Hawnhekk, tmenin tfal subien u bniet li ġejjin minn familji mfarrka, jiġu mgħallma ftit mir-regoli tal-ħajja u jingħataw l-imħabba li tant għandhom bżonn. Il-*careworkers* jippruvaw juruhom x'inhi l-imħabba. Minn kif iħarsu u jaġixxu, jidher ċar li dawn it-tfal jgħixu f'ambjenti diffiċli. Id-direttur pedagoġiku tal-proġett Soame hija Maria Luisa de Oliveira Muller. Lilna qaltilna: *Sar fuq inizjattiva ta' Monsinjur Agius li ħajjar lill-membri tal-parroċċa jibdew jieħdu inizjattiva u jwarrbu lit-tfal milli jiġġerrew fit-toroq. L-għan tagħna mhuwiex biss li*

*nwarrbuhom mill-perikli tat-triq, iżda li ngħaddulhom il-ħafna opportunitajiet li jkollna. B'dan il-mod, innaqqsu d-differenzi kbar li jeżistu fis-soċjetà tagħna. Irrid ngħid li t-tfal li jattendu s-Soami ġejjin minn familji mfarrka, bil-ġenituri l-ħabs, bi storja ta' droga u xorb, kif ukoll vittmi tal-vjolenza. Għandna tfal li raw lil missierhom jinqatel quddiem għajnejhom stess. Is-Soame taħdem ma' dawn it-tfal u toffrilhom kwalità ta' ħajja aħjar. Huma jattendu l-iskola f'parti mill-ġurnata u mbagħad fil-parti l-oħra jiġu hawn fejn nagħtuhom breakfast filgħodu u ikla f'nofsinhar. Hawnhekk jitgħallmu jieħdu ħsieb il-ġnien, jitgħallmu ż-żfin – anke dak tradizzjonali, u anke jdoqqu strumenti. Għandhom opportunità li jiżviluppaw f'nies utli għas-soċjetà. Inwarrbuhom kemm nistgħu mill-perikli tad-droga għax ħafna minnhom jgħixu fil-periferija tal-belt fejn id-droga hi preżenti. Dan mhuwiex proġett assistenzjalista. Nixtiequ li t-tfal u ż-żgħażagħ jitgħallmu jsolvu l-problemi tagħhom huma stess.*

Fil-periferija tal-belt, żorna żoni mdaqqsa fejn jgħixu familji mhux daqstant tat-tajjeb. Hawnhekk il-missjunarju għandu piż akbar, għaliex hu d-dmir tiegħu li jnaqqas id-differenzi u l-kuntrasti tal-komunitajiet fdati lilu. F'din ix-xaqliba ta' Rolandia, magħrufa bħala tal-*Qawmien*, għaliex anke hawnhekk, Monsinjur Agius bena knisja kbira u sabiħa sabiex iressaq il-Dar t'Alla eqreb lejn dawn in-nies, innutajna djar oħra miżbugħin bl-ilwien tas-Soami. Dar minnhom inbidlet fi *crèche* għal tfal ta' bejn is-sentejn u t-tmien snin. Fiha jattendu tmenin tifel u tifla, kollha ġejjin minn familji foqra. Hawnhekk, jiġu mgħallma l-ewwel passi ta' l-iskola u jingħataw ikel sustanzjuż.

B'dan il-mod, it-tfal ikunu miġbura, u l-ġenituri tagħhom ikunu jistgħu jmorru jaħdmu. Il-gvern, permezz tal-Kunsill Lokali offra żewġ għalliema u minn żmien għal żmien, ikun hemm ukoll volontiera barranin li jgħixu esperjenza ta' bejn sitt xhur sa sena. F'ċentri oħra żgħar, stajna nosservaw żgħażagħ jitgħallmu l-*computer* u nisa jaħdmu l-ħjata biex b'hekk jaqilgħu dik ix-xi ħaġa iktar biex isostnu l-familja. L-id tas-solidarjetà taħdem biex anke fil-ħin liberu, dawn in-nies jingħataw l-opportunità ta' żvog li joffri pjaċir bħall-iskola tas-samba tard filgħaxija. F'din ix-xaqliba wkoll, Mons Agius ħoloq il-Proġett **"EVANGELIZ'ART"**, fejn kważi mitt adolexxenti u żgħażagħ minn naħa tal-Qawmien jiżfnu *hip hop* b'messaġġi reliġjużi. Dan il-grupp



tant mexa l-quddiem fit-teknika ta'dan iż-żfin, li qiegħed jiġi mistieden biex imur jippreżenta l-messaġġi tiegħu anki f'laqgħat kbar tad-Djoċesi.

Ħolma oħra li kellu Dun Ġużepp Agius u li saret realtà, hu l-proġett AMOR. Hu immirat għal żgħażagħ ta' bejn is-sittax u t-tmintax il-sena li ġejjin minn familji foqra sabiex jitgħallmu jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Dawn iż-żgħażagħ ftit isibu opportunitajiet ta' xogħol. Kienet il-parroċċa li bdiet il-proġett. Il-Kunsill Lokali ħoloq sistema ta' parkeġġ bi ħlas li qiegħed jiġi mmaniġġjat minnhom. B'kollox hemm involuti ħamsin żagħżugħ. Filgħodu jaħdmu u wara nofsinhar jattendu l-iskola. Il-flus li jaqilgħu jmorru f'fond komuni u fl-aħħar tax-xahar, jinqasmu bejniethom. Il-flus ma jingħatawx lit-tfal iżda lill-ġenituri tagħhom biex jintużaw b'mod għaqli. Kull nhar ta' sibt filgħodu, Monsinjur Agius jagħtihom formazzjoni umana u reliġjuża, u darba fix-xahar, anke l-ġenituri tagħhom jattendu għal dawn il-laqgħat.

L-Isptar San Raffaele huwa eżempju tajjeb tal-koperazzjoni li teżisti bejn il-gvern u l-parroċċa. Jinsab fiċ-ċentru ta' Rolandia u minkejja li mhuwiex xi sptar ġenerali li jaqdi numru kbir ta' pazjenti fl-istess ħin, huwa modern u prattiku. Hu attrezzat sabiex jaqdi l-bżonnijiet mediċi tat-tmenin elf abitant ta' Rolandia. Għal darba oħra, sibna l-involviment tal-missjunarju fl-istorja tiegħu.

Il-ħamrija għammiela tal-Paranà ġibdet lejjha bosta emigranti minn pajjiżi oħra tad-dinja. Hawnhekk insibu ħafna pjantazzjonijiet kbar tal-kafè, kif ukoll meded kbar ta' raba' li fihom jitkabbar iz-zokkor u s-*soya* sabiex imbagħad dawn jiġu raffinati u mibdula f'*alcohol* għall-produzzjoni ta' petrol ambjentali. Infatti, dan il-*green fuel* iforni 25 fil-mija tal-bżonnijiet tal-petrol tal-Brażil. Flimkien mal-qamħirrun, qed tikber il-produzzjoni taċ-ċitru, tant li l-koperattiva tal-bdiewa *Corol* bniet impjant li kapaċi jipproduċi sa' tminn t'elef tunnellata ta' *orange juice* fis-sena, li jiġi esportat, l-iktar lejn l-Ewropa. Ma stagħġibniex meta sirna nafu li anke fis-settur agrikolu, Dun Ġużepp kien attiv biex setgħet titwaqqaf din il-koperattiva bejn il-bdiewa ta' Rolandia u l-madwar. Anke din, bħal tal-isptar, hi storja oħra li jixraqilha artiklu għaliha biss!

Nixtieq inżid li dan l-artiklu ma jista' qatt jittieħed bħala riferenza ta' dan il-pajjiż kbir. Il-Brażil hu wieħed mill-ikbar pajjiżi tad-dinja u r-realtà li għext f'din il-parti tal-Paranà mhijiex għajr ramla żgħira fuq xtajta kbira. Konvint li dan is-saċerdot, li minkejja l-età tiegħu, hu dinamiku u attiv daqs atleta żagħżugħ, għad baqgħalu ħafna x'joffri lill-merħla fdata f'idejh. Nittama li fil-futur mhux imbiegħed, ikolli x-xorti nerġa' nżuru sabiex nitgħallem xi ftit il-psikoloġija ta' Monsinjur Agius, il-missjunarju li fis-skiet u mingħajr wisq daqq ta' trombi, mexa passi ta' ġgant sabiex iwassal il-messaġġ ta' Kristu kif San Pawl wassalulna f'Malta, fil-qlub u l-imħuħ tal-komunitajiet li tagħhom huwa pastoralment responsabbli.

*Alvin Scicluna hu l-producer u d-direttur tal-programm* ***Għawdex Illum*** *li minn żmien għall-ieħor itella' dokumentarji televiżivi minn artijiet imbiegħda tal-missjoni sabiex iwassal il-messaġġ ta' ħbiebna l-missjunarji lill-poplu ta' Malta u Għawdex.*

## TISLIBA MALTIJA U BIBLIKA

*Ħajr lil Emmanuel Ellis*

***Mimdudin***

1 Teħdida ta' aktar minn darba (7)
7 Fjur jew reċipjent tax-xaqquf (5)
8 Gara (7)
9 Dak li jżurna u jeħtieġ nilqgħuh (6)
11 Kontra ta' "ftit" (5)
13 L-isbaħ jum tiegħu kien meta l-Mulej daħal bih Ġerusalem (4)
14 Il-binja li qed titlesta (7)
15 Dik il-virtù li Abraham hu mudell tagħha għalina (4)
16 Kos sab "s" wara u quddiem (5)
17 Jiżbalja min imur kontra l-liġi tagħha (6)
21 Isem l-ewwel dizzjunarju li nkiteb tal-ilsien Latin (7)
22 Tkemmixlek ħalqek u wiċċek (5)
23 Tixxotta jdejk kważi bit-Taljan (7)

***Weqfin***

2 Il-qima lill-allat foloz (10)
3 Hekk ikunu l-partitarji (8)
4 Mingħajr dellijiet (4)
5 Dan ibiddel sufu iżda mhux għemilu (4)
6 Min hu hekk jeħtieġ il-maħfra (4)
9 L-iben li beda bit-"t" (5)
10 Numri u figuri u interpretazzjoni (10)
12 Tajba u ħelwa (5)
13 Il-ġnus barranin li għamluna kolonja (8)
18 Min iqum hekk ma jaqbadx ħut (4)
19 Jitwieled f'ħafna ilma u jmut fi ftit (4)
20 Għamlu bħall-għasafar wara li rabbew ir-rix (4)



**TISLIBA - Frar 2010**

Isem u Kunjom ______________________________

Indirizz ______________________________

______________________________

*Post Code* ________________

*It-Tisliba trid tasal lil "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex, mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' Marzu 2010. Ir-rebbieħ jingħata premju ta' tliet kotba tal-Lumen Christi Publications.*

**Ir-rebbieħa tat-Tisliba Novembru 2009 hi Lina Brockdorff, 7, Triq il-Pinta, L-Ibraġ, SWQ 2010, Malta.**


# RAYMOND CEFAI
## TAL-KELBA LTD.

- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE & GENERATOR HIRE**



**"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.**
**Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169**

**MIX-XENA SPORTIVA F'GĦAWDEX** *minn* **Joe Bajada**



# *Athletix - Skola ta' l-Atletika f'Għawdex, Premjazzjoni 2009*

Fis-sena 2007 twaqqfet skola ta' l-atletika f'Għawdex sabiex tagħti l-opportunità lit-tfal Għawdxin jiżviluppaw lilhom infushom, kemm mill-aspett fiżiku kif ukoll fil-karattru tagħhom f'ambjent ta' kompetizjoni sportiva.

Il-konkorrenza tat-tfal kienet dejjem inkoraġġanti għall-kowċis, Mario Bonello u Paul Camilleri, it-tnejn kowċis kwalifikati mill-IAAF. Il-ġenituri tat-tfal ukoll urew dedikazzjoni lejn dan il-proġett ġdid ġewwa Għawdex u taw u għadhom qed jagħtu l-għajnuna tagħhom sabiex id-diffikultajiet li l-gżira ta' Għawdex għandha fl-ambitu sportiv jiġu superati.



Fost id-diffikultajiet li wieħed jinnota hemm in-nuqqas ta' trakka ta' l-Atletika. Kemm Mario kif wkoll Paul ma naqsux milli jirringrazzjaw lill Kumitati tal-futbol tan-Nadur u tal-Qala li offrew l-użu tal-grawnd tagħhom. Il-Kunsilli Lokali ta' dawn il-lokalitajiet ukoll għenu mhux ftit biex dan il-proġett jitkompla.

*Athletix* tagħti wkoll l-opportunità, lil dawk it-tfal li jkunu jixtiequ, li jikkompetu ġewwa Malta. Il-kowċis fil-fatt huma sodisfatti ħafna li wħud mit-tfal saħansitra rebħu kompetizzjonijiet organizzati f'Malta mill-*Malta Amateur Athletic Association* fil-Marsa. Dan jimla lill kulħadd bil-kuraġġ. Ġie nnutat mingħajr l-ebda dubju, li ġewwa Għawdex hemm talent tajjeb biżżejjed li jekk jiġi żviluppat, permezz ta' taħriġ tajjeb u attrezzaturi aħjar, xi atleti jkunu jistgħu jifformaw parti mit-tim nazzjonali Malti tal-atletika.

Iżda sabiex dan iseħħ irridu ninvestu aktar, u mhux biss fl-infrastruttura iżda wkoll f'mentalità sportiva. Hemm bżonn li aktar ġenituri japprezzaw iżjed l-importanza ta' l-isport fil-ħajja ta' uliedhom. Hemm bżonn li kulħadd jifhem li l-attività fiżika tista' tgħinek anke fl-istudju u hija essenzjali fl-iżvilupp ta' l-individwu.

Waqt it-taħriġ, it-tfal jipprattikaw dixxiplini varji ta' dan l-isport, li jinkludu l-ġiri, kemm fil-qosor kif ukoll fit-tul, il-qbiż, kemm dak fit-tul kif ukoll dak fil-għoli, u t-tfiegħ. Dawn id-dixxiplini varji jiġu ntegrati f'logħob divers fejn it-tfal jikkompetu f'timijiet differenti. Għalhekk sa minn età żgħira t-tfal jitgħallmu jaħdmu bħala tim, imma f'ambitu kompetittiv. Dan ukoll huwa importanti f'soċjetà li, sfortunatament, qiegħda kull ma jmur, issir aktar individwalistika.

Matul ix-xahar ta' Diċembru li għadda saret l-ikla annwali ta' din l-iskola u t-tfal kollha, li l-età tagħhom tvarja minn ħamsa sa għoxrin sena, ngħataw premju personalizzat għax-xogħol li wettqu matul is-sena. Dan kien sponsorjat minn Puma u Errea. Ingħataw premijiet speċjali lil erba' atleti, Andrea Schwaiger, Anthony Xuereb, Jolene Debattista u Christof Schwaiger, li d-distingwew ruħhom matul is-sena, kemm għall-prestazzjonijiet tagħhom kif ukoll għad-dedikazzjoni li wrew u għall-eżempju tagħhom għal sħabhom waqt it-taħriġ. Kemm Paul kif wkoll Mario għamluha ċara li l-atleti tas-sena ma jiġux magħżula fuq il-prestazzjonijiet biss, iżda ukoll fuq fatturi oħra li għall-iskola huma daqstant importanti.

Wieħed jista' jissieħeb ma' dan il-grupp ta' atleti billi jċempel fuq 7956 4861 jew 7982 2828 jew permezz ta' e-mail fuq *athletixgozo@gmail.com* .

*Café & Wine Bar*
**KAPUTA**
*Pizza & Local Dishes*
60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074



# L-Għoljiet t'Għawdex

*Versi ta' Anton F. Attard*
*Ritratt ta' Richard Grech*

## 2. IN-NUFFARA



*Fil-Ivant t'Għawdex sentinella*
*għandna l-għolja tan-Nuffara,*
*tgħasses dejjem żewġ irħula*
*tan-Nadur u dak tax-Xagħra.*

*Tħares 'l isfel lejn ir-Ramla,*
*fuq Ta' Ħamet jew Tax-Xħajma,*
*lejn id-dawra tat-tiġrija,*
*fejn żgur ħadd ma jsuq bil-lajma!*

*Fuq din l-għolja wieqfa w'rieqda,*
*kien hemm raħal wisq qadim,*
*raħal żgħir tal-preistorja,*
*skont ma nafu mit-tagħlim.*

*Żmien il-Bronż dik l-era tagħhom,*
*nies tal-gwerra kienu daw'*
*hemm fuq kellhom bjar il-ħażna*
*biex għat-tul hemm jabitaw.*

*U fi żmien il-Kavalieri*
*fuqha kien isir in-nar*
*il-ħuġġieġa minn tan-nafra*
*raġġ billejl, duħħan binhar.*

*Ġenna għall-bdiewa u għan-nassaba,*
*ġenna wkoll għall-kaċċaturi,*
*żara', silla, uċuħ kotrana,*
*fwieħa u ġmiel tal-ward u l-fjuri.*

# Djamanti ta' Għawdex

*Ritratti ta' Joseph J.P. Zammit*

## NIĊEĊ - XHIEDA TAL-FIDI FIT-TOROQ TAGĦNA












**Teen Plus**
Setting youth
in the right direction

- For teenagers 13 - 18 years
- Savings Account
- Access Account
- Attractive Interest Rates
- Free Direct Credit of Stipend / Salary
- Free APS Bank Premier Card

**Tel: 2122 6644**
**www.apsbank.com.mt**

APS 100
1910 - 2010
YEARS OF
COMMUNITY BANKING

*APS Bank Ltd is licensed to undertake the business of Banking and to conduct Investments Services business by the Malta Financial Services Authority and is enrolled in the Tied Insurance Intermediaries List under the Insurance Intermediaries Act 2006*